Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali
Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

2024/0301(COD)5.6.2025

EMENDI
32 - 231

Abbozz ta' rapport
Johan Danielsson, Andreas Schwab
(PE772.171v01-00)

Interfaċċa pubblika konnessa mas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern għad-dikjarazzjoni tal-postazzjoni tal-ħaddiema u emenda tar-Regolament (UE) Nru 1024/2012

Proposta għal regolament
(COM(2024)0531 – 2024/0301(COD))

Emenda 32
Johan Danielsson, Marc Angel, Gabriele Bischoff, Marianne Vind, Vivien Costanzo, Vilija Blinkevičiūtė, Brando Benifei, Marit Maij, Laura Ballarín Cereza, Adnan Dibrani, Idoia Mendia, Alicia Homs Ginel, Elisabeth Grossmann, François Kalfon

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Id-Direttiva 2014/67/UE għandha l-għan li tiffaċilita l-eżerċizzju tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi u l-funzjonament tas-suq intern, kif ukoll li tiggarantixxi r-rispett għal livell xieraq ta' protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema ppostjati għall-forniment transfruntier ta' servizzi, b'mod partikolari fir-rigward tal-infurzar tat-termini u l-kundizzjonijiet tal-impjieg li japplikaw fl-Istat Membru fejn is-servizz għandu jiġi pprovdut f'konformità mal-Artikolu 3 tad-Direttiva 96/71/KE. Skont l-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2014/67/UE, l-Istati Membri jistgħu jimponu biss rekwiżiti amministrattivi u miżuri ta' kontroll sa fejn ikun meħtieġ sabiex jiġi żgurat monitoraġġ effettiv tal-konformità mal-obbligi stabbiliti f'dik id-Direttiva u fid-Direttiva 96/71/KE u dment li dawn ikunu ġustifikati u proporzjonati f'konformità mad-dritt tal-Unjoni. Meta dan ikun il-każ, l-Artikolu 9(1)(a) tad-Direttiva 2014/67/UE jippermetti lill-Istati Membri jimponu obbligu fuq fornitur ta' servizzi stabbilit fi Stat Membru ieħor li jagħmel dikjarazzjoni sempliċi lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali responsabbli sabiex ikunu jistgħu jsiru kontrolli fattwali fuq il-post tax-xogħol. Tibqa' r-responsabbiltà tal-Istati Membri li jiddeċiedu, fil-limiti tal-ġustifikazzjoni u l-proporzjonalità, f'liema każijiet jitolbu dikjarazzjoni tal-postazzjoni u liema informazzjoni jrid ikun fiha din id-dikjarazzjoni.	(2) Id-Direttiva 2014/67/UE għandha l-għan li tiffaċilita l-eżerċizzju tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi u l-funzjonament tas-suq intern, kif ukoll li tiggarantixxi r-rispett għal livell xieraq ta' protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema ppostjati għall-forniment transfruntier ta' servizzi, b'mod partikolari fir-rigward tal-infurzar tat-termini u l-kundizzjonijiet tal-impjieg li japplikaw fl-Istat Membru fejn is-servizz għandu jiġi pprovdut f'konformità mal-Artikolu 3 tad-Direttiva 96/71/KE. Skont l-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2014/67/UE, l-Istati Membri jistgħu jimponu biss rekwiżiti amministrattivi u miżuri ta' kontroll sa fejn ikun meħtieġ sabiex jiġi żgurat monitoraġġ effettiv tal-konformità mal-obbligi stabbiliti f'dik id-Direttiva u fid-Direttiva 96/71/KE u dment li dawn ikunu ġustifikati u proporzjonati f'konformità mad-dritt tal-Unjoni. Meta dan ikun il-każ, l-Artikolu 9(1)(a) tad-Direttiva 2014/67/UE jippermetti lill-Istati Membri jimponu obbligu fuq fornitur ta' servizzi stabbilit fi Stat Membru ieħor li jagħmel dikjarazzjoni sempliċi lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali responsabbli sabiex ikunu jistgħu jsiru kontrolli fattwali fuq il-post tax-xogħol. Tibqa' r-responsabbiltà tal-Istati Membri li jiddeċiedu, fil-limiti tal-ġustifikazzjoni u l-proporzjonalità, f'liema każijiet jitolbu dikjarazzjoni tal-postazzjoni u liema informazzjoni jrid ikun fiha din id-dikjarazzjoni. ***L-Artikolu 9(1), il-punt (b), jippermetti lill-Istati Membri jimponu obbligu fuq fornitur ta' servizzi li, fost l-oħrajn, iżomm jew jagħmel disponibbli***

u/jew iżomm kopji, f'forma stampata jew elettronika, ta' dokumenti relatati mal-impjieg matul il-perjodu ta' postazzjoni f'post aċċessibbli u identifikat b'mod ċar fit-territorju tiegħu. fL-Artikolu 9(1), il-punt (c), jippermetti lill-Istati Membri jimponu obbligu fuq fornituri ta' servizz biex jippreżentaw dawk id-dokumenti wara l-perjodu ta' postazzjoni fuq talba tal-awtoritajiet tal-Istat Membru ospitanti, fi żmien perjodu ta' żmien raġonevoli.

Or. en

Emenda 33
Brigitte van den Berg, Svenja Hahn, Jana Toom, Hristo Petrov

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Id-Direttiva 2014/67/UE għandha l-għan li tiffaċilita l-eżerċizzju tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi u l-funzjonament tas-suq intern, kif ukoll li tiggarantixxi r-rispett għal livell xieraq ta' protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema ppostjati għall-forniment transfruntier ta' servizzi, b'mod partikolari fir-rigward tal-infurzar tat-termini u l-kundizzjonijiet tal-impjieg li japplikaw fl-Istat Membru fejn is-servizz għandu jiġi pprovdut f'konformità mal-Artikolu 3 tad-Direttiva 96/71/KE. Skont l-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2014/67/UE, l-Istati Membri jistgħu jimponu biss rekwiżiti amministrattivi u miżuri ta' kontroll sa fejn ikun meħtieġ sabiex jiġi żgurat monitoraġġ effettiv tal-konformità mal-obbligi stabbiliti f'dik id-Direttiva u fid-Direttiva 96/71/KE u dment li dawn ikunu ġustifikati u proporzjonati f'konformità mad-dritt tal-Unjoni. Meta dan ikun il-każ, l-Artikolu 9(1)(a) tad-Direttiva 2014/67/UE jippermetti lill-Istati Membri jimponu obbligu fuq fornitur ta' servizzi stabbilit fi Stat Membru ieħor li	(2) Id-Direttiva 2014/67/UE għandha l-għan li tiffaċilita l-eżerċizzju tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi ***u li tippromwovi kompetizzjoni ġusta bejn il-fornituri ta' servizzi b'tali mod li tappoġġa*** l-funzjonament tas-suq intern, kif ukoll li tiggarantixxi r-rispett għal livell xieraq ta' protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema ppostjati għall-forniment transfruntier ta' servizzi, b'mod partikolari fir-rigward tal-infurzar tat-termini u l-kundizzjonijiet tal-impjieg li japplikaw fl-Istat Membru fejn is-servizz għandu jiġi pprovdut f'konformità mal-Artikolu 3 tad-Direttiva 96/71/KE. Skont l-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2014/67/UE, l-Istati Membri jistgħu jimponu biss rekwiżiti amministrattivi u miżuri ta' kontroll sa fejn ikun meħtieġ sabiex jiġi żgurat monitoraġġ effettiv tal-konformità mal-obbligi stabbiliti f'dik id-Direttiva u fid-Direttiva 96/71/KE u dment li dawn ikunu ġustifikati u proporzjonati f'konformità mad-dritt tal-Unjoni. Fejn dan ikun il-każ, l-Artikolu 9(1)(a) tad-Direttiva 2014/67/UE

jagħmel dikjarazzjoni sempliċi lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali responsabbli sabiex ikunu jistgħu jsiru kontrolli fattwali fuq il-post tax-xogħol. Tibqa' r-responsabbiltà tal-Istati Membri li jiddeċiedu, fil-limiti tal-ġustifikazzjoni u l-proporzjonalità, f'liema każijiet jitolbu dikjarazzjoni tal-postazzjoni u liema informazzjoni jrid ikun fiha din id-dikjarazzjoni.

jippermetti lill-Istati Membri jimponu obbligu fuq fornitur ta' servizzi stabbilit fi Stat Membru ieħor li jagħmel dikjarazzjoni sempliċi lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti responsabbli ***li jkun fiha l-informazzjoni rilevanti meħtieġa*** sabiex ikunu jistgħu jsiru kontrolli fattwali fuq il-post tax-xogħol. Tibqa' r-responsabbiltà tal-Istati Membri li jiddeċiedu, fil-limiti tal-ġustifikazzjoni u l-proporzjonalità, f'liema każijiet jitolbu dikjarazzjoni tal-postazzjoni u liema informazzjoni jrid ikun fiha din id-dikjarazzjoni.

Or. en

Emenda 34
Hanna Gedin, Per Clausen

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Id-Direttiva 2014/67/UE ***għandha l-għan li tiffaċilita l-eżerċizzju tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi u l-funzjonament tas-suq intern, kif ukoll*** li tiggarantixxi r-rispett għal livell xieraq ta' protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema ppostjati għall-forniment transfruntier ta' servizzi, b'mod partikolari fir-rigward tal-infurzar tat-termini u l-kundizzjonijiet tal-impjieg li japplikaw fl-Istat Membru fejn is-servizz għandu jiġi pprovdut ***f'konformità mal-Artikolu 3 tad-Direttiva 96/71/KE.*** Skont l-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2014/67/UE, l-Istati Membri jistgħu jimponu biss rekwiżiti amministrattivi u miżuri ta' kontroll sa fejn ikun meħtieġ sabiex jiġi żgurat monitoraġġ effettiv tal-konformità mal-obbligi stabbiliti f'dik id-Direttiva u fid-Direttiva 96/71/KE u dment li dawn ikunu ġustifikati u proporzjonati f'konformità mad-dritt tal-Unjoni. Meta dan ikun il-każ, l-Artikolu 9(1)(a) tad-Direttiva 2014/67/UE jippermetti lill-Istati	(2) ***Biex jiġi ffaċilitat l-għan tad-Direttiva*** 2014/67/UE li tiggarantixxi r-rispett għal livell xieraq ta' protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema ppostjati għall-forniment transfruntier ta' servizzi, b'mod partikolari fir-rigward tal-infurzar tat-termini u l-kundizzjonijiet tal-impjieg li japplikaw fl-Istat Membru fejn is-servizz għandu jiġi pprovdut***, kif ukoll biex tiġi eżerċitata l-libertà li jiġu pprovduti servizzi, il-funzjonament tas-suq intern, kif ukoll biex tiġi żgurata kompetizzjoni ġusta***. Skont l-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2014/67/UE, l-Istati Membri jistgħu jimponu biss rekwiżiti amministrattivi u miżuri ta' kontroll sa fejn ikun meħtieġ sabiex jiġi żgurat monitoraġġ effettiv tal-konformità mal-obbligi stabbiliti f'dik id-Direttiva u fid-Direttiva 96/71/KE u dment li dawn ikunu ġustifikati u proporzjonati f'konformità mad-dritt tal-Unjoni. Meta dan ikun il-każ, l-Artikolu 9(1)(a) tad-Direttiva 2014/67/UE jippermetti lill-Istati

Membri jimponu obbligu fuq fornitur ta' servizzi stabbilit fi Stat Membru ieħor li jagħmel dikjarazzjoni sempliċi lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali responsabbli sabiex ikunu jistgħu jsiru kontrolli fattwali fuq il-post tax-xogħol. Tibqa' r-responsabbiltà tal-Istati Membri li jiddeċiedu, fil-limiti tal-ġustifikazzjoni u l-proporzjonalità, f'liema każijiet jitolbu dikjarazzjoni tal-postazzjoni u liema informazzjoni jrid ikun fiha din id-dikjarazzjoni.	Membri jimponu obbligu fuq fornitur ta' servizzi stabbilit fi Stat Membru ieħor li jagħmel dikjarazzjoni sempliċi lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali responsabbli sabiex ikunu jistgħu jsiru kontrolli fattwali fuq il-post tax-xogħol. Tibqa' r-responsabbiltà tal-Istati Membri li jiddeċiedu, fil-limiti tal-ġustifikazzjoni u l-proporzjonalità, f'liema każijiet jitolbu dikjarazzjoni tal-postazzjoni u liema informazzjoni jrid ikun fiha din id-dikjarazzjoni.
	Or. en

Emenda 35
Villy Søvndal, Kim Van Sparrentak
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) L-Istati Membri kollha użaw ***il-possibbiltà*** li jimponu obbligu ta' dikjarazzjoni għall-forniturі ta' servizzi li jippostjaw il-ħaddiema fl-Istat Membru tagħhom, b'sistemi nazzjonali li jvarjaw ***b'mod sinifikanti*** fid-disinn, fir-rekwiżiti u fil-funzjonalità. Il-konformità ma' dawn is-sistemi ***diverġenti*** toħloq ***piż*** amministrattiv ***konsiderevoli*** għall-forniturі ta' servizzi li jistazzjonaw il-ħaddiema. Il-partijiet ikkonċernati enfasizzaw b'mod konsistenti li d-dikjarazzjoni tal-postazzjoni tal-ħaddiema tikkostitwixxi obbligu ta' rapportar sinifikanti u hija fost l-aktar ***ostakli*** amministrattivi importanti għall-forniment transfruntier ta' servizzi fis-suq intern.	(3) L-Istati Membri kollha użaw ***il-marġni ta' diskrezzjoni li għandhom skont id-Direttiva 2014/67/UE permezz tal-possibbiltà*** li jimponu obbligu ta' dikjarazzjoni għall-forniturі ta' servizzi li jippostjaw il-ħaddiema fl-Istat Membru tagħhom, b'sistemi nazzjonali li jvarjaw fid-disinn, fir-rekwiżiti u fil-funzjonalità***, anke fid-dawl tad-diversità tas-sistemi ta' infurzar, tal-atturi u tal-prattiki nazzjonali li jeżistu fl-Istati Membri***. Il-konformità ma' dawn is-sistemi ***individwali*** toħloq ***xogħol*** amministrattiv ***addizzjonali*** għall-forniturі ta' servizzi li jistazzjonaw il-ħaddiema. Il-partijiet ikkonċernati enfasizzaw b'mod konsistenti li d-dikjarazzjoni tal-postazzjoni tal-ħaddiema tikkostitwixxi obbligu ta' rapportar sinifikanti u hija fost l-aktar ***prekundizzjonijiet*** amministrattivi importanti għall-forniment transfruntier ta' servizzi fis-suq intern.

Or. en

Emenda 36
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) L-Istati Membri kollha użaw il-possibbiltà li jimponu ***obbligu ta' dikjarazzjoni għall-forniturи ta' servizzi li jippostjaw il-ħaddiema fl-Istat Membru tagħhom, b'sistemi nazzjonali li jvarjaw b'mod sinifikanti fid-disinn, fir-rekwiżiti u fil-funzjonalità***. ***Il-konformità ma' dawn is-sistemi diverġenti toħloq piż amministrattiv konsiderevoli għall-forniturи ta' servizzi li jistazzjonaw il-ħaddiema.*** Il-partijiet ikkonċernati enfasizzaw b'mod konsistenti li d-dikjarazzjoni tal-postazzjoni tal-ħaddiema tikkostitwixxi obbligu ta' rapportar sinifikanti u hija fost l-aktar ostakli amministrattivi importanti għall-forniment transfruntier ta' servizzi fis-suq intern.	(3) L-Istati Membri kollha użaw il-possibbiltà li jimponu ***awtodikjarazzjoni standard***. Il-partijiet ikkonċernati enfasizzaw b'mod konsistenti li d-dikjarazzjoni tal-postazzjoni tal-ħaddiema tikkostitwixxi obbligu ta' rapportar sinifikanti u hija fost l-aktar ostakli amministrattivi importanti għall-forniment transfruntier ta' servizzi fis-suq intern***, bl-introduzzjoni ta' awtodikjarazzjoni standard fl-Istati Membri kollha li permezz tagħha tinqata' l-burokrazija***.

Or. ro

Emenda 37
Andreas Schwab, Pascal Arimont, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) L-Istati Membri kollha użaw il-possibbiltà li jimponu obbligu ta' dikjarazzjoni għall-forniturи ta' servizzi li jippostjaw il-ħaddiema fl-Istat Membru tagħhom, b'sistemi nazzjonali li jvarjaw ***b'mod sinifikanti*** fid-disinn, fir-rekwiżiti u fil-funzjonalità. Il-konformità ma' dawn is-	(3) L-Istati Membri kollha użaw il-possibbiltà li jimponu obbligu ta' dikjarazzjoni għall-forniturи ta' servizzi li jippostjaw il-ħaddiema fl-Istat Membru tagħhom, b'sistemi nazzjonali li jvarjaw ***b'mod sinifikanti*** fid-disinn, fir-rekwiżiti u fil-funzjonalità. Il-konformità ma' dawn is-

sistemi ***diverġenti*** toħloq ***piż*** amministrattiv ***konsiderevoli*** għall-forniturі ta' servizzi li jistazzjonaw il-ħaddiema. Il-partijiet ikkonċernati enfasizzaw b'mod konsistenti li d-dikjarazzjoni tal-postazzjoni tal-ħaddiema tikkostitwixxi obbligu ta' rapportar sinifikanti u hija fost l-aktar ***ostakli*** amministrattivi importanti għall-forniment transfruntier ta' servizzi fis-suq intern.	sistemi ***diverġenti*** toħloq ***piż*** amministrattiv ***konsiderevoli*** għall-forniturі ta' servizzi li jistazzjonaw il-ħaddiema. Il-partijiet ikkonċernati enfasizzaw b'mod konsistenti li d-dikjarazzjoni tal-postazzjoni tal-ħaddiema tikkostitwixxi obbligu ta' rapportar sinifikanti u hija fost l-aktar ***ostakli*** amministrattivi importanti għall-forniment transfruntier ta' servizzi fis-suq intern. ***F'xi każijiet, proċeduri kumplessi jistgħu saħansitra jżommu lill-kumpaniji milli jippostjaw il-ħaddiema tagħhom.***

Or. en

Emenda 38
Sebastian Kruis, Rachel Blom, Elisabeth Dieringer, Filip Turek, Ernő Schaller-Baross, Marie Dauchy, Mélanie Disdier, Pál Szekeres

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) L-Istati Membri kollha użaw il-possibbiltà li jimponu obbligu ta' dikjarazzjoni għall-forniturі ta' servizzi li jippostjaw il-ħaddiema fl-Istat Membru tagħhom, b'sistemi nazzjonali li jvarjaw b'mod sinifikanti fid-disinn, fir-rekwiżiti u fil-funzjonalità. Il-konformità ma' dawn is-sistemi diverġenti toħloq piż amministrattiv konsiderevoli għall-forniturі ta' servizzi li jistazzjonaw il-ħaddiema. Il-partijiet ikkonċernati enfasizzaw b'mod konsistenti li d-dikjarazzjoni tal-postazzjoni tal-ħaddiema tikkostitwixxi obbligu ta' rapportar sinifikanti u hija fost l-aktar ostakli amministrattivi importanti għall-forniment transfruntier ta' servizzi fis-suq intern.	(3) L-Istati Membri kollha użaw il-possibbiltà li jimponu obbligu ta' dikjarazzjoni għall-forniturі ta' servizzi li jippostjaw il-ħaddiema fl-Istat Membru tagħhom, b'sistemi nazzjonali li jvarjaw b'mod sinifikanti fid-disinn, fir-rekwiżiti u fil-funzjonalità ***f'konformità mad-Direttiva 2014/67/UE***. Il-konformità ma' dawn is-sistemi diverġenti toħloq piż amministrattiv konsiderevoli għall-forniturі ta' servizzi li jistazzjonaw il-ħaddiema. Il-partijiet ikkonċernati enfasizzaw b'mod konsistenti li d-dikjarazzjoni tal-postazzjoni tal-ħaddiema tikkostitwixxi obbligu ta' rapportar sinifikanti u hija fost l-aktar ostakli amministrattivi importanti għall-forniment transfruntier ta' servizzi fis-suq intern.

Or. en

Emenda 39
Brigitte van den Berg, Svenja Hahn, Jana Toom, Hristo Petrov

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) L-Istati Membri kollha użaw il-possibbiltà li jimponu obbligu ta' dikjarazzjoni għall-forniturі ta' servizzi li jippostjaw il-ħaddiema fl-Istat Membru tagħhom, b'sistemi nazzjonali li jvarjaw b'mod sinifikanti fid-disinn, fir-rekwiżiti u fil-funzjonalità. Il-konformità ma' dawn is-sistemi diverġenti toħloq piż amministrattiv konsiderevoli għall-forniturі ta' servizzi li jistazzjonaw il-ħaddiema. Il-partijiet ikkonċernati enfasizzaw b'mod konsistenti li d-dikjarazzjoni tal-postazzjoni tal-ħaddiema tikkostitwixxi obbligu ta' rapportar sinifikanti u hija fost l-aktar ostakli amministrattivi importanti għall-forniment transfruntier ta' servizzi fis-suq intern.	(3) L-Istati Membri kollha użaw il-possibbiltà li jimponu obbligu ta' dikjarazzjoni għall-forniturі ta' servizzi li jippostjaw il-ħaddiema fl-Istat Membru tagħhom, b'sistemi nazzjonali li jvarjaw b'mod sinifikanti fid-disinn, fir-rekwiżiti u fil-funzjonalità. Il-konformità ma' dawn is-sistemi diverġenti toħloq piż amministrattiv konsiderevoli għall-forniturі ta' servizzi li jistazzjonaw il-ħaddiema***, b'mod partikolari l-SMEs.*** Il-partijiet ikkonċernati enfasizzaw b'mod konsistenti li d-dikjarazzjoni tal-postazzjoni tal-ħaddiema tikkostitwixxi obbligu ta' rapportar sinifikanti u hija fost l-aktar ostakli amministrattivi importanti għall-forniment transfruntier ta' servizzi fis-suq intern.

Or. en

Emenda 40
Hanna Gedin, Per Clausen

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) L-Istati Membri kollha użaw il-possibbiltà li jimponu obbligu ta' dikjarazzjoni għall-forniturі ta' servizzi li jippostjaw il-ħaddiema fl-Istat Membru tagħhom, b'sistemi nazzjonali li jvarjaw ***b'mod sinifikanti*** fid-disinn, fir-rekwiżiti u fil-funzjonalità. ***Il-konformità ma' dawn*** is-sistemi ***diverġenti toħloq piż amministrattiv konsiderevoli għall-forniturі ta' servizzi li jistazzjonaw il-***	(3) L-Istati Membri kollha użaw il-possibbiltà li jimponu obbligu ta' dikjarazzjoni għall-forniturі ta' servizzi li jippostjaw il-ħaddiema fl-Istat Membru tagħhom, b'sistemi nazzjonali li jvarjaw b'mod sinifikanti fid-disinn, fir-rekwiżiti u fil-funzjonalità ***li jirriflettu d-diversità tas-sistemi u tal-prattiki nazzjonali, kif ukoll il-ħtiġijiet u r-riskji differenti f'setturi differenti***. Il-partijiet ikkonċernati

ħaddiema. Il-partijiet ikkonċernati enfasizzaw b'mod konsistenti li d-dikjarazzjoni tal-postazzjoni tal-ħaddiema tikkostitwixxi obbligu ta' rapportar sinifikanti u hija fost l-aktar ***ostakli*** amministrattivi importanti għall-forniment transfruntier ta' servizzi fis-suq intern.

enfasizzaw b'mod konsistenti li d-dikjarazzjoni tal-postazzjoni tal-ħaddiema tikkostitwixxi obbligu ta' rapportar sinifikanti u hija fost l-aktar ***prekundizzjonijiet*** amministrattivi importanti għall-forniment transfruntier ta' servizzi fis-suq intern.

Or. en

Emenda 41
Hanna Gedin, Per Clausen

Proposta għal regolament
Premessa 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) Bl-istess mod, il-partijiet ikkonċernati, speċjalment l-organizzazzjonijiet tas-sħab soċjali u l-awtoritajiet tal-infurzar, inkluża l-Awtorità Ewropea tax-Xogħol (ELA), enfasizzaw b'mod konsistenti r-riskju ta' prattiki abbużivi assoċjati mal-postazzjoni tal-ħaddiema, bħall-ksur tat-trattament ugwali, li jwassal għal kompetizzjoni inġusta u dumping soċjali.

Or. en

Emenda 42
Pascal Arimont, Andreas Schwab, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Premessa 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) Il-kompetizzjoni inġusta permezz ta' prattiki abbużivi u l-ksur tat-trattament ugwali tal-ħaddiema ppostjati toħloq distorsjoni fis-suq intern billi toħloq kundizzjonijiet mhux ekwi, u tpoġġi lill-ħafna kumpaniji bona fide li jirrispettaw

il-liġi fi żvantaġġ.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-enfasizzar tal-effett ta' distorsjoni li l-prattiki ta' postazzjoni abbużivi u illegali għandhom fuq kumpaniji onesti u li jobdu l-liġi.

Emenda 43
Villy Søvndal, Kim Van Sparrentak
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Ir-rekwiżiti ta' rapportar jaqdu rwol ewlieni biex jiġu żgurati l-monitoraġġ xieraq u l-infurzar korrett tal-leġiżlazzjoni. ***Madankollu, huwa importanti li*** dawk ir-rekwiżiti ***jiġu ssimplifikati sabiex jiġi żgurat li jissodisfaw*** l-iskop li għalih kienu maħsuba, ***u biex jiġi limitat il-piż*** amministrattiv. L-obbligi u r-rekwiżiti ta' rapportar fis-sottomissjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti, stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2014/67/UE jenħtieġ għalhekk li jiġu ***ssimplifikati, f'konformità mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Il-kompetittività fit-tul tal-UE: inħarsu lil hinn mill-2030"***[5], sabiex ***jitnaqqas b'mod sinifikanti l-piż amministrattiv għall-fornituri*** ta' servizzi stabbiliti fi Stati Membri oħra u li jistazzjonaw il-ħaddiema fl-Istati Membri ospitanti ***kif ukoll għall-awtoritajiet*** nazzjonali kompetenti.	(4) Ir-rekwiżiti ta' rapportar jaqdu rwol ewlieni biex jiġu żgurati l-monitoraġġ xieraq u l-infurzar korrett tal-leġiżlazzjoni. ***L-informazzjoni rrappurtata tippermetti ġbir aħjar tad-data u referenzjar inkroċjat, u b'hekk tippermetti wkoll spezzjonijiet aktar immirati u tfassil ta' politika bbażat fuq l-evidenza. Is-simplifikazzjoni ta'*** dawk ir-rekwiżiti ***tista' tgħin biex tiffaċilita l-kooperazzjoni amministrattiva u l-iskambju transfruntier ta' informazzjoni bil-għan li jissaħħaħ aktar***l-iskop ***ta' infurzar*** li għalih kienu maħsuba ***filwaqt li tiġi evitata wkoll id-duplikazzjoni ta' rekwiżiti*** amministrattivi. L-obbligi u r-rekwiżiti ta' rapportar fis-sottomissjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti, stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2014/67/UE jenħtieġ għalhekk li ***jiġu ssimplifikati permezz ta' sett komuni ta' rekwiżiti minimi ta' informazzjoni***, sabiex ***tiġi ffaċilitata d-dikjarazzjoni tal-postazzjonijiet minn fornituri*** ta' servizzi stabbiliti fi Stati Membri oħra u li jippostjaw il-ħaddiema fl-Istati Membri ospitanti ***filwaqt li jiġi żgurat li*** l-

awtoritajiet nazzjonali kompetenti ***jkunu mgħammra bis-sħiħ bl-informazzjoni u bl-għodod meħtieġa li għandhom bżonn biex jimmonitorjaw u jinfurzaw b'mod effettiv il-protezzjoni ta' ħaddiema ppostjati f'konformità mal-Artikolu 9(1), il-punt (a), tad-Direttiva 2014/67/UE***.

---

[5] COM(2023) 168 final.

Or. en

Emenda 44
Brigitte van den Berg, Svenja Hahn, Jana Toom, Hristo Petrov

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Ir-rekwiżiti ta' rapportar jaqdu rwol ewlieni biex jiġu żgurati l-monitoraġġ xieraq u l-infurzar korrett tal-leġiżlazzjoni. Madankollu, huwa importanti li dawk ir-rekwiżiti jiġu ssimplifikati sabiex jiġi żgurat li jissodisfaw l-iskop li għalih kienu maħsuba, u biex jiġi limitat il-piż amministrattiv. L-obbligi u r-rekwiżiti ta' rapportar fis-sottomissjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti, stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2014/67/UE jenħtieġ għalhekk li jiġu ssimplifikati, f'konformità mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Il-kompetittività fit-tul tal-UE: inħarsu lil hinn mill-2030"[5], sabiex jitnaqqas b'mod sinifikanti l-piż amministrattiv għall-forniturі ta' servizzi stabbiliti fi Stati Membri oħra u li jistazzjonaw il-ħaddiema fl-Istati Membri ospitanti kif ukoll għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.	(4) Ir-rekwiżiti ta' rapportar jaqdu rwol ewlieni biex jiġu żgurati l-monitoraġġ xieraq u l-infurzar korrett tal-leġiżlazzjoni. Madankollu, huwa importanti li dawk ir-rekwiżiti jiġu ssimplifikati sabiex jiġi żgurat li jissodisfaw l-iskop li għalih kienu maħsuba, u biex jiġi limitat il-piż amministrattiv. L-obbligi u r-rekwiżiti ta' rapportar fis-sottomissjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti, stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2014/67/UE jenħtieġ għalhekk li jiġu ssimplifikati ***mingħajr preġudizzju għall-protezzjoni adegwata tad-drittijiet tal-ħaddiema ppostjati skont id-Direttiva 96/71/KE u għall-infurzar tagħha skont id-Direttiva 2014/67/UE***, f'konformità mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Il-kompetittività fit-tul tal-UE: inħarsu lil hinn mill-2030"[5], sabiex jitnaqqas b'mod sinifikanti l-piż amministrattiv għall-forniturі ta' servizzi stabbiliti fi Stati Membri oħra u li jistazzjonaw il-ħaddiema fl-Istati Membri ospitanti kif ukoll għall-

awtoritajiet nazzjonali kompetenti ***li jiffaċċjaw ukoll piż amministrattiv meta jitolbu informazzjoni jew assistenza reċiproka u b'hekk ifixklu l-monitoraġġ effettiv tal-konformità mar-regoli dwar il-postazzjoni tal-ħaddiema***.

[5] COM(2023) 168 final.

[5] COM(2023) 168 final.

Or. en

Emenda 45
Hanna Gedin, Per Clausen

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Ir-rekwiżiti ta' rapportar jaqdu rwol ewlieni biex jiġu żgurati l-monitoraġġ xieraq u l-infurzar korrett tal-leġiżlazzjoni. ***Madankollu, huwa importanti li dawk ir-rekwiżiti jiġu ssimplifikati sabiex jiġi żgurat li jissodisfaw l-iskop li għalih kienu maħsuba, u biex jiġi limitat il-piż amministrattiv***. L-obbligi u r-rekwiżiti ta' rapportar fis-sottomissjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti, stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2014/67/UE jenħtieġ għalhekk li jiġu ssimplifikati**,** ***f'konformità mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Il-kompetittività fit-tul tal-UE***: ***inħarsu lil hinn mill-2030"***[5], sabiex ***jitnaqqas b'mod sinifikanti l-piż amministrattiv għall-fornituri*** ta' servizzi stabbiliti fi Stati Membri oħra u li jistazzjonaw il-ħaddiema fl-Istati Membri ospitanti kif ukoll ***għall-awtoritajiet*** nazzjonali kompetenti.	(4) Ir-rekwiżiti ta' rapportar jaqdu rwol ewlieni biex jiġu żgurati l-monitoraġġ xieraq u l-infurzar korrett tal-leġiżlazzjoni. ***Simplifikazzjoni aħjar tar-rekwiżiti tas-sistemi nazzjonali ta' rapportar tista' tikkontribwixxi għal kooperazzjoni amministrattiva aħjar u skambju transfruntier ta' informazzjoni bil-għan li jsiru spezzjonijiet immirati u effettivi u jissaħħaħ l-infurzar***. L-obbligi u r-rekwiżiti ta' rapportar fis-sottomissjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti, stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2014/67/UE jenħtieġ għalhekk li jiġu ssimplifikati ***parzjalment permezz ta' sett komuni ta' rekwiżiti minimi ta' rapportar***, sabiex ***tiġi ffaċilitata d-dikjarazzjoni tal-postazzjonijiet minn fornituri*** ta' servizzi stabbiliti fi Stati Membri oħra u li jistazzjonaw il-ħaddiema fl-Istati Membri ospitanti kif ukoll ***jiġi żgurat li l-awtoritajiet*** nazzjonali kompetenti ***jkunu mgħammra bis-shiħ bl-informazzjoni u bl-għodod meħtieġa biex jimmonitorjaw u jinfurzaw b'mod effettiv il-protezzjoni tad-***

drittijiet tal-ħaddiema ppostjati f'konformità mal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2014/67/UE.

[5] ***COM(2023) 168 final.***

Or. en

Emenda 46
Sebastian Kruis, Rachel Blom, Elisabeth Dieringer, Filip Turek, Marie Dauchy, Mélanie Disdier, Séverine Werbrouck

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Ir-rekwiżiti ta' rapportar jaqdu rwol ewlieni biex jiġu żgurati l-monitoraġġ xieraq u l-infurzar korrett tal-leġiżlazzjoni. Madankollu, huwa importanti li dawk ir-rekwiżiti jiġu ssimplifikati sabiex jiġi żgurat li jissodisfaw l-iskop li għalih kienu maħsuba, u biex jiġi limitat ***il-piż*** amministrattiv. L-obbligi u r-rekwiżiti ta' rapportar fis-sottomissjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti, stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2014/67/UE jenħtieġ għalhekk li jiġu ssimplifikati, f'konformità mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Il-kompetittività fit-tul tal-UE: inħarsu lil hinn mill-2030"[5], sabiex jitnaqqas b'mod sinifikanti l-piż amministrattiv għall-forniturі ta' servizzi stabbiliti fi Stati Membri oħra u li jistazzjonaw il-ħaddiema fl-Istati Membri ospitanti kif ukoll għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.	(4) Ir-rekwiżiti ta' rapportar jaqdu rwol ewlieni biex jiġu żgurati l-monitoraġġ xieraq u l-infurzar korrett tal-leġiżlazzjoni. Madankollu, huwa importanti li dawk ir-rekwiżiti jiġu ssimplifikati sabiex jiġi żgurat li jissodisfaw l-iskop li għalih kienu maħsuba, u biex jiġi limitat ***kwalunkwe*** piż amministrattiv ***eċċessiv***. L-obbligi u r-rekwiżiti ta' rapportar fis-sottomissjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti, stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2014/67/UE jenħtieġ għalhekk li jiġu ssimplifikati, f'konformità mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Il-kompetittività fit-tul tal-UE: inħarsu lil hinn mill-2030"[5]***, filwaqt li tiġi ppreżervata biżżejjed flessibbiltà għall-Istati Membri biex jiddefinixxu u jadattaw obbligi speċifiċi f'konformità mas-sistemi nazzjonali tagħhom***, sabiex jitnaqqas b'mod sinifikanti l-piż amministrattiv għall-forniturі ta' servizzi stabbiliti fi Stati Membri oħra u li jistazzjonaw il-ħaddiema fl-Istati Membri ospitanti kif ukoll għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

[5] COM(2023) 168 final.

[5] COM(2023) 168 final.

Or. en

Emenda 47
Arba Kokalari, Andrea Wechsler, Angelika Winzig, Henrik Dahl

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Ir-rekwiżiti ta' rapportar jaqdu rwol ewlieni biex jiġu żgurati l-monitoraġġ xieraq u l-infurzar korrett tal-leġiżlazzjoni. Madankollu, huwa importanti li dawk ir-rekwiżiti jiġu ssimplifikati sabiex jiġi żgurat li jissodisfaw ***l-iskop li għalih kienu*** maħsuba, ***u biex jiġi limitat il-piż amministrattiv***. L-obbligi u r-rekwiżiti ta' rapportar fis-sottomissjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti, stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2014/67/UE jenħtieġ għalhekk li jiġu ssimplifikati, f'konformità mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Il-kompetittività fit-tul tal-UE: inħarsu lil hinn mill-2030"[5], sabiex jitnaqqas b'mod sinifikanti l-piż amministrattiv għall-forniturі ta' servizzi stabbiliti fi Stati Membri oħra u li jistazzjonaw il-ħaddiema fl-Istati Membri ospitanti kif ukoll għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.	(4) Ir-rekwiżiti ta' rapportar jaqdu rwol ewlieni biex jiġu żgurati l-monitoraġġ xieraq u l-infurzar korrett tal-leġiżlazzjoni. Madankollu, huwa importanti li dawk ir-rekwiżiti jiġu ssimplifikati sabiex jiġi żgurat li ***huma proporzjonati, immirati b'mod ċar u li*** jissodisfaw ***l-iskop li għalih kienu*** maħsuba, ***mingħajr ma jiżdiedu l-ispejjeż amministrattivi jew jinħolqu pożijiet burokratiċi bla bżonn għan-negozji, għall-utenti jew għall-Istati Membri***. L-obbligi u r-rekwiżiti ta' rapportar fis-sottomissjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti, stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2014/67/UE jenħtieġ għalhekk li jiġu ssimplifikati, f'konformità mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Il-kompetittività fit-tul tal-UE: inħarsu lil hinn mill-2030"[5], sabiex jitnaqqas b'mod sinifikanti l-piż amministrattiv għall-forniturі ta' servizzi stabbiliti fi Stati Membri oħra u li jistazzjonaw il-ħaddiema fl-Istati Membri ospitanti kif ukoll għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

[5] COM(2023) 168 final.

[5] COM(2023) 168 final.

Or. en

Emenda 48
Kosma Złotowski

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Ir-rekwiżiti ta' rapportar jaqdu rwol ewlieni biex jiġu żgurati l-monitoraġġ xieraq u l-infurzar korrett tal-leġiżlazzjoni. ***Madankollu***, huwa ***importanti*** li dawk ir-rekwiżiti jiġu ssimplifikati sabiex jiġi żgurat li jissodisfaw l-iskop li għalih kienu maħsuba, u biex jiġi limitat il-piż amministrattiv. L-obbligi u r-rekwiżiti ta' rapportar fis-sottomissjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti, stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2014/67/UE jenħtieġ għalhekk li jiġu ssimplifikati, f'konformità mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Il-kompetittività fit-tul tal-UE: inħarsu lil hinn mill-2030"[5], sabiex jitnaqqas b'mod sinifikanti l-piż amministrattiv għall-fornituri ta' servizzi stabbiliti fi Stati Membri oħra u li jistazzjonaw il-ħaddiema fl-Istati Membri ospitanti kif ukoll għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.	(4) Ir-rekwiżiti ta' rapportar jaqdu rwol ewlieni biex jiġu żgurati l-monitoraġġ xieraq u l-infurzar korrett tal-leġiżlazzjoni. Huwa ***kruċjali*** li dawk ir-rekwiżiti jiġu ssimplifikati sabiex jiġi żgurat li jissodisfaw l-iskop li għalih kienu maħsuba, u biex jiġi limitat il-piż amministrattiv. L-obbligi u r-rekwiżiti ta' rapportar fis-sottomissjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti, stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2014/67/UE jenħtieġ għalhekk li jiġu ssimplifikati, f'konformità mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Il-kompetittività fit-tul tal-UE: inħarsu lil hinn mill-2030"[5], sabiex jitnaqqas b'mod sinifikanti l-piż amministrattiv għall-fornituri ta' servizzi stabbiliti fi Stati Membri oħra u li jistazzjonaw il-ħaddiema fl-Istati Membri ospitanti kif ukoll għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

[5] COM(2023) 168 final.

[5] COM(2023) 168 final.

Or. en

Emenda 49
Hanna Gedin, Per Clausen

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) ***It-tnaqqis tal-piż amministrattiv*** għall-fornituri ta' servizzi u ***l-awtoritajiet***	(5) ***Tali simplifikazzjoni parzjali tar-rekwiżiti amministrattivi*** għall-fornituri ta'

nazzjonali kompetenti irid jakkumpanja r-rispett għal kundizzjonijiet tax-xogħol adegwati u l-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema ppostjati. L-iffaċilitar ta' monitoraġġ effettiv tal-konformità mill-Istati Membri u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni amministrattiva reċiproka jtejbu l-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema.

servizzi u ***l-informazzjoni miġbura mill-awtoritajiet*** nazzjonali kompetenti irid jakkumpanja r-rispett għal kundizzjonijiet tax-xogħol adegwati u l-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema ppostjati***, bil-għan li jiġi żgurat li l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali u s-sħab soċjali jkollhom aċċess għall-informazzjoni li jeħtieġu biex jinfurzaw b'mod effettiv il-leġiżlazzjoni applikabbli u l-ftehimiet kollettivi***. L-iffaċilitar ta' monitoraġġ effettiv tal-konformità mill-Istati Membri u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni amministrattiva reċiproka jtejbu l-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema.

Or. en

Emenda 50
Villy Søvndal, Kim Van Sparrentak
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) ***It-tnaqqis tal-piż amministrattiv*** għall-forniturі ta' servizzi u ***l-awtoritajiet*** nazzjonali kompetenti irid jakkumpanja r-rispett għal kundizzjonijiet tax-xogħol adegwati u l-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema ppostjati. L-iffaċilitar ta' monitoraġġ effettiv tal-konformità mill-Istati Membri u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni amministrattiva reċiproka jtejbu l-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema.	(5) ***Tali simplifikazzjoni tar-rekwiżiti amministrattivi*** għall-forniturі ta' servizzi u ***l-informazzjoni miġbura mill-awtoritajiet*** nazzjonali kompetenti ***jrid*** jakkumpanja r-rispett għal kundizzjonijiet tax-xogħol adegwati u l-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema ppostjati***, bil-għan li jiġi żgurat li l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali u s-sħab soċjali jkollhom aċċess għall-informazzjoni li jeħtieġu biex jinfurzaw b'mod effettiv il-leġiżlazzjoni applikabbli u l-ftehimiet kollettivi***. L-iffaċilitar ta' monitoraġġ effettiv tal-konformità mill-Istati Membri u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni amministrattiva reċiproka jtejbu l-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema.

Or. en

Emenda 51
Sebastian Kruis, Rachel Blom, Elisabeth Dieringer, Filip Turek, Marie Dauchy, Mélanie Disdier

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) It-tnaqqis tal-piż amministrattiv għall-forniturі ta' servizzi u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ***irid*** jakkumpanja r-rispett għal kundizzjonijiet tax-xogħol adegwati u l-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema ppostjati. L-iffaċilitar ta' monitoraġġ effettiv tal-konformità mill-Istati Membri u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni amministrattiva reċiproka jtejbu l-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema.	(5) It-tnaqqis tal-piż amministrattiv għall-forniturі ta' servizzi u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ***jrid*** jakkumpanja r-rispett għal kundizzjonijiet tax-xogħol adegwati u l-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema ppostjati. L-iffaċilitar ta' monitoraġġ effettiv tal-konformità mill-Istati Membri u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni amministrattiva reċiproka jtejbu l-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema***, filwaqt li jiżguraw li l-ħaddiema ppostjati jgawdu mill-istess livell ta' drittijiet u protezzjonijiet bħall-ħaddiema lokali fl-Istat Membru ospitanti, kull meta jkun applikabbli, biex tiġi żgurata kompetizzjoni ġusta u tiġi prevenuta kwalunkwe forma ta' dumping soċjali***.

Or. en

Emenda 52
Brigitte van den Berg, Svenja Hahn, Jana Toom, Hristo Petrov

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) It-tnaqqis tal-piż amministrattiv għall-forniturі ta' servizzi u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ***irid*** jakkumpanja r-rispett għal kundizzjonijiet tax-xogħol adegwati u l-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema ppostjati. L-iffaċilitar ta' monitoraġġ effettiv tal-konformità mill-Istati Membri u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni	(5) It-tnaqqis tal-piż amministrattiv għall-forniturі ta' servizzi u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ***jrid*** jakkumpanja r-rispett ***sħiħ*** għal kundizzjonijiet tax-xogħol adegwati u l-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema ppostjati. L-iffaċilitar ta' monitoraġġ effettiv tal-konformità mill-Istati Membri u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni

amministrattiva reċiproka jtejbu l-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema.	amministrattiva reċiproka jtejbu l-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema ***u l-ġlieda kontra prattiki abbużivi u xogħol mhux iddikjarat li jimminaw id-drittijiet fundamentali tal-ħaddiema kif ukoll kundizzjonijiet ugwali għall-fornituri ta' servizz konformi.***
	Or. en

Emenda 53
Pascal Arimont, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Premessa 5a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) B'mod partikolari fir-reġjuni tal-fruntieri intra-Ewropej, il-moviment liberu tal-persuni u s-servizzi jikkaratterizza l-ħajja tax-xogħol ta' kuljum. Dan wassal għal forom diversi ta' mobbiltà tal-forza tax-xogħol. Għalhekk, ix-xogħol transfruntier għandu rwol prominenti f'dawn ir-reġjuni tal-fruntieri. F'dan l-isfond u fid-dawl tal-isforzi tal-Kummissjoni Ewropea biex tnaqqas il-burokrazija sabiex issaħħaħ is-suq intern, il-Parlament Ewropew jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jeżaminaw eżenzjonijiet mill-obbligu li jiġu ddikjarati l-postazzjonijiet għall-SMEs f'reġjuni tal-fruntieri intra-Ewropej, definiti skont il-klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) bħala reġjuni bi fruntiera tal-art jew reġjuni fejn aktar minn nofs il-popolazzjoni tgħix f'25 km mill-fruntieri tal-art. B'mod partikolari, jenħtieġ li jiġi kkunsidrat il-kunċett ta' permess globali ta' sena għall-SMEs biex jippostjaw l-impjegati tagħhom fi Stati Membri ġirien, dment li dawn l-SMEs ikunu rrispettaw u kkonformaw mal-liġijiet kollha dwar il-postazzjoni fl-aħħar 5 snin finanzjarji.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Fir-reġjuni transfruntiera, il-mobbiltà tal-forza tax-xogħol hija parti mill-ħajja ta' kuljum. Biex titnaqqas il-burokrazija u jissaħħaħ is-suq intern, l-SMEs b'rekord ta' konformità qawwi għandhom jibbenefikaw minn proċeduri simplifikati—bħal permess globali ta' sena għall-postazzjonijiet. Eżenzjonijiet għar-reġjuni tal-fruntiera (skont il-kriterji NUTS) itaffu l-piżijiet filwaqt li jżommu l-protezzjoni tal-ħaddiema.

Emenda 54
Sebastian Kruis, Rachel Blom, Elisabeth Dieringer, Filip Turek

Proposta għal regolament
Premessa 5a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) Il-persuni li jaħdmu għal rashom jenħtieġ li jkunu jistgħu jibbenefikaw ukoll mill-possibbiltà li jippreżentaw dikjarazzjonijiet ta' postazzjoni previsti f'dan ir-Regolament, fuq bażi volontarja. L-iffaċilitar tal-aċċess għal mekkaniżmu bħal dan jista' jtejjeb it-trasparenza, isaħħaħ is-sorveljanza, u jappoġġa l-protezzjoni u l-infurzar ta' drittijiethom.

Or. en

Emenda 55
Villy Søvndal, Kim Van Sparrentak
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) F'konformità mal-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) Nru 1024/2012 jistgħu jiġu pprovduti mezzi tekniċi biex l-atturi esterni jkunu jistgħu jinteraġixxu mal-IMI. Tali interazzjoni għandha tiġi ffaċilitata permezz ta' interfaċċa pubblika elettronika multilingwi konnessa mal-IMI ("l-	(6) F'konformità mal-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) Nru 1024/2012 jistgħu jiġu pprovduti mezzi tekniċi biex l-atturi esterni jkunu jistgħu jinteraġixxu mal-IMI. Tali interazzjoni jenħtieġ li tiġi ffaċilitata permezz ta' interfaċċa pubblika elettronika multilingwi konnessa mal-IMI ("l-

interfaċċa pubblika”) li permezz tagħha l-fornituri ta’ servizzi għandhom jissottomettu dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni lill-Istati Membri li jagħmlu użu mill-interfaċċa pubblika (“Stati Membri parteċipanti”). ***Dawn*** l-Istati Membri ***għandhom imbagħad, jekk ikun*** meħtieġ, jużaw l-informazzjoni li jirċievu permezz tal-IMI ***biex jagħmlu*** talbiet motivati fil-moduli tal-postazzjoni tal-IMI f’konformità mal-obbligu li jipprovdu kooperazzjoni u assistenza amministrattiva reċiproka msemmija fl-Artikoli 6 u 7 tad-Direttiva 2014/67/UE.

interfaċċa pubblika”) li permezz tagħha l-fornituri ta’ servizzi għandhom jissottomettu dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni lill-Istati Membri li jagħmlu użu mill-interfaċċa pubblika (“Stati Membri parteċipanti”)***, li fl-istess ħin tiddaħħal fir-repożitorju tal-IMI kif ukoll fis-sistemi back-end tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, sabiex tiġi żgurata l-interoperabbiltà.*** L-Istati Membri ***jistgħu konsegwentement, meta jkun*** meħtieġ ***għal skopijiet bħall-aggregazzjoni tad-data u r-referenzjar inkroċjat***, jużaw l-informazzjoni li jirċievu permezz tal-IMI ***billi jagħmlu*** talbiet motivati fil-moduli tal-postazzjoni tal-IMI f’konformità mal-obbligu li jipprovdu kooperazzjoni u assistenza amministrattiva reċiproka msemmija fl-Artikoli 6 u 7 tad-Direttiva 2014/67/UE. ***Importanti wieħed jinnota li l-informazzjoni miġbura permezz tal-interfaċċa pubblika se tintuża predominantement mill-Istati Membri li jirċievu ħaddiema ppostjati fit-territorju tagħhom bil-għan li jiġi żgurat monitoraġġ u infurzar effettivi tar-regoli u tar-rekwiżiti applikabbli. Għalhekk, rekwiżiti ta’ informazzjoni speċifiċi jenħtieġ li jgħinu wkoll biex jiġu identifikati u indirizzati postazzjonijiet ta’ riskju għoli, bħal dawk li jinvolvu ktajjen kumplessi ta’ sottokuntrattar, intermedjarji tax-xogħol, kumpaniji fantażma, ħaddiema nazzjonali ta’ pajjiżi terzi, postazzjonijiet foloz jew impjieg indipendenti fittizju.***

Or. en

Emenda 56
Hanna Gedin, Per Clausen

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(6) F'konformità mal-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) Nru 1024/2012 jistgħu jiġu pprovduti mezzi tekniċi biex l-atturi esterni jkunu jistgħu jinteraġixxu mal-IMI. Tali interazzjoni għandha tiġi ffaċilitata permezz ta' interfaċċa pubblika elettronika multilingwi konnessa mal-IMI ("l-interfaċċa pubblika") li permezz tagħha l-fornituri ta' servizzi għandhom jissottomettu dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni lill-Istati Membri li jagħmlu użu mill-interfaċċa pubblika ("Stati Membri parteċipanti"). Dawn l-Istati Membri għandhom imbagħad, jekk ikun meħtieġ, jużaw l-informazzjoni li jirċievu permezz tal-IMI biex jagħmlu talbiet motivati fil-moduli tal-postazzjoni tal-IMI f'konformità mal-obbligu li jipprovdu kooperazzjoni u assistenza amministrattiva reċiproka msemmija fl-Artikoli 6 u 7 tad-Direttiva 2014/67/UE.	(6) F'konformità mal-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) Nru 1024/2012 jistgħu jiġu pprovduti mezzi tekniċi biex l-atturi esterni jkunu jistgħu jinteraġixxu mal-IMI. Tali interazzjoni jenħtieġ li tiġi ffaċilitata permezz ta' interfaċċa pubblika elettronika multilingwi konnessa mal-IMI ("l-interfaċċa pubblika") li permezz tagħha l-fornituri ta' servizzi għandhom jissottomettu dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni lill-Istati Membri li jagħmlu użu mill-interfaċċa pubblika ("Stati Membri parteċipanti") ***li fl-istess ħin tiddaħħal fir-repożitorju tal-IMI kif ukoll fis-sistemi back-end tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, sabiex tiġi żgurata l-interoperabbiltà.*** Dawn l-Istati Membri ***parteċipanti*** għandhom imbagħad, jekk ikun meħtieġ, jużaw l-informazzjoni li jirċievu permezz tal-IMI biex jagħmlu talbiet motivati fil-moduli tal-postazzjoni tal-IMI f'konformità mal-obbligu li jipprovdu kooperazzjoni u assistenza amministrattiva reċiproka msemmija fl-Artikoli 6 u 7 tad-Direttiva 2014/67/UE.
	Or. en

Emenda 57
Brigitte van den Berg, Svenja Hahn, Jana Toom, Hristo Petrov

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) F'konformità mal-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) Nru 1024/2012 jistgħu jiġu pprovduti mezzi tekniċi biex l-atturi esterni jkunu jistgħu jinteraġixxu mal-IMI. Tali interazzjoni għandha tiġi ffaċilitata permezz ta' interfaċċa pubblika elettronika multilingwi konnessa mal-IMI ("l-interfaċċa pubblika") li permezz tagħha l-fornituri ta' servizzi għandhom jissottomettu dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni lill-Istati Membri ***li jagħmlu***	(6) F'konformità mal-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) Nru 1024/2012 jistgħu jiġu pprovduti mezzi tekniċi biex l-atturi esterni jkunu jistgħu jinteraġixxu mal-IMI. Tali interazzjoni jenħtieġ li tiġi ffaċilitata permezz ta' interfaċċa pubblika elettronika multilingwi konnessa mal-IMI ("l-interfaċċa pubblika") li permezz tagħha l-fornituri ta' servizzi għandhom jissottomettu dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni lill-Istati Membri. Dawn l-Istati

użu mill-interfaċċa pubblika ("Stati Membri parteċipanti"). Dawn l-Istati Membri għandhom imbagħad, jekk ikun meħtieġ, jużaw l-informazzjoni li jirċievu permezz tal-IMI biex jagħmlu talbiet motivati fil-moduli tal-postazzjoni tal-IMI f'konformità mal-obbligu li jipprovdu kooperazzjoni u assistenza amministrattiva reċiproka msemmija fl-Artikoli 6 u 7 tad-Direttiva 2014/67/UE.

Membri għandhom imbagħad, jekk ikun meħtieġ, jużaw l-informazzjoni li jirċievu permezz tal-IMI biex jagħmlu talbiet motivati fil-moduli tal-postazzjoni tal-IMI f'konformità mal-obbligu li jipprovdu kooperazzjoni u assistenza amministrattiva reċiproka msemmija fl-Artikoli 6 u 7 tad-Direttiva 2014/67/UE.

Or. en

Emenda 58
Hanna Gedin, Per Clausen

Proposta għal regolament
Premessa 6a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6a) Il-valur miżjud Ewropew huwa l-kondiviżjoni ta' informazzjoni relatata mal-postazzjoni tal-ħaddiema fl-IMI, li jenħtieġ li ttejjeb il-ġbir tad-data u r-referenzjar inkroċjat. Dan imbagħad jenħtieġ li jtejjeb il-kooperazzjoni transfruntiera fl-identifikazzjoni u fil-ġlieda kontra l-frodi u l-prattiki abbużivi li jinvolvu ktajjen ta' sottokuntrattar kumplessi, intermedjarji tax-xogħol, kumpaniji fantażma, postazzjonijiet foloz, ħaddiema minn pajjiżi terzi jew impjieg indipendenti foloz.

Or. en

Emenda 59
Hanna Gedin, Per Clausen

Proposta għal regolament
Premessa 6b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(6b) Għalhekk, ir-rekwiżiti ta' informazzjoni speċifiċi jenħtieġ li jgħinu wkoll biex jiġu identifikati u indirizzati l-postazzjonijiet ta' riskju għoli li jinvolvu kumpaniji li għandhom rekord ippruvat li jużaw il-postazzjoni ta' ħaddiema biex jimminaw il-libertà ta' assoċjazzjoni, bħal fil-każ tal-użu sistematiku ta' ħaddiema ppostjati minn Tesla biex imorru kontra strajks.

Or. en

Emenda 60
Villy Søvndal, Kim Van Sparrentak
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Is-simplifikazzjoni tal-proċess li jintbagħtu ***u*** jiġu aġġornati d-dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni li jirriżultaw mill-ħolqien ta' tali interfaċċa pubblika għandha ***tnaqqas l-ostakli*** amministrattivi ***għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, inkluż għad-dritt*** tal-impriżi li jipprovdu servizzi fi Stat Membru ieħor bil-ħaddiema tagħhom stess.	(7) Is-simplifikazzjoni tal-proċess li jintbagħtu***,*** jiġu aġġornati u ***jiġu intraċċati*** d-dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni li jirriżultaw mill-ħolqien ta' tali interfaċċa pubblika għandha ***tgħin biex jiġu ssimplifikati parzjalment ir-rekwiżiti*** amministrattivi ***rigward il-libertà*** tal-impriżi li jipprovdu servizzi fi Stat Membru ieħor bil-ħaddiema tagħhom stess***, filwaqt li jiżguraw il-protezzjoni tal-ħaddiema ppostjati matul il-postazzjoni tagħhom b'rabta ma' dik il-libertà li jipprovdu servizzi***.

Or. en

Emenda 61
Hanna Gedin, Per Clausen

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Is-simplifikazzjoni tal-proċess li jintbagħtu ***u*** jiġu aġġornati d-dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni li jirriżultaw mill-ħolqien ta' tali interfaċċa pubblika għandha ***tnaqqas l-ostakli*** amministrattivi ***għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, inkluż għad-dritt*** tal-impriżi li jipprovdu servizzi fi Stat Membru ieħor bil-ħaddiema tagħhom stess.	(7) Is-simplifikazzjoni tal-proċess li jintbagħtu***,*** jiġu aġġornati u ***jiġu intraċċati*** d-dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni li jirriżultaw mill-ħolqien ta' tali interfaċċa pubblika għandha ***tgħin biex jiġu ssimplifikati r-rekwiżiti*** amministrattivi ***rigward il-libertà*** tal-impriżi li jipprovdu servizzi fi Stat Membru ieħor bil-ħaddiema tagħhom stess***, filwaqt li jiżguraw il-protezzjoni tal-ħaddiema ppostjati matul il-postazzjoni tagħhom b'rabta ma' dik il-libertà li jipprovdu servizzi***.

Or. en

Emenda 62
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Is-simplifikazzjoni tal-proċess li jintbagħtu u jiġu aġġornati d-dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni li jirriżultaw mill-ħolqien ta' tali interfaċċa pubblika għandha tnaqqas l-ostakli amministrattivi għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, inkluż għad-dritt tal-impriżi li jipprovdu servizzi fi Stat Membru ieħor bil-ħaddiema tagħhom stess.	(7) Is-simplifikazzjoni tal-proċess li jintbagħtu u jiġu aġġornati d-dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni li jirriżultaw mill-ħolqien ta' tali interfaċċa pubblika jenħtieġ li tnaqqas l-ostakli amministrattivi għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, inkluż għad-dritt tal-impriżi li jipprovdu servizzi fi Stat Membru ieħor bil-ħaddiema tagħhom stess, ***sabiex tiġi ffaċilitata l-internazzjonalizzazzjoni tan-negozju***.

Or. ro

Emenda 63
Brigitte van den Berg, Svenja Hahn, Jana Toom, Hristo Petrov

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Is-simplifikazzjoni tal-proċess li jintbagħtu u jiġu aġġornati d-dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni li jirriżultaw mill-ħolqien ta' tali interfaċċa pubblika għandha tnaqqas l-ostakli amministrattivi għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, inkluż għad-dritt tal-impriżi li jipprovdu servizzi fi Stat Membru ieħor bil-ħaddiema tagħhom stess.	(7) Is-simplifikazzjoni tal-proċess li jintbagħtu u jiġu aġġornati d-dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni li jirriżultaw mill-ħolqien ta' tali interfaċċa pubblika għandha tnaqqas l-ostakli amministrattivi għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, inkluż għad-dritt tal-impriżi li jipprovdu servizzi fi Stat Membru ieħor bil-ħaddiema tagħhom stess ***u tiffaċilita l-mobbiltà tal-forza tax-xogħol fl-UE***.

Or. en

Emenda 64
Kosma Złotowski

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Is-simplifikazzjoni tal-proċess li jintbagħtu u jiġu aġġornati d-dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni li jirriżultaw mill-ħolqien ta' tali interfaċċa pubblika ***għandha*** tnaqqas l-ostakli amministrattivi għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, inkluż għad-dritt tal-impriżi li jipprovdu servizzi fi Stat Membru ieħor bil-ħaddiema tagħhom stess.	(7) Is-simplifikazzjoni tal-proċess li jintbagħtu u jiġu aġġornati d-dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni li jirriżultaw mill-ħolqien ta' tali interfaċċa pubblika ***se*** tnaqqas l-ostakli amministrattivi għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, inkluż għad-dritt tal-impriżi li jipprovdu servizzi fi Stat Membru ieħor bil-ħaddiema tagħhom stess.

Or. en

Emenda 65
Grégory Allione, Valérie Devaux, Stéphanie Yon-Courtin, Marie-Pierre Vedrenne, Sandro Gozi

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(8) Is-simplifikazzjoni tal-proċess li permezz tiegħu jintbagħtu u jiġu aġġornati d-dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni ***għandha tiffaċilita*** l-applikazzjoni aħjar ***u aktar uniformi*** tad-Direttiva 96/71/KE kif ukoll l-infurzar tagħha fil-prattika, filwaqt li jitnaqqsu l-każijiet ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli dwar l-ippostjar ***minħabba l-proċeduri differenti għas-sottomissjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni.*** Dan ***se*** jiffaċilita t-twettiq ta' spezzjonijiet effettivi u adegwati mill-Istati Membri, filwaqt li jikkontribwixxi għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema ppostjati.

(8) Is-simplifikazzjoni tal-proċess li permezz tiegħu jintbagħtu u jiġu aġġornati d-dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni ***permezz tal-interfaċċa pubblika għandha l-għan li tiffaċilita*** l-applikazzjoni aħjar tad-Direttiva 96/71/KE kif ukoll l-infurzar tagħha fil-prattika, filwaqt li jitnaqqsu l-każijiet ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli dwar l-ippostjar***.*** Dan ***huwa maħsub biex*** jiffaċilita t-twettiq ta' spezzjonijiet effettivi u adegwati mill-Istati Membri, filwaqt li jikkontribwixxi għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema ppostjati. ***Għal dak il-għan, il-formola standard fiha lista ta' informazzjoni meħtieġa biex jiġu permessi kontrolli fi kwalunkwe Stat Membru. Din il-lista jenħtieġ li tiġi emendata fuq talba ta' Stat Membru biex jitqiesu l-ħtiġijiet nazzjonali tiegħu li jippermettu kontrolli fattwali fuq il-post tax-xogħol. Dik l-informazzjoni tista' tikkonsisti, fost l-oħrajn, minn elementi relatati mal-kundizzjonijiet tax-xogħol u mal-akkomodazzjoni kollettiva, meta jkun rilevanti.***

Or. en

Emenda 66
Johan Danielsson, Marc Angel, Gabriele Bischoff, Marianne Vind, Vivien Costanzo, Vilija Blinkevičiūtė, Brando Benifei, Marit Maij, Laura Ballarín Cereza, Adnan Dibrani, Idoia Mendia, Alicia Homs Ginel, Elisabeth Grossmann, François Kalfon

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Is-simplifikazzjoni tal-proċess li permezz tiegħu jintbagħtu ***u*** jiġu aġġornati d-dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni għandha tiffaċilita l-applikazzjoni aħjar ***u*** aktar uniformi tad-Direttiva 96/71/KE kif ukoll l-infurzar tagħha fil-prattika, filwaqt li jitnaqqsu l-każijiet ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli dwar l-ippostjar minħabba l-proċeduri differenti għas-	(8) Is-simplifikazzjoni tal-proċess li permezz tiegħu jintbagħtu, jiġu aġġornati ***u jiġu ttraċċati*** d-dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni jenħtieġ li tiffaċilita l-applikazzjoni aħjar, aktar uniformi ***u effettiva*** tad-Direttiva 96/71/KE kif ukoll l-infurzar tagħha fil-prattika, filwaqt li jitnaqqsu l-każijiet ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli dwar l-ippostjar

sottomissjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni. Dan se jiffaċilita t-twettiq ta' spezzjonijiet effettivi u adegwati mill-Istati Membri, filwaqt li jikkontribwixxi għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema ppostjati.	minħabba l-proċeduri differenti għas-sottomissjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni. Dan se jiffaċilita t-twettiq ta' spezzjonijiet effettivi u adegwati mill-Istati Membri, filwaqt li jikkontribwixxi għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema ppostjati ***u se jikkontribwixxi għall-ġlieda kontra ċ-ċirkomvenzjoni u l-abbuż tar-regoli dwar il-postazzjoni, ix-xogħol mhux iddikjarat u l-isfruttament ta' ħaddiema fil-kuntest tal-postazzjoni tal-ħaddiema.***

Or. en

Emenda 67
Andreas Schwab, Pascal Arimont, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Is-simplifikazzjoni tal-proċess li permezz tiegħu jintbagħtu ***u*** jiġu aġġornati d-dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni għandha tiffaċilita l-applikazzjoni aħjar ***u*** aktar uniformi tad-Direttiva 96/71/KE kif ukoll l-infurzar tagħha fil-prattika, filwaqt li jitnaqqsu l-każijiet ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli dwar l-ippostjar minħabba l-proċeduri differenti għas-sottomissjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni. Dan se jiffaċilita t-twettiq ta' spezzjonijiet effettivi u adegwati mill-Istati Membri, filwaqt li jikkontribwixxi għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema ppostjati.	(8) Is-simplifikazzjoni tal-proċess li permezz tiegħu jintbagħtu u jiġu aġġornati d-dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni għandha tiffaċilita l-applikazzjoni aħjar u aktar uniformi tad-Direttiva 96/71/KE kif ukoll l-infurzar tagħha fil-prattika, ***billi jittejbu l-ġbir u l-komparabbiltà tad-data permezz ta' formola standard kif stabbilit fl-Anness I u*** filwaqt li jitnaqqsu l-każijiet ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli dwar l-ippostjar minħabba l-proċeduri differenti għas-sottomissjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni. Dan se jiffaċilita t-twettiq ta' spezzjonijiet effettivi u adegwati mill-Istati Membri, filwaqt li jikkontribwixxi għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema ppostjati.

Or. en

Emenda 68
Hanna Gedin, Per Clausen

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Is-simplifikazzjoni tal-proċess li permezz tiegħu jintbagħtu ***u*** jiġu aġġornati d-dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni għandha tiffaċilita l-applikazzjoni ***aħjar u*** aktar uniformi tad-Direttiva 96/71/KE kif ukoll l-infurzar tagħha fil-prattika***, filwaqt li jitnaqqsu l-każijiet ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli dwar l-ippostjar minħabba l-proċeduri differenti għas-sottomissjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni. Dan*** se jiffaċilita t-twettiq ta' spezzjonijiet effettivi u adegwati mill-Istati Membri, filwaqt li jikkontribwixxi għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema ppostjati.	(8) Is-simplifikazzjoni tal-proċess li permezz tiegħu jintbagħtu***,*** jiġu aġġornati ***u ttraċċati*** d-dikjarazzjonijiet għandha tiffaċilita applikazzjoni aktar uniformi ***u effettiva*** tad-Direttiva 96/71/KE kif ukoll l-infurzar tagħha fil-prattika. ***Billi jippermetti ġbir, aggregazzjoni u referenzjar inkroċjat aħjar tad-data, ir-repożitorju tal-IMI dedikat,*** se jiffaċilita ***l-kooperazzjoni transfruntiera u*** t-twettiq ta' spezzjonijiet effettivi u adegwati mill-Istati Membri, filwaqt li jikkontribwixxi għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema ppostjati ***u biex jiġu indirizzati l-postazzjonijiet mhux iddikjarati u d-dumping soċjali***.

Or. en

Emenda 69
Villy Søvndal, Kim Van Sparrentak
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Is-simplifikazzjoni tal-proċess li permezz tiegħu jintbagħtu ***u*** jiġu aġġornati d-dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni għandha tiffaċilita l-applikazzjoni ***aħjar u*** aktar uniformi tad-Direttiva 96/71/KE kif ukoll l-infurzar tagħha fil-prattika***, filwaqt li jitnaqqsu l-każijiet ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli dwar l-ippostjar minħabba l-proċeduri differenti għas-sottomissjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni. Dan*** se jiffaċilita t-twettiq ta' spezzjonijiet effettivi u adegwati mill-Istati Membri, filwaqt li jikkontribwixxi għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema	(8) Is-simplifikazzjoni tal-proċess li permezz tiegħu jintbagħtu***,*** jiġu aġġornati ***u ttraċċati*** d-dikjarazzjonijiet għandha tiffaċilita applikazzjoni aktar uniformi ***u effettiva*** tad-Direttiva 96/71/KE kif ukoll l-infurzar tagħha fil-prattika. ***Billi jippermettu ġbir, aggregazzjoni u referenzjar inkroċjat aħjar tad-data, ir-repożitorju tal-IMI dedikat,*** se jiffaċilita ***l-kooperazzjoni transfruntiera u t-twettiq*** ta' spezzjonijiet effettivi u adegwati mill-Istati Membri, filwaqt li ***jindirizza l-frodi u l-abbuż, u b'hekk*** jikkontribwixxi għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema

ppostjati.	ppostjati.

Or. en

Emenda 70
Kosma Złotowski

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Is-simplifikazzjoni tal-proċess li permezz tiegħu jintbagħtu u jiġu aġġornati d-dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni ***għandha*** tiffaċilita l-applikazzjoni aħjar u aktar uniformi tad-Direttiva 96/71/KE kif ukoll l-infurzar tagħha fil-prattika, filwaqt li jitnaqqsu l-każijiet ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli dwar l-ippostjar minħabba l-proċeduri differenti għas-sottomissjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni. Dan se jiffaċilita t-twettiq ta' spezzjonijiet effettivi u adegwati mill-Istati Membri, filwaqt li jikkontribwixxi għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema ppostjati.	(8) Is-simplifikazzjoni tal-proċess li permezz tiegħu jintbagħtu u jiġu aġġornati d-dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni ***se*** tiffaċilita l-applikazzjoni aħjar u aktar uniformi tad-Direttiva 96/71/KE kif ukoll l-infurzar tagħha fil-prattika, filwaqt li jitnaqqsu l-każijiet ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli dwar l-ippostjar minħabba l-proċeduri differenti għas-sottomissjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni. Dan se jiffaċilita t-twettiq ta' spezzjonijiet effettivi u adegwati mill-Istati Membri, filwaqt li jikkontribwixxi għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema ppostjati.

Or. en

Emenda 71
Hanna Gedin, Per Clausen

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Is-simplifikazzjoni tal-proċess li permezz tiegħu jintbagħtu ***u*** jiġu aġġornati d-dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni għandha tnaqqas ***il-piż amministrattiv*** tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti li jfittxu assistenza reċiproka minn Stati Membri oħra. Sabiex jiġi żgurat li l-awtoritajiet	(9) Is-simplifikazzjoni tal-proċess li permezz tiegħu jintbagħtu, jiġu aġġornati ***u jiġu ttraċċati*** d-dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni għandha tnaqqas ***l-ostakli għall-infurzar transfruntier u l-kooperazzjoni amministrattiva*** tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti li jfittxu

nazzjonali kompetenti responsabbli jkunu jistgħu jipprovdu assistenza reċiproka lil xulxin mingħajr dewmien żejjed u biex jiġu ssimplifikati t-talbiet għal assistenza reċiproka, l-informazzjoni sottomessa fid-dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni għandha tkun magħmula disponibbli direttament fl-IMI, u b'hekk tiffaċilita l-applikazzjoni fil-prattika tad-Direttiva 2014/67/UE u tad-Direttiva 96/71/KE u tappoġġa l-kooperazzjoni amministrattiva relatata bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fl-Istati Membri li jikkontribwixxu għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern.

assistenza reċiproka minn Stati Membri oħra. Sabiex jiġi żgurat li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti responsabbli jkunu jistgħu jipprovdu assistenza reċiproka lil xulxin mingħajr dewmien żejjed u biex jiġu ssimplifikati t-talbiet għal assistenza reċiproka, l-informazzjoni sottomessa fid-dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni għandha tkun magħmula disponibbli direttament fl-IMI, u b'hekk tiffaċilita l-applikazzjoni fil-prattika tad-Direttiva 2014/67/UE u tad-Direttiva 96/71/KE u tappoġġa l-kooperazzjoni amministrattiva relatata bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fl-Istati Membri li jikkontribwixxu għal ***infurzar aktar effettiv u*** għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern.

Or. en

Emenda 72
Villy Søvndal, Kim Van Sparrentak
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Is-simplifikazzjoni tal-proċess li permezz tiegħu jintbagħtu ***u*** jiġu aġġornati d-dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni għandha tnaqqas ***il-piż amministrattiv*** tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti li jfittxu assistenza reċiproka minn Stati Membri oħra. Sabiex jiġi żgurat li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti responsabbli jkunu jistgħu jipprovdu assistenza reċiproka lil xulxin mingħajr dewmien żejjed u biex jiġu ssimplifikati t-talbiet għal assistenza reċiproka, l-informazzjoni sottomessa fid-dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni għandha tkun magħmula disponibbli direttament fl-IMI, u b'hekk tiffaċilita l-applikazzjoni fil-prattika tad-Direttiva 2014/67/UE u tad-Direttiva 96/71/KE u tappoġġa l-kooperazzjoni amministrattiva relatata bejn	(9) Is-simplifikazzjoni tal-proċess li permezz tiegħu jintbagħtu, jiġu aġġornati ***u jiġu ttraċċati*** d-dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni għandha tnaqqas ***l-ostakli għall-infurzar transfruntier u l-kooperazzjoni amministrattiva*** tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti li jfittxu assistenza reċiproka minn Stati Membri oħra. Sabiex jiġi żgurat li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti responsabbli jkunu jistgħu jipprovdu assistenza reċiproka lil xulxin mingħajr dewmien żejjed u biex jiġu ssimplifikati t-talbiet għal assistenza reċiproka, l-informazzjoni sottomessa fid-dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni għandha tkun magħmula disponibbli direttament fl-IMI, u b'hekk tiffaċilita l-applikazzjoni fil-prattika tad-Direttiva 2014/67/UE u tad-

l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fl-Istati Membri li jikkontribwixxu għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern.	Direttiva 96/71/KE u tappoġġa l-kooperazzjoni amministrattiva relatata bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fl-Istati Membri li jikkontribwixxu għal ***infurzar aktar effettiv u*** għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern.

Or. en

Emenda 73
Johan Danielsson, Marc Angel, Gabriele Bischoff, Marianne Vind, Vivien Costanzo, Vilija Blinkevičiūtė, Brando Benifei, Marit Maij, Laura Ballarín Cereza, Adnan Dibrani, Idoia Mendia, Alicia Homs Ginel, Elisabeth Grossmann, François Kalfon

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Is-simplifikazzjoni tal-proċess li permezz tiegħu jintbagħtu ***u*** jiġu aġġornati d-dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni għandha tnaqqas ***il-piż*** amministrattiv tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti li jfittxu assistenza reċiproka minn Stati Membri oħra. Sabiex jiġi żgurat li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti responsabbli jkunu jistgħu jipprovdu assistenza reċiproka lil xulxin mingħajr dewmien żejjed u biex jiġu ssimplifikati t-talbiet għal assistenza reċiproka, l-informazzjoni sottomessa fid-dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni għandha tkun magħmula disponibbli direttament fl-IMI, u b'hekk tiffaċilita l-applikazzjoni fil-prattika tad-Direttiva 2014/67/UE u tad-Direttiva 96/71/KE u tappoġġa l-kooperazzjoni amministrattiva relatata bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fl-Istati Membri li jikkontribwixxu għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern.	(9) Is-simplifikazzjoni tal-proċess li permezz tiegħu jintbagħtu u jiġu aġġornati d-dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni għandha tnaqqas il-piż amministrattiv tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti li jfittxu assistenza reċiproka minn Stati Membri oħra ***u ttejjeb il-ġbir tad-data bħala mod kif l-ispezzjonijiet jiġu mmirati aħjar***. Sabiex jiġi żgurat li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti responsabbli jkunu jistgħu jipprovdu assistenza reċiproka lil xulxin mingħajr dewmien żejjed u biex jiġu ssimplifikati t-talbiet għal assistenza reċiproka, l-informazzjoni sottomessa fid-dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni għandha tkun magħmula disponibbli direttament fl-IMI, u b'hekk tiffaċilita l-applikazzjoni fil-prattika tad-Direttiva 2014/67/UE u tad-Direttiva 96/71/KE u tappoġġa l-kooperazzjoni amministrattiva relatata bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fl-Istati Membri li jikkontribwixxu għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern.

Or. en

Emenda 74
Kosma Złotowski

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Is-simplifikazzjoni tal-proċess li permezz tiegħu jintbagħtu u jiġu aġġornati d-dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni ***għandha*** tnaqqas il-piż amministrattiv tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti li jfittxu assistenza reċiproka minn Stati Membri oħra. Sabiex jiġi żgurat li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti responsabbli jkunu jistgħu jipprovdu assistenza reċiproka lil xulxin mingħajr dewmien żejjed u biex jiġu ssimplifikati t-talbiet għal assistenza reċiproka, l-informazzjoni sottomessa fid-dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni għandha tkun magħmula disponibbli direttament fl-IMI, u b'hekk tiffaċilita l-applikazzjoni fil-prattika tad-Direttiva 2014/67/UE u tad-Direttiva 96/71/KE u tappoġġa l-kooperazzjoni amministrattiva relatata bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fl-Istati Membri li jikkontribwixxu għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern.	(9) Is-simplifikazzjoni tal-proċess li permezz tiegħu jintbagħtu u jiġu aġġornati d-dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni ***se*** tnaqqas il-piż amministrattiv tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti li jfittxu assistenza reċiproka minn Stati Membri oħra. Sabiex jiġi żgurat li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti responsabbli jkunu jistgħu jipprovdu assistenza reċiproka lil xulxin mingħajr dewmien żejjed u biex jiġu ssimplifikati t-talbiet għal assistenza reċiproka, l-informazzjoni sottomessa fid-dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni għandha tkun magħmula disponibbli direttament fl-IMI, u b'hekk tiffaċilita l-applikazzjoni fil-prattika tad-Direttiva 2014/67/UE u tad-Direttiva 96/71/KE u tappoġġa l-kooperazzjoni amministrattiva relatata bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fl-Istati Membri li jikkontribwixxu għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern.

Or. en

Emenda 75
Johan Danielsson, Marc Angel, Gabriele Bischoff, Marianne Vind, Vivien Costanzo, Vilija Blinkevičiūtė, Brando Benifei, Marit Maij, Laura Ballarín Cereza, Adnan Dibrani, Idoia Mendia, Alicia Homs Ginel, Elisabeth Grossmann, François Kalfon

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi interfaċċa pubblika għall-użu volontarju mill-Istati Membri. L-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jirrikjedu li l-fornituri ta' servizzi jużaw l-interfaċċa	(10) Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi interfaċċa pubblika għall-użu volontarju mill-Istati Membri. L-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jirrikjedu li l-fornituri ta' servizzi jużaw l-interfaċċa

pubblika elettronika biex jagħmlu dikjarazzjoni tal-postazzjoni lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti responsabbli tagħhom, sabiex jikkonformaw mal-obbligi ġustifikati u proporzjonati imposti minn dawn l-Istati Membri biex jiddikjaraw il-postazzjoni tal-ħaddiema. Din l-interfaċċa pubblika għandha tappoġġa lill-Istati Membri fil-kompitu tagħhom li jiżguraw li l-proċeduri u l-formalitajiet relatati mal-postazzjoni tal-ħaddiema jkunu jistgħu jitlestew b'mod faċli għall-utent mill-impriżi, mill-bogħod u b'mezzi elettroniċi, filwaqt li jiffaċilitaw is-sottomissjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni fejn meħtieġ.	pubblika elettronika biex jagħmlu dikjarazzjoni tal-postazzjoni lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti responsabbli tagħhom, sabiex jikkonformaw mal-obbligi ġustifikati u proporzjonati imposti minn dawn l-Istati Membri biex jiddikjaraw il-postazzjoni tal-ħaddiema ***u biex ikunu jistgħu jsiru kontrolli fattwali fuq il-post tax-xogħol***. Din l-interfaċċa pubblika għandha tappoġġa lill-Istati Membri fil-kompitu tagħhom li jiżguraw li l-proċeduri u l-formalitajiet relatati mal-postazzjoni tal-ħaddiema jkunu jistgħu jitlestew b'mod faċli għall-utent mill-impriżi, mill-bogħod u b'mezzi elettroniċi, filwaqt li jiffaċilitaw is-sottomissjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni ***u li jittellgħu d-dokumenti*** fejn meħtieġ. ***Jenħtieġ li l-interfaċċa pubblika tivvalida d-data fid-dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni biex tiżgura sa fejn ikun possibbli l-plawżibbiltà u l-akkuratezza teknika tal-informazzjoni mdaħħla u l-format tad-data. Tali validazzjoni tista' titwettaq billi tiġi integrata verifika ma' reġistri rilevanti tal-Unjoni jew nazzjonali, bħal reġistri tal-indirizzi jew tan-negozji, fl-interfaċċa pubblika. L-azzjoni tal-utent min-naħa tal-fornitur tas-servizzi fl-interfaċċa pubblika dwar id-dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni u d-data inkluża fihom tiġi rreġistrata u mniżżla sabiex jiġu pprovduti trasparenza u traċċabbiltà sħiħa.***
	Or. en

Emenda 76
Villy Søvndal, Kim Van Sparrentak
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Il-Kummissjoni għandha	(10) Il-Kummissjoni għandha

tistabbilixxi interfaċċa pubblika għall-użu volontarju mill-Istati Membri. L-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jirrikjedu li l-forniturи ta' servizzi jużaw l-interfaċċa pubblika elettronika biex jagħmlu dikjarazzjoni tal-postazzjoni lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti responsabbli tagħhom, sabiex jikkonformaw mal-obbligi ġustifikati u proporzjonati imposti minn dawn l-Istati Membri biex jiddikjaraw il-postazzjoni tal-ħaddiema. Din l-interfaċċa pubblika għandha tappoġġa lill-Istati Membri fil-kompitu tagħhom li jiżguraw li l-proċeduri u l-formalitajiet relatati mal-postazzjoni tal-ħaddiema jkunu jistgħu jitlestew b'mod faċli għall-utent mill-impriżi, mill-bogħod u b'mezzi elettroniċi, filwaqt li jiffaċilitaw is-sottomissjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni fejn meħtieġ.

tistabbilixxi interfaċċa pubblika għall-użu volontarju mill-Istati Membri. L-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jirrikjedu li l-forniturи ta' servizzi jużaw l-interfaċċa pubblika elettronika biex jagħmlu dikjarazzjoni tal-postazzjoni lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti responsabbli tagħhom, sabiex jikkonformaw mal-obbligi ġustifikati u proporzjonati imposti minn dawn l-Istati Membri biex jiddikjaraw il-postazzjoni tal-ħaddiema ***u jkunu jistgħu jsiru kontrolli fattwali fuq il-post tax-xogħol***. Din l-interfaċċa pubblika għandha tappoġġa lill-Istati Membri ***parteċipanti*** fil-kompitu tagħhom li jiżguraw li l-proċeduri u l-formalitajiet relatati mal-postazzjoni tal-ħaddiema ***fl-Istat Membru tagħhom*** jkunu jistgħu jitlestew b'mod faċli għall-utent mill-impriżi, mill-bogħod u b'mezzi elettroniċi, filwaqt li jiffaċilitaw is-sottomissjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni fejn meħtieġ***, sabiex jiġu żgurati l-ġbir u l-operazzjonalizzazzjoni effettivi tal-informazzjoni meħtieġa***.

Or. en

Emenda 77
Hanna Gedin, Per Clausen

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi interfaċċa pubblika għall-użu volontarju mill-Istati Membri. L-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jirrikjedu li l-forniturи ta' servizzi jużaw l-interfaċċa pubblika elettronika biex jagħmlu dikjarazzjoni tal-postazzjoni lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti responsabbli tagħhom, sabiex jikkonformaw mal-obbligi ġustifikati u proporzjonati imposti minn dawn l-Istati	(10) Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi interfaċċa pubblika għall-użu volontarju mill-Istati Membri. L-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jirrikjedu li l-forniturи ta' servizzi jużaw l-interfaċċa pubblika elettronika biex jagħmlu dikjarazzjoni tal-postazzjoni lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti responsabbli tagħhom, sabiex jikkonformaw mal-obbligi ġustifikati u proporzjonati imposti minn dawn l-Istati

Membri biex jiddikjaraw il-postazzjoni tal-ħaddiema. Din l-interfaċċa pubblika għandha tappoġġa lill-Istati Membri fil-kompitu tagħhom li jiżguraw li l-proċeduri u l-formalitajiet relatati mal-postazzjoni tal-ħaddiema jkunu jistgħu jitlestew b'mod faċli għall-utent mill-impriżi, mill-bogħod u b'mezzi elettroniċi, filwaqt li jiffaċilitaw is-sottomissjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni fejn meħtieġ.	Membri biex jiddikjaraw il-postazzjoni tal-ħaddiema ***u jkunu jistgħu jsiru kontrolli fattwali fuq il-post tax-xogħol***. Din l-interfaċċa pubblika għandha tappoġġa lill-Istati Membri ***parteċipanti*** fil-kompitu tagħhom li jiżguraw li l-proċeduri u l-formalitajiet relatati mal-postazzjoni tal-ħaddiema jkunu jistgħu jitlestew b'mod faċli għall-utent mill-impriżi, mill-bogħod u b'mezzi elettroniċi, filwaqt li jiffaċilitaw is-sottomissjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni fejn meħtieġ***, sabiex jiġu żgurati l-ġbir u l-operazzjonalizzazzjoni effettivi tal-informazzjoni meħtieġa***.

Or. en

Emenda 78
Arba Kokalari, Andrea Wechsler, Angelika Winzig

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi interfaċċa pubblika għall-użu volontarju mill-Istati Membri. L-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jirrikjedu li l-fornituri ta' servizzi jużaw l-interfaċċa pubblika elettronika biex jagħmlu dikjarazzjoni tal-postazzjoni lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti responsabbli tagħhom, sabiex jikkonformaw mal-obbligi ġustifikati u proporzjonati imposti minn dawn l-Istati Membri biex jiddikjaraw il-postazzjoni tal-ħaddiema. Din l-interfaċċa pubblika għandha tappoġġa lill-Istati Membri fil-kompitu tagħhom li jiżguraw li l-proċeduri u l-formalitajiet relatati mal-postazzjoni tal-ħaddiema jkunu jistgħu jitlestew b'mod faċli għall-utent mill-impriżi, mill-bogħod u b'mezzi elettroniċi, filwaqt li jiffaċilitaw is-sottomissjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni fejn meħtieġ.	(10) Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi interfaċċa pubblika għall-użu volontarju mill-Istati Membri. ***Il-Kummissjoni jenħtieġ li tħeġġeġ u tappoġġa b'mod attiv lill-Istati Membri biex jużaw din l-interfaċċa pubblika b'mod li jkun l-aktar adattat għall-kuntesti nazzjonali tagħhom***. L-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jirrikjedu li l-fornituri ta' servizzi jużaw l-interfaċċa pubblika elettronika biex jagħmlu dikjarazzjoni tal-postazzjoni lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti responsabbli tagħhom, sabiex jikkonformaw mal-obbligi ġustifikati u proporzjonati imposti minn dawn l-Istati Membri biex jiddikjaraw il-postazzjoni tal-ħaddiema. Din l-interfaċċa pubblika għandha tappoġġa lill-Istati Membri fil-kompitu tagħhom li jiżguraw li l-proċeduri u l-formalitajiet relatati mal-postazzjoni tal-ħaddiema jkunu jistgħu jitlestew b'mod

	faċli għall-utent mill-impriżi, mill-bogħod u b'mezzi elettroniċi, filwaqt li jiffaċilitaw is-sottomissjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni fejn meħtieġ.

Or. en

Emenda 79
Andreas Schwab, Pascal Arimont, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi interfaċċa pubblika għall-użu volontarju mill-Istati Membri. L-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jirrikjedu li l-fornituri ta' servizzi jużaw l-interfaċċa pubblika elettronika biex jagħmlu dikjarazzjoni tal-postazzjoni lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti responsabbli tagħhom, sabiex jikkonformaw mal-obbligi ġustifikati u proporzjonati imposti minn dawn l-Istati Membri biex jiddikjaraw il-postazzjoni tal-ħaddiema. Din l-interfaċċa pubblika għandha tappoġġa lill-Istati Membri fil-kompitu tagħhom li jiżguraw li l-proċeduri u l-formalitajiet relatati mal-postazzjoni tal-ħaddiema jkunu jistgħu jitlestew b'mod faċli għall-utent mill-impriżi, mill-bogħod u b'mezzi elettroniċi, filwaqt li jiffaċilitaw is-sottomissjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni fejn meħtieġ.	(10) Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi interfaċċa pubblika għall-użu volontarju mill-Istati Membri. L-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jirrikjedu li l-fornituri ta' servizzi jużaw l-interfaċċa pubblika elettronika ***u l-formola standard kif stabbilit fl-Anness I*** biex jagħmlu dikjarazzjoni tal-postazzjoni lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti responsabbli tagħhom, sabiex jikkonformaw mal-obbligi ġustifikati u proporzjonati imposti minn dawn l-Istati Membri biex jiddikjaraw il-postazzjoni tal-ħaddiema. Din l-interfaċċa pubblika għandha tappoġġa lill-Istati Membri fil-kompitu tagħhom li jiżguraw li l-proċeduri u l-formalitajiet relatati mal-postazzjoni tal-ħaddiema jkunu jistgħu jitlestew b'mod faċli għall-utent mill-impriżi ***mingħajr ħlas***, mill-bogħod u b'mezzi elettroniċi, filwaqt li jiffaċilitaw is-sottomissjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni fejn meħtieġ.

Or. en

Emenda 80
Miriam Lexmann

Proposta għal regolament

Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi interfaċċa pubblika ***għall-użu volontarju mill-Istati Membri. L-Istati*** Membri ***jistgħu jagħżlu li jirrikjedu*** li l-fornituri ta' servizzi ***jużaw l-interfaċċa pubblika elettronika*** biex jagħmlu dikjarazzjoni tal-postazzjoni lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti responsabbli tagħhom, sabiex jikkonformaw mal-obbligi ġustifikati u proporzjonati imposti minn dawn l-Istati Membri biex jiddikjaraw il-postazzjoni tal-ħaddiema. Din l-interfaċċa pubblika għandha tappoġġa lill-Istati Membri fil-kompitu tagħhom li jiżguraw li l-proċeduri u l-formalitajiet relatati mal-postazzjoni tal-ħaddiema jkunu jistgħu jitlestew b'mod faċli għall-utent mill-impriżi, mill-bogħod u b'mezzi elettroniċi, filwaqt li jiffaċilitaw is-sottomissjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni ***fejn meħtieġ***.	(10) Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi interfaċċa pubblika ***għall-Istati*** Membri ***sabiex tiffaċilita lill-fornituri*** ta' servizzi biex jagħmlu dikjarazzjoni tal-postazzjoni lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti responsabbli tagħhom, sabiex jikkonformaw mal-obbligi ġustifikati u proporzjonati imposti minn dawn l-Istati Membri biex jiddikjaraw il-postazzjoni tal-ħaddiema. Din l-interfaċċa pubblika għandha tappoġġa lill-Istati Membri fil-kompitu tagħhom li jiżguraw li l-proċeduri u l-formalitajiet relatati mal-postazzjoni tal-ħaddiema jkunu jistgħu jitlestew b'mod faċli għall-utent mill-impriżi, mill-bogħod u b'mezzi elettroniċi, filwaqt li jiffaċilitaw is-sottomissjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni.

Or. en

Emenda 81
Kosma Złotowski

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi interfaċċa pubblika għall-użu ***volontarju*** mill-Istati Membri. L-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jirrikjedu li l-fornituri ta' servizzi jużaw l-interfaċċa pubblika elettronika biex jagħmlu dikjarazzjoni tal-postazzjoni lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti responsabbli tagħhom, sabiex jikkonformaw mal-obbligi ġustifikati u proporzjonati imposti minn dawn l-Istati	(10) Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi interfaċċa pubblika għall-użu ***obbligatorju*** mill-Istati Membri. L-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jirrikjedu li l-fornituri ta' servizzi jużaw l-interfaċċa pubblika elettronika biex jagħmlu dikjarazzjoni tal-postazzjoni lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti responsabbli tagħhom, sabiex jikkonformaw mal-obbligi ġustifikati u proporzjonati imposti minn dawn l-Istati

Membri biex jiddikjaraw il-postazzjoni tal-ħaddiema. Din l-interfaċċa pubblika ***għandha*** tappoġġa lill-Istati Membri fil-kompitu tagħhom li jiżguraw li l-proċeduri u l-formalitajiet relatati mal-postazzjoni tal-ħaddiema jkunu jistgħu jitlestew b'mod faċli għall-utent mill-impriżi, mill-bogħod u b'mezzi elettroniċi, filwaqt li jiffaċilitaw is-sottomissjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni fejn meħtieġ.	Membri biex jiddikjaraw il-postazzjoni tal-ħaddiema. Din l-interfaċċa pubblika ***se*** tappoġġa lill-Istati Membri fil-kompitu tagħhom li jiżguraw li l-proċeduri u l-formalitajiet relatati mal-postazzjoni tal-ħaddiema jkunu jistgħu jitlestew b'mod faċli għall-utent mill-impriżi, mill-bogħod u b'mezzi elettroniċi, filwaqt li jiffaċilitaw is-sottomissjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni fejn meħtieġ.

Or. en

Emenda 82
Brigitte van den Berg, Svenja Hahn, Jana Toom, Hristo Petrov

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi interfaċċa pubblika għall-użu ***volontarju*** mill-Istati Membri. L-Istati Membri ***jistgħu jagħżlu li*** jirrikjedu li l-fornituri ta' servizzi jużaw l-interfaċċa pubblika elettronika biex jagħmlu dikjarazzjoni tal-postazzjoni lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti responsabbli tagħhom, sabiex jikkonformaw mal-obbligi ġustifikati u proporzjonati imposti minn dawn l-Istati Membri biex jiddikjaraw il-postazzjoni tal-ħaddiema. Din l-interfaċċa pubblika għandha tappoġġa lill-Istati Membri fil-kompitu tagħhom li jiżguraw li l-proċeduri u l-formalitajiet relatati mal-postazzjoni tal-ħaddiema jkunu jistgħu jitlestew b'mod faċli għall-utent mill-impriżi, mill-bogħod u b'mezzi elettroniċi, filwaqt li jiffaċilitaw is-sottomissjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni fejn meħtieġ.	(10) Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi interfaċċa pubblika għall-użu ***obbligatorju*** mill-Istati Membri. L-Istati Membri ***jenħtieġ li*** jirrikjedu li l-fornituri ta' servizzi jużaw l-interfaċċa pubblika elettronika biex jagħmlu dikjarazzjoni tal-postazzjoni lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti responsabbli tagħhom, sabiex jikkonformaw mal-obbligi ġustifikati u proporzjonati imposti minn dawn l-Istati Membri biex jiddikjaraw il-postazzjoni tal-ħaddiema. Din l-interfaċċa pubblika għandha tappoġġa lill-Istati Membri fil-kompitu tagħhom li jiżguraw li l-proċeduri u l-formalitajiet relatati mal-postazzjoni tal-ħaddiema jkunu jistgħu jitlestew b'mod faċli għall-utent mill-impriżi, mill-bogħod u b'mezzi elettroniċi, filwaqt li jiffaċilitaw is-sottomissjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni fejn meħtieġ.

Or. en

Emenda 83
Pascal Arimont, Andreas Schwab, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Premessa 10a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10a) Ħafna fornituri ta' servizzi, speċjalment l-SMEs, jitolbu titjib fl-aċċessibbiltà tal-informazzjoni dwar il-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli dwar ix-xogħol u s-soċjetà u l-ftehimiet kollettivi applikabbli kif previst fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2014/67/UE. Fil-ktejjeb tagħha ta' Marzu 2023 "Lessons learnt for single national websites on the posting of workers"(Lezzjonijiet miksuba minn siti web nazzjonali uniċi dwar il-postazzjoni tal-ħaddiema), l-Awtorità Ewropea tax-Xogħol (ELA) tiddikjara, fost affarijiet oħra, il-valur miżjud ta' traduzzjonijiet koerenti, kompluti u aġġornati tas-sit web fil-lingwi kollha disponibbli tagħha u informazzjoni komprensiva dwar ftehimiet kollettivi applikabbli fil-każ ta' postazzjonijiet. Minħabba l-kumplessità tal-leġiżlazzjoni applikabbli u r-rakkomandazzjonijiet tal-ELA, l-interfaċċa diġitali jenħtieġ li jkollha wkoll rwol ewlieni fl-aċċessibbiltà tal-informazzjoni skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2014/67/UE.

Or. en

(Ara l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2014/67/UE)

Ġustifikazzjoni

Biex jiġu appoġġati l-SMEs u tiġi żgurata l-konformità mal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2014/67/UE, l-interfaċċa trid tipprovdi aċċess ċar u multilingwi għar-regoli dwar ix-xogħol, soċjali u fiskali nazzjonali kif ukoll għall-ftehimiet kollettivi. Dan isaħħaħ iċ-ċertezza legali, jipproteġi d-drittijiet tal-ħaddiema u jsegwi r-rakkomandazzjonijiet tal-ELA tal-2023 dwar informazzjoni aċċessibbli u kompluta.

Emenda 84

Andreas Schwab, Pascal Arimont, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Premessa 10a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10a) Bħalissa, il-postazzjoni tal-ħaddiema u l-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali jsegwu proċeduri ta' notifika differenti. Il-kumpaniji jridu jużaw portali differenti biex jissottomettu n-notifika tal-ħaddiema ppostjati u japplikaw għal dokument portabbli A1. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tesplora possibbiltajiet biex testendi l-użu tal-interfaċċa pubblika u l-użu mill-ġdid tad-data, speċjalment fir-rigward tad-dokument portabbli A1, bil-għan li tqarreb aktar in-notifika tal-ħaddiema ppostjati u l-applikazzjonijiet għaċ-ċertifikat A1 lejn xulxin u potenzjalment tgħaqqadhom flimkien fil-futur.

Or. en

Emenda 85
Arba Kokalari, Andrea Wechsler, Angelika Winzig, Henrik Dahl

Proposta għal regolament
Premessa 10a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10a) L-Istati Membri u l-Kummissjoni jenħtieġ li jikkooperaw fuq bażi kontinwa biex jidentifikaw u jeliminaw passi u rekwiżiti amministrattivi bla bżonn fil-proċess tad-dikjarazzjoni tal-postazzjoni, filwaqt li jiżguraw li l-għodod diġitali jnaqqsu b'mod effettiv il-piżijiet regolatorji għan-negozji mingħajr ma jikkompromettu l-protezzjonijiet tal-ħaddiema.

Or. en

Emenda 86
Pascal Arimont, Andreas Schwab, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Premessa 10b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10b) L-interfaċċa pubblika toffri potenzjal kbir bħala pjattaforma ta' informazzjoni f'konformità mal-Artikolu 5(2), il-punt (a), tad-Direttiva 2014/67/UE. Peress li l-leġiżlazzjoni tax-xogħol u soċjali applikabbli u l-eżenzjonijiet mill-obbligi li tiġi ddikjarata postazzjoni jvarjaw fost l-Istati Membri, l-interfaċċa pubblika jenħtieġ li, f'konformità mal-Artikolu 5(2), il-punt (a), tad-Direttiva 2014/67/UE, tipprovdi lill-kumpaniji u lill-fornituri ta' servizzi l-liġijiet u l-ftehimiet kollettivi applikabbli rilevanti, ħarsa ġenerali lejn l-eżenzjonijiet mill-obbligu li tiġi ddikjarata postazzjoni, u l-leġiżlazzjoni fiskali tal-Istati Membri kollha, inklużi dawk li ma jużawx l-interfaċċa pubblika, fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni. Din l-informazzjoni tiżgura r-rispett tad-drittijiet tal-ħaddiema, tiggarantixxi ċertezza legali u tgħin lill-kumpaniji, speċjalment l-SMEs, li għalihom ir-riċerka tal-liġi tax-xogħol applikabbli hija partikolarment diffiċli u impenjattiva.

Or. en

(Ara l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2014/67/UE)

Ġustifikazzjoni

Biex jiġu appoġġati l-SMEs u tiġi żgurata l-konformità mal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2014/67/UE, l-interfaċċa trid tipprovdi aċċess ċar u multilingwi għar-regoli dwar ix-xogħol, soċjali u fiskali nazzjonali kif ukoll għall-ftehimiet kollettivi. Dan isaħħaħ iċ-ċertezza legali, jipproteġi d-drittijiet tal-ħaddiema u jsegwi r-rakkomandazzjonijiet tal-ELA tal-2023 dwar informazzjoni aċċessibbli u kompluta.

Emenda 87
Arba Kokalari, Andrea Wechsler, Angelika Winzig, Henrik Dahl

Proposta għal regolament
Premessa 10b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10b) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tippromwovi b'mod attiv l-użu ta' teknoloġiji diġitali emerġenti bħall-IA, kontrolli awtomatizzati tal-konformità, u interfaċċi kompatibbli ma' apparati u pjattaformi, inklużi interfaċċi adattati għall-mowbajl biex jittejbu l-aċċessibbiltà u l-effettività tal-interfaċċa pubblika, filwaqt li tappoġġa l-moviment liberu tas-servizzi u tal-ħaddiema.

Or. en

Emenda 88
Johan Danielsson, Marc Angel, Gabriele Bischoff, Marianne Vind, Vivien Costanzo, Vilija Blinkevičiūtė, Brando Benifei, Marit Maij, Laura Ballarín Cereza, Adnan Dibrani, Idoia Mendia, Alicia Homs Ginel, Elisabeth Grossmann, François Kalfon

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) L-interfaċċa pubblika konnessa mal-IMI hija mezz tekniku magħmul disponibbli mill-Kummissjoni Ewropea għall-użu volontarju mill-Istati Membri. Qabel ma l-forniturі ta' servizzi jintalbu jiddikjaraw l-informazzjoni rilevanti permezz ta' dik l-interfaċċa, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li tali rekwiżit ikun previst fil-liġi nazzjonali, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni. Sabiex jiġi żgurat użu bla xkiel tal-interfaċċa pubblika, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-interess tagħhom li jagħmlu użu mill-interfaċċa pubblika elettronika multilingwi, fi kwalunkwe ħin mid-data tad-dħul fis-seħħ	(12) L-interfaċċa pubblika konnessa mal-IMI hija mezz tekniku magħmul disponibbli mill-Kummissjoni Ewropea għall-użu volontarju mill-Istati Membri. ***Il-Kummissjoni jenħtieġ li tiġi assistita mill-grupp ta' esperti dwar forma elettronika komuni għad-dikjarazzjoni tal-postazzjoni tal-ħaddiema u jenħtieġ li timmonitorja l-funzjonament xieraq tal-interfaċċa pubblika fuq bażi regolari u abbażi ta' allerti mis-sħab soċjali, min-negozji jew mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.*** Qabel ma l-forniturі ta' servizzi jintalbu jiddikjaraw l-informazzjoni rilevanti permezz ta' dik l-interfaċċa, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li tali rekwiżit

ta’ dan ir-Regolament.	ikun prevista fil-liġi nazzjonali, f’konformità mad-dritt tal-Unjoni. Sabiex jiġi żgurat użu bla xkiel tal-interfaċċa pubblika, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-interess tagħhom li jagħmlu użu mill-interfaċċa pubblika elettronika multilingwi, fi kwalunkwe ħin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 89
Miriam Lexmann

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) L-interfaċċa pubblika konnessa mal-IMI hija mezz tekniku magħmul disponibbli mill-Kummissjoni Ewropea għall-użu ***volontarju*** mill-Istati Membri. Qabel ma l-forniturі ta’ servizzi jintalbu jiddikjaraw l-informazzjoni rilevanti permezz ta’ dik l-interfaċċa, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li tali rekwiżit ikun prevista fil-liġi nazzjonali, f’konformità mad-dritt tal-Unjoni. ***Sabiex jiġi żgurat użu bla xkiel tal-interfaċċa pubblika, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-interess tagħhom li jagħmlu użu mill-interfaċċa pubblika elettronika multilingwi, fi kwalunkwe ħin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament.***	(12) L-interfaċċa pubblika konnessa mal-IMI hija mezz tekniku magħmul disponibbli mill-Kummissjoni Ewropea għall-użu mill-Istati Membri. Qabel ma l-forniturі ta’ servizzi jintalbu jiddikjaraw l-informazzjoni rilevanti permezz ta’ dik l-interfaċċa, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li tali rekwiżit ikun prevista fil-liġi nazzjonali, f’konformità mad-dritt tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 90
Brigitte van den Berg, Svenja Hahn, Jana Toom, Hristo Petrov

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) L-interfaċċa pubblika konnessa mal-IMI hija mezz tekniku magħmul disponibbli mill-Kummissjoni Ewropea għall-użu ***volontarju*** mill-Istati Membri. Qabel ma l-fornituri ta' servizzi jintalbu jiddikjaraw l-informazzjoni rilevanti permezz ta' dik l-interfaċċa, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li tali rekwiżit ikun previst fil-liġi nazzjonali, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni. ***Sabiex jiġi żgurat użu bla xkiel tal-interfaċċa pubblika, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-interess tagħhom li jagħmlu użu mill-interfaċċa pubblika elettronika multilingwi, fi kwalunkwe ħin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.***	(12) L-interfaċċa pubblika konnessa mal-IMI hija mezz tekniku magħmul disponibbli mill-Kummissjoni Ewropea għall-użu ***obbligatorju*** mill-Istati Membri. Qabel ma l-fornituri ta' servizzi jintalbu jiddikjaraw l-informazzjoni rilevanti permezz ta' dik l-interfaċċa, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li tali rekwiżit ikun previst fil-liġi nazzjonali, ***sad-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament,*** f'konformità mad-dritt tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 91
Kosma Złotowski

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) L-interfaċċa pubblika konnessa mal-IMI hija mezz tekniku magħmul disponibbli mill-Kummissjoni Ewropea għall-użu ***volontarju*** mill-Istati Membri. Qabel ma l-fornituri ta' servizzi jintalbu jiddikjaraw l-informazzjoni rilevanti permezz ta' dik l-interfaċċa, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li tali rekwiżit ikun previst fil-liġi nazzjonali, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni. Sabiex jiġi żgurat użu bla xkiel tal-interfaċċa pubblika, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-interess tagħhom li jagħmlu użu mill-interfaċċa pubblika elettronika multilingwi, fi kwalunkwe ħin mid-data tad-dħul fis-seħħ	(12) L-interfaċċa pubblika konnessa mal-IMI hija mezz tekniku magħmul disponibbli mill-Kummissjoni Ewropea għall-użu ***obbligatorju*** mill-Istati Membri. Qabel ma l-fornituri ta' servizzi jintalbu jiddikjaraw l-informazzjoni rilevanti permezz ta' dik l-interfaċċa, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li tali rekwiżit ikun previst fil-liġi nazzjonali, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni. Sabiex jiġi żgurat użu bla xkiel tal-interfaċċa pubblika, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-interess tagħhom li jagħmlu użu mill-interfaċċa pubblika elettronika multilingwi, fi kwalunkwe ħin mid-data tad-dħul fis-seħħ

ta’ dan ir-Regolament.	ta’ dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 92
Brigitte van den Berg, Svenja Hahn, Jana Toom, Hristo Petrov

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Il-forniturі ta’ servizzi għandhom ikunu jistgħu jippreżentaw dikjarazzjoni tal-postazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali ta’ Stat Membru ***parteċipanti*** li fih jiġi ***ippostjat*** ħaddiem, jiġifieri l-Istat Membru ospitanti, bl-użu ta’ formola standard multilingwi ta’ dik l-interfaċċa pubblika.	(14) Il-forniturі ta’ servizzi għandhom ikunu jistgħu jippreżentaw dikjarazzjoni tal-postazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali ta’ Stat Membru li fih jiġi ***ppostjat*** ħaddiem, jiġifieri l-Istat Membru ospitanti, bl-użu ta’ formola standard multilingwi ta’ dik l-interfaċċa pubblika. ***Jenħtieġ li l-faċilità tat-traduzzjoni fl-IMI tippermetti lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jittraduċu d-dokumenti minn kwalunkwe lingwa uffiċjali tal-Unjoni, u għaliha. Jenħtieġ li dan ineħħi l-ħtieġa ta’ obbligu fuq il-fornitur ta’ servizzi li jipprovdi traduzzjoni ta’ dawn id-dokumenti.***

Or. en

Emenda 93
Arba Kokalari, Andrea Wechsler, Angelika Winzig, Henrik Dahl

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Il-forniturі ta’ servizzi għandhom ikunu jistgħu jippreżentaw dikjarazzjoni tal-postazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali ta’ Stat Membru parteċipanti li fih jiġi ***ippostjat*** ħaddiem***,*** jiġifieri ***l-Istat*** Membru ospitanti, bl-użu ta’ formola standard multilingwi ta’ dik l-interfaċċa	(14) Il-forniturі ta’ servizzi għandhom ikunu jistgħu jippreżentaw dikjarazzjoni tal-postazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali ta’ Stat Membru parteċipanti li fih jiġi ***ppostjat*** ħaddiem, jiġifieri l-Istat Membru ospitanti, bl-użu ta’ formola standard ***faċli għall-utent*** ta’ dik l-

pubblika.	interfaċċa pubblika. ***Din il-formola jenħtieġ li tkun aċċessibbli fuq apparati u pjattaformi differenti biex tappoġġa l-provvista bla xkiel ta' servizzi transfruntiera. Jenħtieġ li tinkludi wkoll gwida ċara u karatteristiċi ta' appoġġ biex tgħin lill-fornituri ta' servizzi jimlew id-dikjarazzjoni b'mod effiċjenti.***

Or. en

Emenda 94
Villy Søvndal, Kim Van Sparrentak
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Il-fornituri ta' servizzi għandhom ikunu jistgħu jippreżentaw dikjarazzjoni tal-postazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali ta' Stat Membru parteċipanti li fih jiġi ***ippostjat*** ħaddiem***,*** jiġifieri l-Istat Membru ospitanti, bl-użu ta' formola standard multilingwi ta' dik l-interfaċċa pubblika.	(14) Il-fornituri ta' servizzi għandhom ikunu jistgħu jippreżentaw dikjarazzjoni tal-postazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali ta' Stat Membru parteċipanti li fih jiġi ***ppostjat*** ħaddiem***,*** jiġifieri l-Istat Membru ospitanti, bl-użu ta' formola standard multilingwi ta' dik l-interfaċċa pubblika ***b'sett komuni ta' rekwiżiti ta' informazzjoni minimi***.

Or. en

Emenda 95
Andreas Schwab, Pascal Arimont, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Il-fornituri ta' servizzi għandhom ikunu jistgħu jippreżentaw dikjarazzjoni tal-postazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali ta' Stat Membru parteċipanti li fih jiġi ***ippostjat*** ħaddiem***,*** jiġifieri l-Istat	(14) Il-fornituri ta' servizzi għandhom ikunu jistgħu jippreżentaw dikjarazzjoni tal-postazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali ta' Stat Membru parteċipanti li fih jiġi ***ppostjat*** ħaddiem***,*** jiġifieri l-Istat

Membru ospitanti, bl-użu ta' formola standard multilingwi ta' dik l-interfaċċa pubblika.	Membru ospitanti, bl-użu ta' formola standard multilingwi ta' dik l-interfaċċa pubblika ***u l-formola standard kif stabbilit fl-Anness I.***

Or. en

Emenda 96
Johan Danielsson, Marc Angel, Gabriele Bischoff, Marianne Vind, Vivien Costanzo, Vilija Blinkevičiūtė, Brando Benifei, Marit Maij, Laura Ballarín Cereza, Adnan Dibrani, Idoia Mendia, Alicia Homs Ginel, Elisabeth Grossmann, François Kalfon

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Il-forniturі ta' servizzi għandhom ikunu jistgħu jippreżentaw dikjarazzjoni tal-postazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali ta' Stat Membru parteċipanti li fih jiġi ***ippostjat*** ħaddiem***,*** jiġifieri l-Istat Membru ospitanti, bl-użu ta' formola standard multilingwi ta' dik l-interfaċċa pubblika.	(14) Il-forniturі ta' servizzi għandhom ikunu jistgħu jippreżentaw dikjarazzjoni tal-postazzjoni ***u jagħmlu disponibbli d-dokumenti rilevanti*** lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali ta' Stat Membru parteċipanti li fih jiġi ***ppostjat*** ħaddiem***,*** jiġifieri l-Istat Membru ospitanti, bl-użu ta' formola standard multilingwi ta' dik l-interfaċċa pubblika.

Or. en

Emenda 97
Hanna Gedin, Per Clausen

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Il-forniturі ta' servizzi għandhom ikunu jistgħu jippreżentaw dikjarazzjoni tal-postazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali ta' Stat Membru parteċipanti li fih jiġi ***ippostjat*** ħaddiem***,*** jiġifieri l-Istat Membru ospitanti, bl-użu ta' ***formola standard*** multilingwi ***ta' dik l-interfaċċa pubblika***.	(14) Il-forniturі ta' servizzi għandhom ikunu jistgħu jippreżentaw dikjarazzjoni tal-postazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali ta' Stat Membru parteċipanti li fih jiġi ***ppostjat*** ħaddiem***,*** jiġifieri l-Istat Membru ospitanti, bl-użu ta' ***interfaċċa pubblika*** multilingwi ***b'sett komuni ta' rekwiżiti ta' informazzjoni minima***.

Or. en

Emenda 98
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Il-fornituri ta' servizzi għandhom ikunu jistgħu jippreżentaw ***dikjarazzjoni tal-postazzjoni*** lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali ta' Stat Membru parteċipanti li fih jiġi ***ippostjat*** ħaddiem, jiġifieri l-Istat Membru ospitanti***, bl-użu ta' formola standard multilingwi ta' dik l-interfaċċa pubblika***.	(14) Il-fornituri ta' servizzi jenħtieġ li jkunu jistgħu jippreżentaw ***awtodikjarazzjoni standard*** lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali ta' Stat Membru parteċipanti li fih jiġi ***ppostjat*** ħaddiem, jiġifieri l-Istat Membru ospitanti.

Or. ro

Emenda 99
Pascal Arimont, Andreas Schwab, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Premessa 14a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(14a) Irrispettivament mill-proċess formali tar-reġistrazzjoni ta' postazzjoni, l-interfaċċa pubblika, fil-funzjoni tagħha bħala pjattaforma ta' informazzjoni u fl-ispirtu tal-Artikolu 5(2), il-punt (a), tad-Direttiva 2014/67/UE, jeħtiġilha tippermetti lill-fornituri ta' servizzi aċċess faċli għall-utent għal-leġiżlazzjoni tax-xogħol u soċjali applikabbli rilevanti, ħarsa ġenerali lejn l-eżenzjonijiet mill-obbligu li tiġi ddikjarata postazzjoni, kif ukoll il-ftehimiet kollettivi u l-leġiżlazzjoni fiskali applikabbli tal-Istati Membri kollha fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE. Dan jiżgura l-protezzjoni tad-drittijiet tax-xogħol u jiggarantixxi ċertezza legali.

Or. en

(Ara l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2014/67/UE)

Ġustifikazzjoni

Biex jiġu appoġġati l-SMEs u tiġi żgurata l-konformità mal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2014/67/UE, l-interfaċċa trid tipprovdi aċċess ċar u multilingwi għar-regoli dwar ix-xogħol, soċjali u fiskali nazzjonali kif ukoll għall-ftehimiet kollettivi. Dan isaħħaħ iċ-ċertezza legali, jipproteġi d-drittijiet tal-ħaddiema u jsegwi r-rakkomandazzjonijiet tal-ELA tal-2023 dwar informazzjoni aċċessibbli u kompluta.

Emenda 100
Villy Søvndal, Kim Van Sparrentak
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 14a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(14a) Fuq talba ta' Stat Membru, meta l-liġi ta' Stat Membru tirrikjedi li ċerti tipi ta' persuni li jaħdmu għal rashom jippreżentaw dikjarazzjoni, dawk il-persuni li jaħdmu għal rashom jenħtieġ li jkunu jistgħu jippreżentaw dikjarazzjoni permezz tal-interfaċċa pubblika.

Or. en

Emenda 101
Brigitte van den Berg, Svenja Hahn, Jana Toom, Hristo Petrov

Proposta għal regolament
Premessa 14a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(14a) Meta l-liġi ta' Stat Membru tirrikjedi li ċerti kategoriji ta' persuni li jaħdmu għal rashom jiddikjaraw il-postazzjonijiet tagħhom, jenħtieġ li jkun possibbli għal dawk li jaħdmu għal rashom li jużaw l-interfaċċa pubblika biex

jippreżentaw tali dikjarazzjonijiet.

Or. en

Emenda 102
Arba Kokalari, Andrea Wechsler, Angelika Winzig

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Il-Kummissjoni rċeviet kontribut mill-grupp ta' esperti dwar formola elettronika komuni għad-dikjarazzjoni tal-postazzjoni tal-ħaddiema dwar ir-rekwiżiti u s-sistemi ta' dikjarazzjoni nazzjonali kif ukoll dwar l-informazzjoni rilevanti meħtieġa biex ikunu jistgħu jsiru kontrolli fattwali fuq il-post tax-xogħol. Il-Kummissjoni rċeviet parir mill-grupp ta' esperti dwar ir-rekwiżiti ta' informazzjoni li tqis xieraq li jiġu inklużi f'forma komuni għad-dikjarazzjoni tal-postazzjoni tal-ħaddiema. Filwaqt li jitqies dan il-parir u sabiex tkun tista' tingħata l-informazzjoni li tista' tkun meħtieġa biex ikunu jistgħu jsiru kontrolli fattwali fuq il-post tax-xogħol, il-formola standard użata mill-interfaċċa pubblika elettronika għandha tikkonsisti f'informazzjoni relatata mal-fornitur tas-servizz, il-ħaddiem ippostjat, l-assenjazzjoni tal-postazzjoni, il-persuna ta' kuntatt għall-awtoritajiet kompetenti u r-riċevitur tas-servizz. Il-formola standard għandha tkun disponibbli bil-lingwi kollha tal-UE. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ċerti elementi li jinsabu fil-formola standard, li ma jqisuhomx rilevanti fid-dawl tal-kuntest nazzjonali tagħhom u tal-mod kif jorganizzaw il-kontrolli fattwali fuq il-post tax-xogħol, ma humiex meħtieġa mill-forniturі ta' servizzi li jistazzjonaw il-ħaddiema fit-territorju tagħhom li jimlew il-formola fuq l-interfaċċa pubblika elettronika.	(15) Il-Kummissjoni rċeviet kontribut mill-grupp ta' esperti dwar formola elettronika komuni għad-dikjarazzjoni tal-postazzjoni tal-ħaddiema dwar ir-rekwiżiti u s-sistemi ta' dikjarazzjoni nazzjonali kif ukoll dwar l-informazzjoni rilevanti meħtieġa biex ikunu jistgħu jsiru kontrolli fattwali fuq il-post tax-xogħol. Il-Kummissjoni rċeviet parir mill-grupp ta' esperti dwar ir-rekwiżiti ta' informazzjoni li tqis xieraq li jiġu inklużi f'forma komuni għad-dikjarazzjoni tal-postazzjoni tal-ħaddiema. Filwaqt li jitqies dan il-parir u sabiex tkun tista' tingħata l-informazzjoni li tista' tkun meħtieġa biex ikunu jistgħu jsiru kontrolli fattwali fuq il-post tax-xogħol, il-formola standard użata mill-interfaċċa pubblika elettronika għandha tikkonsisti f'informazzjoni relatata mal-fornitur tas-servizz, il-ħaddiem ippostjat, l-assenjazzjoni tal-postazzjoni, il-persuna ta' kuntatt għall-awtoritajiet kompetenti u r-riċevitur tas-servizz. Il-formola standard għandha tkun disponibbli bil-lingwi kollha tal-UE. ***Il-formola jenħtieġ li tkun sempliċi u faċli għall-utent biex jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi.*** L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ċerti elementi li jinsabu fil-formola standard, li ma jqisuhomx rilevanti fid-dawl tal-kuntest nazzjonali tagħhom u tal-mod kif jorganizzaw il-kontrolli fattwali fuq il-post tax-xogħol, ma humiex meħtieġa mill-forniturі ta' servizzi li jistazzjonaw il-ħaddiema fit-territorju tagħhom li jimlew

il-formola fuq l-interfaċċa pubblika elettronika. ***Barra minn hekk, il-Kummissjoni jenħtieġ li tħeġġeġ b'mod attiv lill-Istati Membri biex jipparteċipaw u jtejbu fuq bażi kontinwa l-użu ta' din il-formola standard. Dan l-approċċ se jippromwovi l-provvista ta' servizzi transfruntiera bla xkiel u l-mobbiltà tal-forza tax-xogħol fis-suq intern, mingħajr ma jintroduċi rekwiżiti regolatorji ġodda jew sproporzjonati.***

Or. en

Emenda 103
Villy Søvndal, Kim Van Sparrentak
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Il-Kummissjoni rċeviet kontribut ***mill-grupp*** ta' esperti dwar formola elettronika komuni għad-dikjarazzjoni tal-postazzjoni tal-ħaddiema dwar ir-rekwiżiti u s-sistemi ta' dikjarazzjoni nazzjonali kif ukoll dwar l-informazzjoni ***rilevanti meħtieġa biex ikunu jistgħu jsiru*** kontrolli fattwali fuq il-post tax-xogħol. Il-Kummissjoni ***rċeviet parir mill-grupp*** ta' esperti dwar ir-rekwiżiti ta' informazzjoni li tqis xieraq li jiġu inklużi f'forma komuni għad-dikjarazzjoni tal-postazzjoni tal-ħaddiema. Filwaqt li jitqies dan il-parir u sabiex tkun tista' tingħata ***l-informazzjoni*** li tista' tkun meħtieġa biex ikunu jistgħu jsiru kontrolli fattwali fuq il-post tax-xogħol, ***il-formola*** standard użata mill-interfaċċa pubblika elettronika għandha tikkonsisti f'informazzjoni relatata mal-fornitur tas-servizz, il-ħaddiem ippostjat, l-assenjazzjoni tal-postazzjoni, il-persuna ta' kuntatt għall-awtoritajiet kompetenti u r-riċevitur tas-servizz. ***Il-formola standard*** għandha tkun disponibbli bil-lingwi kollha	(15) Il-Kummissjoni rċeviet kontribut ***minn*** grupp ta' esperti ***informali*** dwar formola elettronika komuni għad-dikjarazzjoni tal-postazzjoni tal-ħaddiema dwar ir-rekwiżiti u s-sistemi ta' dikjarazzjoni nazzjonali kif ukoll dwar l-informazzjoni ***meħtieġa miġbura u użata mill-Istati Membri biex iwettqu*** kontrolli fattwali fuq il-post tax-xogħol. Il-Kummissjoni ***qieset il-kontribut tal-grupp*** ta' esperti dwar ir-rekwiżiti ta' informazzjoni li tqis xieraq li jiġu inklużi f'forma komuni għad-dikjarazzjoni tal-postazzjoni tal-ħaddiema***, b'attenzjoni partikolari għall-opinjonijiet tal-Istati Membri li esprimew interess preliminari li jipparteċipaw***. Filwaqt li jitqies dan il-parir u sabiex tkun tista' tingħata informazzjoni li tista' tkun meħtieġa biex ikunu jistgħu jsiru kontrolli fattwali fuq il-post tax-xogħol, formola standard użata mill-interfaċċa pubblika elettronika ***multilingwi*** jenħtieġ li tikkonsisti f'informazzjoni relatata mal-fornitur tas-servizz, il-ħaddiem

tal-UE. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ċerti elementi li jinsabu fil-formola standard, ***li ma jqisuhomx*** rilevanti fid-dawl tal-kuntest nazzjonali tagħhom u tal-mod kif jorganizzaw il-kontrolli fattwali fuq il-post tax-xogħol, ma humiex meħtieġa mill-forniturі ta' servizzi li jistazzjonaw il-ħaddiema fit-territorju tagħhom li jimlew il-formola ***fuq l-interfaċċa*** pubblika elettronika.

ippostjat, l-assenjazzjoni tal-postazzjoni, il-persuna ta' kuntatt għall-awtoritajiet kompetenti u r-riċevitur tas-servizz. ***L-interfaċċa pubblika*** għandha tkun disponibbli bil-lingwi kollha tal-UE. ***Biex tiġi żgurata l-interoperabbiltà,*** l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ***jenħtieġ li jiġu miżjuda*** ċerti elementi ***minbarra dawk*** li jinsabu fil-formola standard ***abbażi ta' dak li huma jqisu li huwa*** rilevanti fid-dawl tal-kuntest nazzjonali tagħhom u tal-mod kif jorganizzaw il-kontrolli fattwali fuq il-post tax-xogħol, ***meta jitolbu lill-forniturі*** ta' servizzi li jippostjaw il-ħaddiema fit-territorju tagħhom li ***l-biċċiet ta' informazzjoni kollha meħtieġa f'konformità mal-liġi nazzjonali jkunu wkoll jistgħu jiddaħħlu awtomatikament fis-sistemi back-end nazzjonali billi*** jimlew il-formola ***permezz tal-interfaċċa*** pubblika elettronika.

Or. en

Emenda 104
Hanna Gedin, Per Clausen

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Il-Kummissjoni rċeviet kontribut ***mill-grupp*** ta' esperti dwar formola elettronika komuni għad-dikjarazzjoni tal-postazzjoni tal-ħaddiema dwar ir-rekwiżiti u s-sistemi ta' dikjarazzjoni nazzjonali kif ukoll dwar l-informazzjoni rilevanti meħtieġa biex ikunu jistgħu jsiru kontrolli fattwali fuq il-post tax-xogħol. Il-Kummissjoni ***rċeviet parir*** mill-grupp ta' esperti dwar ir-rekwiżiti ta' informazzjoni li tqis xieraq li jiġu inklużi f'forma komuni għad-dikjarazzjoni tal-postazzjoni tal-ħaddiema. Filwaqt li jitqies dan il-parir u sabiex tkun tista' tingħata ***l-informazzjoni*** li tista' tkun meħtieġa biex ikunu jistgħu	(15) Il-Kummissjoni rċeviet kontribut ***minn grupp*** ta' esperti ***informali*** dwar formola elettronika komuni għad-dikjarazzjoni tal-postazzjoni tal-ħaddiema dwar ir-rekwiżiti u s-sistemi ta' dikjarazzjoni nazzjonali kif ukoll dwar l-informazzjoni rilevanti meħtieġa biex ikunu jistgħu jsiru kontrolli fattwali fuq il-post tax-xogħol. Il-Kummissjoni ***qieset il-kontribut tal-grupp*** ta' esperti dwar ir-rekwiżiti ta' informazzjoni li tqis xieraq li jiġu inklużi f'forma komuni għad-dikjarazzjoni tal-postazzjoni tal-ħaddiema***, b'attenzjoni partikolari għall-opinjonijiet tal-Istati Membri li esprimew interess***

jsiru kontrolli fattwali fuq il-post tax-xogħol, ***il-formola*** standard użata mill-interfaċċa pubblika elettronika għandha tikkonsisti f'informazzjoni relatata mal-fornitur tas-servizz, il-ħaddiem ippostjat, l-assenjazzjoni tal-postazzjoni, il-persuna ta' kuntatt għall-awtoritajiet kompetenti u r-riċevitur tas-servizz. ***Il-formola standard*** għandha tkun disponibbli bil-lingwi kollha tal-UE. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ċerti elementi li jinsabu fil-formola standard, ***li ma jqisuhomx*** rilevanti fid-dawl tal-kuntest nazzjonali tagħhom u tal-mod kif jorganizzaw il-kontrolli fattwali fuq il-post tax-xogħol***, ma humiex meħtieġa mill-fornituri*** ta' servizzi li jistazzjonaw il-ħaddiema fit-territorju tagħhom li jimlew il-formola ***fuq l-interfaċċa*** pubblika elettronika.

preliminari li jipparteċipaw. Filwaqt li jitqies dan il-parir u sabiex tkun tista' tingħata informazzjoni li tista' tkun meħtieġa biex ikunu jistgħu jsiru kontrolli fattwali fuq il-post tax-xogħol, formola standard użata mill-interfaċċa pubblika elettronika ***multilingwi*** jenħtieġ li tikkonsisti f'informazzjoni relatata mal-fornitur tas-servizz, il-ħaddiem ippostjat, l-assenjazzjoni tal-postazzjoni, il-persuna ta' kuntatt għall-awtoritajiet kompetenti u r-riċevitur tas-servizz. ***L-interfaċċa pubblika*** għandha tkun disponibbli bil-lingwi kollha tal-UE. ***Biex tiġi żgurata l-interoperabbiltà,*** l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ċerti elementi ***minbarra dawk*** li jinsabu fil-formola standard, ***u li huma jqisu*** rilevanti fid-dawl tal-kuntest nazzjonali tagħhom u tal-mod kif jorganizzaw il-kontrolli fattwali fuq il-post tax-xogħol ***kif ukoll tar-riskji speċifiċi għas-settur***, ***meta jitolbu lill-fornituri*** ta' servizzi li jippostjaw il-ħaddiema fit-territorju tagħhom li ***l-biċċiet ta' informazzjoni kollha meħtieġa f'konformità mal-liġi nazzjonali jkunu wkoll jistgħu jiddaħħlu awtomatikament fis-sistemi back-end nazzjonali billi*** jimlew il-formola ***permezz tal-interfaċċa*** pubblika elettronika.

Or. en

Emenda 105
Johan Danielsson, Marc Angel, Gabriele Bischoff, Marianne Vind, Vivien Costanzo, Vilija Blinkevičiūtė, Brando Benifei, Marit Maij, Laura Ballarín Cereza, Adnan Dibrani, Idoia Mendia, Alicia Homs Ginel, Elisabeth Grossmann, François Kalfon

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Il-Kummissjoni rċeviet kontribut mill-grupp ta' esperti dwar formola elettronika komuni għad-dikjarazzjoni tal-postazzjoni tal-ħaddiema dwar ir-rekwiżiti	(15) Il-Kummissjoni rċeviet kontribut mill-grupp ta' esperti dwar formola elettronika komuni għad-dikjarazzjoni tal-postazzjoni tal-ħaddiema dwar ir-rekwiżiti

u s-sistemi ta' dikjarazzjoni nazzjonali kif ukoll dwar l-informazzjoni rilevanti meħtieġa biex ikunu jistgħu jsiru kontrolli fattwali fuq il-post tax-xogħol. Il-Kummissjoni rċeviet parir mill-grupp ta' esperti dwar ir-rekwiżiti ta' informazzjoni li tqis xieraq li jiġu inklużi f'forma komuni għad-dikjarazzjoni tal-postazzjoni tal-ħaddiema. Filwaqt li jitqies dan il-parir u sabiex tkun tista' tingħata ***l-informazzjoni*** li tista' tkun meħtieġa biex ikunu jistgħu jsiru kontrolli fattwali fuq il-post tax-xogħol, ***il-formola*** standard użata mill-interfaċċa pubblika elettronika għandha tikkonsisti f'informazzjoni relatata mal-fornitur tas-servizz, il-ħaddiem ippostjat, l-assenjazzjoni tal-postazzjoni, il-persuna ta' kuntatt għall-awtoritajiet kompetenti u r-riċevitur tas-servizz. ***Il-formola standard*** għandha tkun disponibbli bil-lingwi kollha tal-UE. ***L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ċerti elementi li jinsabu fil-formola standard, li ma jqisuhomx rilevanti fid-dawl tal-kuntest nazzjonali tagħhom u tal-mod kif jorganizzaw il-kontrolli fattwali fuq il-post tax-xogħol, ma humiex meħtieġa mill-forniturи ta' servizzi li jistazzjonaw il-ħaddiema fit-territorju tagħhom li jimlew il-formola fuq l-interfaċċa pubblika elettronika.***	u s-sistemi ta' dikjarazzjoni nazzjonali kif ukoll dwar l-informazzjoni rilevanti meħtieġa biex ikunu jistgħu jsiru kontrolli fattwali fuq il-post tax-xogħol. Il-Kummissjoni rċeviet parir mill-grupp ta' esperti dwar ir-rekwiżiti ta' informazzjoni li tqis xieraq li jiġu inklużi f'forma komuni għad-dikjarazzjoni tal-postazzjoni tal-ħaddiema. Filwaqt li jitqies dan il-parir u sabiex tkun tista' tingħata informazzjoni li tista' tkun meħtieġa biex ikunu jistgħu jsiru kontrolli fattwali fuq il-post tax-xogħol, formola standard użata mill-interfaċċa pubblika elettronika ***multilingwi*** jenħtieġ li tikkonsisti f'informazzjoni relatata mal-fornitur tas-servizz, il-ħaddiem ippostjat, l-assenjazzjoni tal-postazzjoni, il-persuna ta' kuntatt għall-awtoritajiet kompetenti u ***s-sħab soċjali, u*** r-riċevitur tas-servizz. ***L-interfaċċa pubblika*** għandha tkun ***bla ħlas u*** disponibbli bil-lingwi kollha tal-UE.

Or. en

Emenda 106
Chiara Gemma, Francesco Torselli, Elena Donazzan, Mariateresa Vivaldini

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Il-Kummissjoni rċeviet kontribut mill-grupp ta' esperti dwar formola elettronika komuni għad-dikjarazzjoni tal-postazzjoni tal-ħaddiema dwar ir-rekwiżiti u s-sistemi ta' dikjarazzjoni nazzjonali kif ukoll dwar l-informazzjoni rilevanti	(15) Il-Kummissjoni rċeviet kontribut mill-grupp ta' esperti dwar formola elettronika komuni għad-dikjarazzjoni tal-postazzjoni tal-ħaddiema dwar ir-rekwiżiti u s-sistemi ta' dikjarazzjoni nazzjonali kif ukoll dwar l-informazzjoni rilevanti

meħtieġa biex ikunu jistgħu jsiru kontrolli fattwali fuq il-post tax-xogħol. Il-Kummissjoni rċeviet parir mill-grupp ta' esperti dwar ir-rekwiżiti ta' informazzjoni li tqis xieraq li jiġu inklużi f'forma komuni għad-dikjarazzjoni tal-postazzjoni tal-ħaddiema. Filwaqt li jitqies dan il-parir u sabiex tkun tista' tingħata l-informazzjoni li tista' tkun meħtieġa biex ikunu jistgħu jsiru kontrolli fattwali fuq il-post tax-xogħol, il-formola standard użata mill-interfaċċa pubblika elettronika għandha tikkonsisti f'informazzjoni relatata mal-fornitur tas-servizz, il-ħaddiem ippostjat, l-assenjazzjoni tal-postazzjoni, ***il-persuna*** ta' kuntatt għall-awtoritajiet kompetenti u r-riċevitur tas-servizz. ***Il-formola standard għandha tkun disponibbli bil-lingwi kollha tal-UE. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ċerti elementi li jinsabu fil-formola standard, li ma jqisuhomx rilevanti fid-dawl tal-kuntest nazzjonali tagħhom u tal-mod kif jorganizzaw il-kontrolli fattwali fuq il-post tax-xogħol, ma humiex meħtieġa mill-forniturі ta' servizzi li jistazzjonaw il-ħaddiema fit-territorju tagħhom li jimlew il-formola fuq l-interfaċċa pubblika elettronika.***

meħtieġa biex ikunu jistgħu jsiru kontrolli fattwali fuq il-post tax-xogħol. Il-Kummissjoni rċeviet parir mill-grupp ta' esperti dwar ir-rekwiżiti ta' informazzjoni li tqis xieraq li jiġu inklużi f'forma komuni għad-dikjarazzjoni tal-postazzjoni tal-ħaddiema. Filwaqt li jitqies dan il-parir***, id-dritt tal-Unjoni applikabbli u l-liġijiet nazzjonali li jimplimentaw d-Direttiva 2014/67/UE,*** u sabiex tkun tista' tingħata l-informazzjoni li tista' tkun meħtieġa biex ikunu jistgħu jsiru kontrolli fattwali fuq il-post tax-xogħol, il-formola standard użata mill-interfaċċa pubblika elettronika jenħtieġ li tikkonsisti f'informazzjoni relatata mal-fornitur ta' servizz, il-ħaddiem ippostjat, l-assenjazzjoni tal-postazzjoni, ***il-persuni*** ta' kuntatt għall-awtoritajiet kompetenti u ***għas-sħab soċjali, u*** r-riċevitur tas-servizz.

Or. en

Emenda 107
Sebastian Kruis, Rachel Blom, Elisabeth Dieringer, Filip Turek, Marie Dauchy, Mélanie Disdier

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) ***Il-Kummissjoni rċeviet kontribut mill-grupp ta' esperti dwar formola elettronika komuni*** għad-dikjarazzjoni tal-postazzjoni tal-ħaddiema dwar ir-rekwiżiti ***u s-sistemi*** ta' dikjarazzjoni nazzjonali ***kif ukoll*** dwar l-informazzjoni ***rilevanti*** meħtieġa biex ikunu jistgħu jsiru kontrolli	(15) ***Sabiex jiġu definiti l-elementi tal-formola standard*** għad-dikjarazzjoni tal-postazzjoni tal-ħaddiema***, in-Network Koordinat għall-Monitoraġġ tal-Postazzjoni tal-Ħaddiema msemmi f'dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun jista' jikkonsulta l-gruppi ta' esperti jew il-***

fattwali fuq il-post tax-xogħol. ***Il-Kummissjoni rċeviet parir mill-grupp ta' esperti dwar ir-rekwiżiti ta' informazzjoni li tqis xieraq li jiġu inklużi f'forma komuni għad-dikjarazzjoni tal-postazzjoni tal-ħaddiema. Filwaqt li jitqies dan il-parir u sabiex tkun tista' tingħata l-informazzjoni li tista' tkun meħtieġa biex ikunu jistgħu jsiru kontrolli fattwali fuq il-post tax-xogħol, il-formola standard użata mill-interfaċċa pubblika elettronika*** għandha ***tikkonsisti f'informazzjoni*** relatata mal-fornitur tas-servizz, il-ħaddiem ippostjat, l-assenjazzjoni tal-postazzjoni, il-persuna ta' kuntatt għall-awtoritajiet kompetenti u r-riċevitur tas-servizz. Il-formola standard għandha tkun disponibbli bil-lingwi kollha tal-UE. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ċerti elementi li jinsabu fil-formola standard, li ma jqisuhomx rilevanti fid-dawl tal-kuntest nazzjonali tagħhom u tal-mod kif jorganizzaw ***il-kontrolli*** fattwali fuq il-post tax-xogħol, ma humiex meħtieġa mill-forniturі ta' servizzi li jistazzjonaw il-ħaddiema fit-territorju tagħhom ***li jimlew il-formola fuq l-interfaċċa*** pubblika elettronika.

partijiet ikkonċernati rilevanti dwar ir-rekwiżiti ta' dikjarazzjoni nazzjonali ***u*** dwar l-informazzjoni meħtieġa biex ikunu jistgħu jsiru kontrolli fattwali fuq il-post tax-xogħol. ***Tali konsultazzjonijiet jistgħu jipprovdu kontribut dwar oqsma xierqa li għandhom jiġu inklużi fil-formola, li*** għandha ***tkopri*** informazzjoni relatata mal-fornitur ta' servizz, il-ħaddiem ppostjati, l-assenjazzjoni tal-postazzjoni, il-persuna ta' kuntatt għall-awtoritajiet kompetenti u r-riċevitur tas-servizz. Il-formola standard għandha tkun disponibbli bil-lingwi kollha tal-UE. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ċerti elementi li jinsabu fil-formola standard, li ma jqisuhomx rilevanti fid-dawl tal-kuntest nazzjonali tagħhom u tal-mod kif jorganizzaw il-kontrolli fattwali fuq il-post tax-xogħol, ma humiex meħtieġa mill-forniturі ta' servizzi li jistazzjonaw il-ħaddiema fit-territorju tagħhom ***permezz tal-interfaċċa*** pubblika elettronika. ***Barra minn hekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jiddeċiedu li jinkludu elementi addizzjonali fil-formola standard għall-postazzjonijiet fit-territorju tagħhom, bħal dawk relatati mal-verifiki tal-fedina penali.***

Or. en

Emenda 108
Andreas Schwab, Pascal Arimont, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Il-Kummissjoni rċeviet kontribut mill-grupp ta' esperti dwar formola elettronika komuni għad-dikjarazzjoni tal-postazzjoni tal-ħaddiema dwar ir-rekwiżiti u s-sistemi ta' dikjarazzjoni nazzjonali kif ukoll dwar l-informazzjoni rilevanti meħtieġa biex ikunu jistgħu jsiru kontrolli	(15) Il-Kummissjoni rċeviet kontribut mill-grupp ta' esperti dwar formola elettronika komuni għad-dikjarazzjoni tal-postazzjoni tal-ħaddiema dwar ir-rekwiżiti u s-sistemi ta' dikjarazzjoni nazzjonali kif ukoll dwar l-informazzjoni rilevanti meħtieġa biex ikunu jistgħu jsiru kontrolli

fattwali fuq il-post tax-xogħol. Il-Kummissjoni rċeviet parir mill-grupp ta' esperti dwar ir-rekwiżiti ta' informazzjoni li tqis xieraq li jiġu inklużi f'forma komuni għad-dikjarazzjoni tal-postazzjoni tal-ħaddiema. Filwaqt li jitqies dan il-parir u sabiex tkun tista' tingħata l-informazzjoni li tista' tkun meħtieġa biex ikunu jistgħu jsiru kontrolli fattwali fuq il-post tax-xogħol, il-formola standard użata mill-interfaċċa pubblika elettronika għandha tikkonsisti f'informazzjoni relatata mal-fornitur tas-servizz, il-ħaddiem ippostjat, l-assenjazzjoni tal-postazzjoni, il-persuna ta' kuntatt għall-awtoritajiet kompetenti u r-riċevitur tas-servizz. Il-formola standard għandha tkun disponibbli bil-lingwi kollha tal-UE. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ċerti elementi li jinsabu fil-formola standard, li ma jqisuhomx rilevanti fid-dawl tal-kuntest nazzjonali tagħhom u tal-mod kif jorganizzaw il-kontrolli fattwali fuq il-post tax-xogħol, ma humiex meħtieġa mill-forniturи ta' servizzi li jistazzjonaw il-ħaddiema fit-territorju tagħhom li jimlew il-formola fuq l-interfaċċa pubblika elettronika.	fattwali fuq il-post tax-xogħol. Il-Kummissjoni rċeviet parir mill-grupp ta' esperti dwar ir-rekwiżiti ta' informazzjoni li tqis xieraq li jiġu inklużi f'forma komuni għad-dikjarazzjoni tal-postazzjoni tal-ħaddiema. Filwaqt li jitqies dan il-parir u sabiex tkun tista' tingħata l-informazzjoni li tista' tkun meħtieġa biex ikunu jistgħu jsiru kontrolli fattwali fuq il-post tax-xogħol, il-formola standard użata mill-interfaċċa pubblika elettronika ***kif stabbilit fl-Anness I*** għandha tikkonsisti f'informazzjoni relatata mal-fornitur tas-servizz, il-ħaddiem ippostjat, l-assenjazzjoni tal-postazzjoni, il-persuna ta' kuntatt għall-awtoritajiet kompetenti u r-riċevitur tas-servizz. Il-formola standard għandha tkun disponibbli bil-lingwi kollha tal-UE. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ċerti elementi li jinsabu fil-formola standard, li ma jqisuhomx rilevanti fid-dawl tal-kuntest nazzjonali tagħhom u tal-mod kif jorganizzaw il-kontrolli fattwali fuq il-post tax-xogħol, ma humiex meħtieġa mill-forniturи ta' servizzi li jistazzjonaw il-ħaddiema fit-territorju tagħhom li jimlew il-formola fuq l-interfaċċa pubblika elettronika.

Or. en

Emenda 109
Brigitte van den Berg, Svenja Hahn, Jana Toom, Hristo Petrov

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Il-Kummissjoni rċeviet kontribut mill-grupp ta' esperti dwar formola elettronika komuni għad-dikjarazzjoni tal-postazzjoni tal-ħaddiema dwar ir-rekwiżiti u s-sistemi ta' dikjarazzjoni nazzjonali kif ukoll dwar l-informazzjoni rilevanti meħtieġa biex ikunu jistgħu jsiru kontrolli fattwali fuq il-post tax-xogħol. Il-	(15) Il-Kummissjoni rċeviet kontribut mill-grupp ta' esperti dwar formola elettronika komuni għad-dikjarazzjoni tal-postazzjoni tal-ħaddiema dwar ir-rekwiżiti u s-sistemi ta' dikjarazzjoni nazzjonali kif ukoll dwar l-informazzjoni rilevanti meħtieġa biex ikunu jistgħu jsiru kontrolli fattwali fuq il-post tax-xogħol. Il-

Emenda 134
Hanna Gedin, Per Clausen

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Sabiex ikunu jistgħu jsiru kontrolli fattwali fuq il-post tax-xogħol, l-informazzjoni rilevanti li għandha tiġi pprovduta fid-dikjarazzjoni tal-postazzjoni tal-ħaddiema tista' tinkludi, fost ir-rekwiżiti ta' informazzjoni stabbiliti fil-kuntest tal-Artikolu 9(1)(a) tad-Direttiva 2014/67/UE, ċerta data personali. L-ipproċessar ta' data personali għandu jitwettaq f'konformità mad-dritt tal-Unjoni dwar il-protezzjoni ta' data personali stabbilit fir-Regolamenti (UE) 2016/679[10] u (UE) 2018/1725[11] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Sabiex tiġi ċċarata r-responsabbiltà għall-ipproċessar ta' data personali sottomessa permezz tal-interfaċċa pubblika, dan ir-Regolament għandu jindika min għandu jitqies bħala l-kontrollur tad-data personali. Ir-Regolament (UE) Nru 1024/2012 japplika għall-ipproċessar ta' data personali tal-awtoritajiet kompetenti fl-IMI.	(19) Sabiex ikunu jistgħu jsiru kontrolli fattwali fuq il-post tax-xogħol, l-informazzjoni rilevanti li għandha tiġi pprovduta fid-dikjarazzjoni tal-postazzjoni tal-ħaddiema tista' tinkludi, fost ir-rekwiżiti ta' informazzjoni stabbiliti fil-kuntest tal-Artikolu 9(1)(a) tad-Direttiva 2014/67/UE, ċerta data personali ***rigward il-ħaddiema ppostjati kif ukoll dwar fornituri ta' servizzi, il-kuntratturi u r-riċevituri ta' servizzi tagħhom kif ukoll il-persuni ta' kuntatt u r-rappreżentanti legali tagħhom***. L-ipproċessar ta' data personali għandu jitwettaq f'konformità mad-dritt tal-Unjoni dwar il-protezzjoni ta' data personali stabbilit fir-Regolamenti (UE) 2016/679[10] u (UE) 2018/1725[11] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Sabiex tiġi ċċarata r-responsabbiltà għall-ipproċessar ta' data personali sottomessa permezz tal-interfaċċa pubblika, dan ir-Regolament għandu jindika min għandu jitqies bħala l-kontrollur tad-data personali. Ir-Regolament (UE) Nru 1024/2012 japplika għall-ipproċessar ta' data personali tal-awtoritajiet kompetenti fl-

IMI.

[10]Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/679/oj).

[11]Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj).

[10]Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/679/oj).

[11]Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj).

Or. en

Emenda 135
Johan Danielsson, Marc Angel, Gabriele Bischoff, Marianne Vind, Vivien Costanzo, Vilija Blinkevičiūtė, Brando Benifei, Marit Maij, Laura Ballarín Cereza, Adnan Dibrani, Idoia Mendia, Alicia Homs Ginel, Elisabeth Grossmann, François Kalfon

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) L-informazzjoni mid-dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni għandha tinżamm fl-interfaċċa pubblika għall-fini li terġa' tintuża f'dikjarazzjonijiet ta' ppostjar sussegwenti għal perjodu massimu ta' ***36 xahar*** wara d-data tat-tmiem tal-perjodu ta' ppostjar.	(20) L-informazzjoni mid-dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni ***u d-dokumenti mtella'*** għandha tinżamm fl-interfaċċa pubblika għall-fini li terġa' tintuża f'dikjarazzjonijiet ta' ppostjar sussegwenti għal perjodu massimu ta' ***10 snin*** wara d-data tat-tmiem tal-perjodu ta' ppostjar. ***Jenħtieġ li jkun possibbli li dik l-informazzjoni tinżamm għal perjodu itwal fis-sistemi nazzjonali back-end, f'konformità mar-Regolament (UE)***

2016/679, mal-liġi u l-prattika nazzjonali.

Or. en

Emenda 136
Hanna Gedin, Per Clausen

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) L-informazzjoni mid-dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni għandha tinżamm fl-interfaċċa pubblika għall-fini li terġa' tintuża f'dikjarazzjonijiet ta' ppostjar sussegwenti għal perjodu massimu ta' ***36 xahar*** wara d-data tat-tmiem tal-perjodu ta' ppostjar.	(20) L-informazzjoni mid-dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni għandha tinżamm fl-interfaċċa pubblika ***u fir-repożitorju tal-IMI dedikat tagħha*** għall-fini li terġa' tintuża f'dikjarazzjonijiet ta' ppostjar sussegwenti ***kif ukoll għall-fini ta' investigazzjonijiet amministrattivi u kriminali potenzjali*** għal perjodu massimu ta' ***10 snin*** wara d-data tat-tmiem tal-perjodu ta' ppostjar.

Or. en

Emenda 137
Villy Søvndal, Kim Van Sparrentak
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) L-informazzjoni mid-dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni għandha tinżamm fl-interfaċċa pubblika għall-fini li terġa' tintuża f'dikjarazzjonijiet ta' ppostjar sussegwenti għal perjodu ***massimu*** ta' ***36 xahar*** wara d-data tat-tmiem tal-perjodu ta' ppostjar.	(20) L-informazzjoni mid-dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni għandha tinżamm fl-interfaċċa pubblika ***u fir-repożitorju tal-IMI dedikat tagħha*** għall-fini li terġa' tintuża f'dikjarazzjonijiet ta' ppostjar sussegwenti għal perjodu ***kif ukoll għall-iskop ta' investigazzjonijiet amministrattivi u kriminali potenzjali*** għal perjodu ta' ***10 snin*** wara d-data tat-tmiem tal-perjodu ta' ppostjar.

Or. en

Emenda 138
Brigitte van den Berg, Svenja Hahn, Jana Toom, Hristo Petrov

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) L-informazzjoni mid-dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni għandha tinżamm fl-interfaċċa pubblika għall-fini li terġa' tintuża f'dikjarazzjonijiet ta' ppostjar sussegwenti għal perjodu massimu ta' ***36*** xahar wara d-data tat-tmiem tal-perjodu ta' ppostjar.	(20) L-informazzjoni mid-dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni ***u d-dokumenti imtella'*** għandha tinżamm fl-interfaċċa pubblika għall-fini li terġa' tintuża f'dikjarazzjonijiet ta' ppostjar sussegwenti għal perjodu massimu ta' ***24*** xahar wara d-data tat-tmiem tal-perjodu ta' ppostjar.

Or. en

Emenda 139
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) L-informazzjoni mid-dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni għandha tinżamm fl-interfaċċa pubblika għall-fini li terġa' tintuża f'dikjarazzjonijiet ta' ppostjar sussegwenti għal perjodu massimu ta' ***36*** xahar wara d-data tat-tmiem tal-perjodu ta' ppostjar.	(20) L-informazzjoni mid-dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni għandha tinżamm fl-interfaċċa pubblika għall-fini li terġa' tintuża f'dikjarazzjonijiet ta' ppostjar sussegwenti għal perjodu massimu ta' ***48*** xahar wara d-data tat-tmiem tal-perjodu ta' ppostjar.

Or. ro

Emenda 140
Johan Danielsson, Marc Angel, Gabriele Bischoff, Marianne Vind, Vivien Costanzo, Vilija Blinkevičiūtė, Brando Benifei, Marit Maij, Laura Ballarín Cereza, Adnan Dibrani, Idoia Mendia, Alicia Homs Ginel, Elisabeth Grossmann, François Kalfon

Proposta għal regolament
Premessa 21a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(21a) Sabiex tiġi emendata l-formola standard stabbilita minn dan ir-Regolament, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni biex tkun tista' żżid, temenda jew tħassar l-informazzjoni meħtieġa. B'mod partikolari huwa importanti li waqt il-ħidma preparatorja, il-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa, inkluż fil-livell tal-esperti u mas-sħab soċjali, u li dawn il-konsultazzjonijiet isiru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, jenħtieġ li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin u sistematikament ikollhom aċċess għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Or. en

Emenda 141
Hanna Gedin, Per Clausen

Proposta għal regolament
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) Meta s-sħab soċjali jkollhom rwol fil-monitoraġġ tal-konformità mar-regoli dwar l-ippostjar***, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jitħallew jipprovdu lis-sħab*** soċjali nazzjonali ***bl-informazzjoni*** rilevanti li tkun ġiet kondiviża permezz tal-	(22) Meta s-sħab soċjali ***u entitajiet u organizzazzjonijiet oħra, inklużi l-awtoritajiet lokali, reġjonali u nazzjonali fil-kuntest tal-akkwist pubbliku*** jkollhom rwol fil-monitoraġġ tal-konformità mar-regoli dwar l-ippostjar ***u l-ftehim kollettiv***

IMI, għall-iskop uniku li tiġi vverifikata l-konformità mar-regoli dwar l-ippostjar filwaqt li jiġi rrispettat ir-Regolament (UE) 2016/679. L-informazzjoni rilevanti għandha tiġi ***pprovduta*** lill-imsieħba soċjali permezz ta' mezzi oħra għajr l-IMI.

u jgawdu minn aċċess dirett f'konformità mal-liġi u l-prattika nazzjonali għar-reġistri nazzjonali ta' fornituri ta' servizzi barranin, is-sħab soċjali ***jenħtieġ li jkollhom, b'raġunijiet raġonevoli, aċċess dirett għall-informazzjoni*** rilevanti li tkun ġiet kondiviża permezz tal-IMI, għall-iskop uniku li tiġi vverifikata l-konformità mar-regoli dwar l-ippostjar ***u mal-ftehimiet kollettivi applikabbli*** filwaqt li jiġi rrispettat ir-Regolament (UE) 2016/679. L-informazzjoni rilevanti għandha ***ssir disponibbli direttament*** lill-imsieħba soċjali permezz ta' mezzi oħra għajr l-IMI.

Or. en

Emenda 142
Villy Søvndal, Kim Van Sparrentak
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) Meta s-sħab soċjali jkollhom rwol fil-monitoraġġ tal-konformità mar-regoli dwar l-ippostjar, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ***jitħallew*** jipprovdu lis-sħab soċjali nazzjonali ***bl-informazzjoni*** rilevanti ***li tkun ġiet kondiviża permezz tal-IMI***, għall-iskop uniku li tiġi vverifikata l-konformità mar-regoli dwar l-ippostjar filwaqt li jiġi rrispettat ir-Regolament (UE) 2016/679. L-informazzjoni rilevanti għandha tiġi pprovduta lill-imsieħba soċjali permezz ta' mezzi oħra għajr l-IMI.	(22) Meta s-sħab soċjali ***f'konformità mal-liġijiet u l-prattiki nazzjonali*** jkollhom rwol fil-monitoraġġ tal-konformità mar-regoli dwar l-ippostjar, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jipprovdu lis-sħab soċjali ***u lill-korpi li jaġixxu f'isimhom kif ukoll lil atturi rilevanti oħra b'funzjoni ta' infurzar l-informazzjoni*** rilevanti ***fir-repożitorju tal-IMI,*** għall-iskop uniku li tiġi vverifikata l-konformità mar-regoli dwar l-ippostjar***,*** ***inklużi l-ftehimiet kollettivi applikabbli***, filwaqt li jiġi rrispettat ir-Regolament (UE) 2016/679. L-informazzjoni rilevanti għandha tiġi pprovduta lill-imsieħba soċjali permezz ta' mezzi oħra għajr l-IMI.

Or. en

Emenda 143
Sebastian Kruis, Rachel Blom, Elisabeth Dieringer, Filip Turek, Ernő Schaller-Baross, Marie Dauchy, Mélanie Disdier, Pál Szekeres, Séverine Werbrouck

Proposta għal regolament
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) L-Awtorità Ewropea tax-Xogħol ("ELA", European Labour Authority) għandha tappoġġa lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali u lill-fornituri ta' servizzi tal-Istati Membri fl-implimentazzjoni u l-użu tal-interfaċċa pubblika f'konformità mal-mandat tagħha skont ir-Regolament (UE) 2019/1149[12].	***imħassar***
[12]Ir-Regolament (UE) 2019/1149 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi Awtorità Ewropea tax-Xogħol, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 883/2004, (UE) Nru 492/2011, u (UE) 2016/589 u li jħassar id-Deċiżjoni (UE) 2016/344 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE u għall-Iżvizzera) (ĠU L 186, 11.7.2019, p. 21, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1149/oj)	

Or. en

Emenda 144
Hanna Gedin, Per Clausen

Proposta għal regolament
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) L-Awtorità Ewropea tax-Xogħol ("ELA", European Labour Authority) għandha ***tappoġġa*** lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali u lill-fornituri ta' servizzi tal-Istati Membri fl-	(23) L-Awtorità Ewropea tax-Xogħol ("ELA", European Labour Authority) għandha ***tipprovdi linji gwida*** lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali u lill-fornituri ta' servizzi tal-Istati Membri fl-

implimentazzjoni u l-użu tal-interfaċċa pubblika f'konformità mal-mandat tagħha skont ir-Regolament (UE) 2019/1149[12].	implimentazzjoni u l-użu tal-interfaċċa pubblika f'konformità mal-mandat tagħha skont ir-Regolament (UE) 2019/1149[12]. ***Għall-finijiet tal-eżerċizzju tal-mandat tagħha skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2019/1149 f'termini ta' kooperazzjoni u skambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri, tikkoordina u tappoġġa spezzjonijiet miftiehma u konġunti, analiżijiet u valutazzjonijiet tar-riskju, l-Awtorità jenħtieġ li tkun tista' wkoll tuża l-informazzjoni disponibbli fir-repożitorju dedikat tal-IMI.***
[12] Ir-Regolament (UE) 2019/1149 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi Awtorità Ewropea tax-Xogħol, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 883/2004, (UE) Nru 492/2011, u (UE) 2016/589 u li jħassar id-Deċiżjoni (UE) 2016/344 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE u għall-Iżvizzera) (ĠU L 186, 11.7.2019, p. 21, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1149/oj)	[12] Ir-Regolament (UE) 2019/1149 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi Awtorità Ewropea tax-Xogħol, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 883/2004, (UE) Nru 492/2011, u (UE) 2016/589 u li jħassar id-Deċiżjoni (UE) 2016/344 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE u għall-Iżvizzera) (ĠU L 186, 11.7.2019, p. 21, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1149/oj)

Or. en

Emenda 145
Villy Søvndal, Kim Van Sparrentak
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) L-Awtorità Ewropea tax-Xogħol ("ELA", European Labour Authority) għandha tappoġġa lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali u lill-fornituri ta' servizzi tal-Istati Membri fl-implimentazzjoni u l-użu tal-interfaċċa pubblika f'konformità mal-mandat tagħha skont ir-Regolament (UE) 2019/1149[12].	(23) L-Awtorità Ewropea tax-Xogħol ("ELA", European Labour Authority) għandha tappoġġa lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali u lill-fornituri ta' servizzi tal-Istati Membri fl-implimentazzjoni u l-użu tal-interfaċċa pubblika f'konformità mal-mandat tagħha skont ir-Regolament (UE) 2019/1149[12]. ***Għall-finijiet tal-eżerċizzju tal-mandat***

	tagħha skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2019/1149 f'termini ta' kooperazzjoni u skambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri, tikkoordina u tappoġġa spezzjonijiet miftiehma u konġunti, analiżijiet u valutazzjonijiet tar-riskju, l-Awtorità jenħtieġ li tkun tista' wkoll tuża l-informazzjoni disponibbli fir-repożitorju dedikat tal-IMI.
[12] Ir-Regolament (UE) 2019/1149 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi Awtorità Ewropea tax-Xogħol, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 883/2004, (UE) Nru 492/2011, u (UE) 2016/589 u li jħassar id-Deċiżjoni (UE) 2016/344 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE u għall-Iżvizzera) (ĠU L 186, 11.7.2019, p. 21, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1149/oj)	[12] Ir-Regolament (UE) 2019/1149 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi Awtorità Ewropea tax-Xogħol, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 883/2004, (UE) Nru 492/2011, u (UE) 2016/589 u li jħassar id-Deċiżjoni (UE) 2016/344 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE u għall-Iżvizzera) (ĠU L 186, 11.7.2019, p. 21, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1149/oj)

Or. en

Emenda 146
Brigitte van den Berg, Svenja Hahn, Jana Toom, Hristo Petrov

Proposta għal regolament
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) L-Awtorità Ewropea tax-Xogħol ("ELA", European Labour Authority) għandha tappoġġa lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali u lill-fornituri ta' servizzi tal-Istati Membri fl-implimentazzjoni u l-użu tal-interfaċċa pubblika f'konformità mal-mandat tagħha skont ir-Regolament (UE) 2019/1149[12].	(23) Jenħtieġ li l-Awtorità Ewropea tax-Xogħol ("ELA") tappoġġa lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u lill-fornituri ta' servizzi tal-Istati Membri***, b'mod partikolari l-SMEs,*** fl-implimentazzjoni u l-użu tal-interfaċċa pubblika f'konformità mal-mandat tagħha skont ir-Regolament (UE) 2019/1149[12].
[12] Ir-Regolament (UE) 2019/1149 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi Awtorità Ewropea tax-Xogħol, li jemenda r-	[12] Ir-Regolament (UE) 2019/1149 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi Awtorità Ewropea tax-Xogħol, li jemenda r-

Regolamenti (KE) Nru 883/2004, (UE) Nru 492/2011, u (UE) 2016/589 u li jħassar id-Deċiżjoni (UE) 2016/344 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE u għall-Iżvizzera) (ĠU L 186, 11.7.2019, p. 21, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1149/oj)	Regolamenti (KE) Nru 883/2004, (UE) Nru 492/2011, u (UE) 2016/589 u li jħassar id-Deċiżjoni (UE) 2016/344 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE u għall-Iżvizzera) (ĠU L 186, 11.7.2019, p. 21, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1149/oj)

Or. en

Emenda 147
Pascal Arimont, Andreas Schwab, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Premessa 23a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(23a) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tkompli bl-isforzi tagħha biex tarmonizza l-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar l-ippostjar tal-ħaddiema u, b'mod partikolari, biex teżamina d-Direttiva 96/71/KE u 2014/67/UE għal aktar potenzjal ta' armonizzazzjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Minbarra l-interfaċċa pubblika, il-Kummissjoni Ewropea għandha tkompli bl-isforzi tagħha biex tarmonizza l-leġiżlazzjoni eżistenti dwar l-ippostjar tal-ħaddiema.

Emenda 148
Villy Søvndal, Kim Van Sparrentak
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) Dan ir-regolament għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2014/67/UE u d-Direttiva 96/71/KE.	(24) Dan ir-regolament għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2014/67/UE u d-Direttiva 96/71/KE ***kif emendati mid-Direttiva (UE) 2018/957***.

Or. en

Emenda 149
Isabelle Le Callennec

Proposta għal regolament
Premessa 24a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(24a) Il-Parlament Ewropew ifakkar ukoll fil-ħtieġa li tiġi miġġielda l-frodi li toriġina minn pajjiżi terzi, b'mod partikolari permezz ta' kontrolli effikaċi mill-Istati Membri.

Or. fr

Emenda 150
Pascal Arimont, Andreas Schwab

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sabiex tikkontribwixxi għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern billi tnaqqas l-ostakli amministrattivi għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, ***filwaqt li tiffaċilita l-monitoraġġ*** effettiv ***mill-Istati Membri*** tal-konformità mal-leġiżlazzjoni ***tal-UE*** mmirata biex tiżgura l-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema ppostjati, u ***tappoġġa l-kooperazzjoni*** amministrattiva relatata bejn l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali fl-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi interfaċċa pubblika multilingwi konnessa mas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern ("IMI"), stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1024/2012, għad-dikjarazzjoni tal-postazzjoni tal-ħaddiema ("l-interfaċċa pubblika").	1. Sabiex tikkontribwixxi għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern billi tnaqqas l-ostakli amministrattivi għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, ***biex ittejjeb il-monitoraġġ*** effettiv tal-konformità mal-leġiżlazzjoni ***tal-Unjoni*** mmirata biex tiżgura l-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema ppostjati, u ***ssaħħaħ il-kooperazzjoni*** amministrattiva relatata bejn l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali fl-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi interfaċċa pubblika multilingwi konnessa mas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern ("IMI"), stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1024/2012, għad-dikjarazzjoni tal-postazzjoni tal-ħaddiema ("l-interfaċċa pubblika") ***u biex il-kumpaniji, speċjalment l-SMEs, jingħataw aċċess***

imtejjeb għal-leġiżlazzjoni tax-xogħol u soċjali applikabbli rilevanti u għan-negozjar kollettiv, ħarsa ġenerali lejn l-eżenzjonijiet mill-obbligu li tiġi ddikjarata postazzjoni u l-leġiżlazzjoni fiskali għall-postazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 5(2), il-punt (a), tad-Direttiva 2014/67/UE tal-Istati Membri kollha fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni.

Or. en

(Ara l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2014/67/UE)

Ġustifikazzjoni

Żieda għall-formulazzjoni tal-abbozz ta' rapport. Biex jiġu appoġġati l-SMEs u tiġi żgurata l-konformità mal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2014/67/UE, l-interfaċċa trid tipprovdi aċċess ċar u multilingwi għar-regoli dwar ix-xogħol, soċjali u fiskali nazzjonali kif ukoll għall-ftehimiet kollettivi. Dan isaħħaħ iċ-ċertezza legali, jipproteġi d-drittijiet tal-ħaddiema u jsegwi r-rakkomandazzjonijiet tal-ELA tal-2023 dwar informazzjoni aċċessibbli u kompluta.

Emenda 151
Sebastian Kruis, Rachel Blom, Elisabeth Dieringer, Filip Turek, Ernő Schaller-Baross, Marie Dauchy, Mélanie Disdier, Séverine Werbrouck

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sabiex tikkontribwixxi għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern billi tnaqqas l-ostakli amministrattivi għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, filwaqt li tiffaċilita l-monitoraġġ effettiv mill-Istati Membri tal-konformità mal-leġiżlazzjoni tal-UE mmirata biex tiżgura l-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema ppostjati, u tappoġġa l-kooperazzjoni amministrattiva relatata bejn l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali fl-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi interfaċċa pubblika multilingwi konnessa mas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern ("IMI"), stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1024/2012, għad-dikjarazzjoni	1. Sabiex tikkontribwixxi għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern billi tnaqqas l-ostakli amministrattivi għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, filwaqt li tiffaċilita l-monitoraġġ effettiv mill-Istati Membri tal-konformità mal-leġiżlazzjoni ***nazzjonali u*** tal-UE mmirata biex tiżgura l-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema ppostjati, u tappoġġa l-kooperazzjoni amministrattiva relatata bejn l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali fl-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi interfaċċa pubblika multilingwi konnessa mas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern ("IMI"), stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1024/2012, għad-dikjarazzjoni

tal-postazzjoni tal-ħaddiema ("l-interfaċċa pubblika").

tal-postazzjoni tal-ħaddiema ("l-interfaċċa pubblika").

L-interfaċċa pubblika għandha tappoġġa, iżda mhux tissostitwixxi jew taffettwa, il-kompetenza esklużiva tal-Istati Membri biex iwettqu spezzjonijiet u kontrolli rigward l-infurzar tal-liġi tax-xogħol. Is-sistema għandu jkollha l-għan li tiffaċilita l-kondiviżjoni ta' informazzjoni bl-uniku skop li tippermetti spezzjonijiet nazzjonali aktar effettivi.

Or. en

Emenda 152
Kim Van Sparrentak, Villy Søvndal
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sabiex tikkontribwixxi ***għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern billi tnaqqas l-ostakli amministrattivi għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, filwaqt li tiffaċilita l-monitoraġġ*** effettiv mill-Istati Membri tal-konformità mal-leġiżlazzjoni ***tal-UE*** mmirata biex tiżgura l-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema ppostjati, ***u tappoġġa*** l-kooperazzjoni amministrattiva relatata bejn l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali ***fl-Istati Membri***, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi interfaċċa pubblika multilingwi konnessa mas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern ("IMI"), stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1024/2012, għad-dikjarazzjoni tal-postazzjoni tal-ħaddiema ("l-interfaċċa pubblika").	1. Sabiex tikkontribwixxi ***għall-monitoraġġ u l-infurzar*** effettiv mill-Istati Membri tal-konformità mal-leġiżlazzjoni ***tal-Unjoni*** mmirata biex tiżgura l-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema ppostjati, ***biex tappoġġa*** l-kooperazzjoni amministrattiva relatata bejn l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali***, u ssaħħaħ il-ġbir tad-data dwar il-postazzjoni tal-ħaddiema, filwaqt li tiffaċilita wkoll il-funzjonament xieraq tas-suq intern billi tissimplifika ċerti rekwiżiti amministrattivi marbuta mal-libertà li jiġu pprovduti servizzi***, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi interfaċċa pubblika multilingwi konnessa mas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern ("IMI"), stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1024/2012, għad-dikjarazzjoni tal-postazzjoni tal-ħaddiema ***u jsiru disponibbli d-dokumenti rilevanti*** ("l-interfaċċa pubblika").

Or. en

Emenda 153
Hanna Gedin, Per Clausen

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sabiex tikkontribwixxi ***għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern billi tnaqqas l-ostakli amministrattivi għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, filwaqt li tiffaċilita l-monitoraġġ effettiv*** mill-Istati Membri tal-konformità mal-leġiżlazzjoni tal-UE mmirata biex tiżgura l-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema ppostjati, u tappoġġa l-kooperazzjoni amministrattiva relatata bejn l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali fl-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi interfaċċa pubblika multilingwi konnessa mas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern ("IMI"), stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1024/2012, għad-dikjarazzjoni tal-postazzjoni tal-ħaddiema ("l-interfaċċa pubblika").	1. Sabiex tikkontribwixxi għall-monitoraġġ ***u għall-infurzar effettivi*** mill-Istati Membri tal-konformità mal-leġiżlazzjoni tal-UE mmirata biex tiżgura l-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema ppostjati, u tappoġġa l-kooperazzjoni amministrattiva relatata bejn l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali fl-Istati Membri***, u ttejjeb il-ġbir tad-data dwar il-postazzjoni tal-ħaddiema, filwaqt li tiffaċilita wkoll il-funzjonament xieraq tas-suq intern billi tissimplifika ċerti rekwiżiti amministrattivi għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi***, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi interfaċċa pubblika multilingwi konnessa mas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern ("IMI"), stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1024/2012, għad-dikjarazzjoni tal-postazzjoni tal-ħaddiema ("l-interfaċċa pubblika").

Or. en

Emenda 154
Johan Danielsson, Marc Angel, Gabriele Bischoff, Marianne Vind, Vivien Costanzo, Vilija Blinkevičiūtė, Brando Benifei, Marit Maij, Laura Ballarín Cereza, Adnan Dibrani, Idoia Mendia, Alicia Homs Ginel, Elisabeth Grossmann, François Kalfon

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sabiex tikkontribwixxi għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern billi tnaqqas l-ostakli amministrattivi għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, ***filwaqt li***	1. Sabiex tikkontribwixxi għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern billi tnaqqas l-ostakli amministrattivi għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, ***sabiex***

tiffaċilita l-monitoraġġ effettiv ***mill-Istati Membri*** tal-konformità mal-leġiżlazzjoni ***tal-UE*** mmirata biex tiżgura l-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema ppostjati, u ***tappoġġa l-kooperazzjoni*** amministrattiva relatata bejn l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali fl-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi interfaċċa pubblika multilingwi konnessa mas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern ("IMI"), stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1024/2012, għad-dikjarazzjoni tal-postazzjoni tal-ħaddiema ("l-interfaċċa pubblika").

ittejjeb il-monitoraġġ effettiv tal-konformità mal-leġiżlazzjoni ***tal-Unjoni*** mmirata biex tiżgura l-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema ppostjati, u ***sabiex issaħħaħ il-kooperazzjoni*** amministrattiva relatata bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fl-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi interfaċċa pubblika multilingwi konnessa mas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern ("IMI"), stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1024/2012, għad-dikjarazzjoni tal-postazzjoni tal-ħaddiema ***u, meta jkun applikabbli, biex tagħmel disponibbli d-dokumenti rilevanti*** ("l-interfaċċa pubblika").

Or. en

Emenda 155
Brigitte van den Berg, Svenja Hahn, Jana Toom, Hristo Petrov

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sabiex tikkontribwixxi għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern billi tnaqqas l-ostakli amministrattivi għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, ***filwaqt li tiffaċilita l-monitoraġġ*** effettiv mill-Istati Membri tal-konformità mal-leġiżlazzjoni tal-UE mmirata biex tiżgura l-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema ppostjati, u ***tappoġġa l-kooperazzjoni*** amministrattiva relatata bejn l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali fl-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi interfaċċa pubblika multilingwi konnessa mas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern ("IMI"), stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1024/2012, għad-dikjarazzjoni tal-postazzjoni tal-ħaddiema ("l-interfaċċa pubblika").	1. Sabiex tikkontribwixxi għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern billi tnaqqas l-ostakli amministrattivi għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, ***ittejjeb il-monitoraġġ*** effettiv mill-Istati Membri tal-konformità mal-leġiżlazzjoni tal-UE mmirata biex tiżgura l-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema ppostjati, u ***ssaħħaħ il-kooperazzjoni*** amministrattiva relatata bejn l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali fl-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi interfaċċa pubblika multilingwi konnessa mas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern ("IMI"), stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1024/2012, għad-dikjarazzjoni tal-postazzjoni tal-ħaddiema ("l-interfaċċa pubblika").

Or. en

Emenda 156
Sebastian Kruis, Rachel Blom, Elisabeth Dieringer, Filip Turek

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Persuni li jaħdmu għal rashom jistgħu wkoll jagħżlu li jużaw l-interfaċċa pubblika fuq bażi volontarja sabiex jiddikjaraw l-attività transfruntiera tagħhom.

Or. en

Emenda 157
Miriam Lexmann

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jagħmlu użu minn din l-interfaċċa pubblika.	***imħassar***

Or. en

Emenda 158
Sebastian Kruis, Rachel Blom, Elisabeth Dieringer, Filip Turek, Ernő Schaller-Baross, Marie Dauchy, Mélanie Disdier, Pál Szekeres, Séverine Werbrouck

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jagħmlu użu minn din l-interfaċċa pubblika.	2. L-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jagħmlu użu minn din l-interfaċċa pubblika. ***Dan ir-Regolament fl-ebda każ ma għandu jimponi obbligu li jiġi adottat jew applikat. L-użu tiegħu għandu jibqa'***

strettament volontarju, b'kull Stat Membru liberu li jiddeċiedi jekk jipparteċipax jew le fi kwalunkwe ħin.

Or. en

Emenda 159
Hanna Gedin, Per Clausen

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jagħmlu użu minn din l-interfaċċa pubblika.	2. L-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jagħmlu użu minn din l-interfaċċa pubblika ***fuq bażi volontarja, u jistgħu wkoll jagħżlu li ma jipparteċipawx***.

Or. en

Emenda 160
Grégory Allione, Valérie Devaux, Stéphanie Yon-Courtin, Marie-Pierre Vedrenne, Sandro Gozi

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri jistgħu ***jagħżlu*** li jagħmlu użu minn din l-interfaċċa pubblika.	2. L-Istati Membri jistgħu ***jiddeċiedu, fuq bażi volontarja,*** li jagħmlu użu minn din l-interfaċċa pubblika.

Or. en

Emenda 161
Arba Kokalari, Andrea Wechsler, Angelika Winzig, Henrik Dahl

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jagħmlu użu minn din l-interfaċċa pubblika.	2. L-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jagħmlu użu minn din l-interfaċċa pubblika ***fi kwalunkwe ħin***.

Or. en

Emenda 162
Brigitte van den Berg, Svenja Hahn, Jana Toom, Hristo Petrov

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri ***jistgħu jagħżlu*** li jagħmlu użu minn din l-interfaċċa pubblika.	2. L-Istati Membri ***għandhom ikunu obbligati*** li jagħmlu użu minn din l-interfaċċa pubblika.

Or. en

Emenda 163
Kosma Złotowski

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri ***jistgħu jagħżlu li jagħmlu użu*** minn din l-interfaċċa pubblika.	2. L-Istati Membri ***għandhom jużaw*** din l-interfaċċa pubblika.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Interfaċċa pubblika multilingwi konnessa mas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern ("IMI") għandha tkun għodda obbligatorja. Huwa biss hekk li l-użu tagħha jkun kompletament effettiv f'termini tal-funzjonament xieraq tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi fuq il-forniturі ta' servizzi, jitnaqqsu l-kostijiet għall-konsumaturi u tiġi pprevenuta l-frodi.

Emenda 164
Kim Van Sparrentak, Villy Søvndal
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru tista' tipprevedi li l-forniturі ta' servizzi jiddikjaraw il-postazzjoni tal-ħaddiema, f'konformità mal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2014/67/UE, billi jissottomettu dikjarazzjoni bbażata fuq formola standard multilingwi permezz tal-interfaċċa pubblika. Meta Stat Membru jipprevedi l-użu tal-interfaċċa pubblika, dik id-dikjarazzjoni għandha tissostitwixxi kwalunkwe ***waħda*** preeżistenti meħtieġa skont id-dritt nazzjonali.	3. Il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru tista' tipprevedi li l-forniturі ta' servizzi jiddikjaraw il-postazzjoni tal-ħaddiema, f'konformità mal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2014/67/UE, billi jissottomettu***, mhux aktar tard minn meta jibda l-forniment ta' servizz,*** dikjarazzjoni bbażata fuq formola standard multilingwi ***b'sett komuni ta' rekwiżiti minimi ta' armonizzazzjoni*** permezz tal-interfaċċa pubblika. Meta Stat Membru jipprevedi l-użu tal-interfaċċa pubblika, ***l-informazzjoni miġbura permezz ta'*** dik id-dikjarazzjoni għandha tissostitwixxi ***tiddaħħal f'repożitorju tal-IMI dedikat kif ukoll fi*** kwalunkwe ***sistema ta' back-end*** preeżistenti ***kif*** meħtieġa skont id-dritt nazzjonali biex ***tiġi żgurata l-interoperabbiltà***. ***Il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru għandha tipprevedi li l-forniturі ta' servizzi jagħmlu disponibbli kopji tad-dokumenti rilevanti meħtieġa għal skopijiet ta' verifiki u monitoraġġ f'konformità mal-Artikolu 9(1), il-punti (b), (c), u (d), fuq talba mill-awtorità nazzjonali kompetenti responsabbli, billi jtellgħu dawn id-dokumenti fuq l-interfaċċa pubblika fi żmien raġonevoli.***

Or. en

Emenda 165
Hanna Gedin, Per Clausen

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru tista' tipprevedi li l-forniturи ta' servizzi jiddikjaraw il-postazzjoni tal-ħaddiema, f'konformità mal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2014/67/UE, billi jissottomettu dikjarazzjoni bbażata fuq formola ***standard*** multilingwi permezz tal-interfaċċa pubblika. Meta Stat Membru jipprevedi l-użu tal-interfaċċa pubblika, dik id-dikjarazzjoni għandha ***tissostitwixxi*** kwalunkwe ***waħda*** preeżistenti meħtieġa skont id-dritt nazzjonali.	3. Il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru tista' tipprevedi li l-forniturи ta' servizzi jiddikjaraw il-postazzjoni tal-ħaddiema, f'konformità mal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2014/67/UE, billi jissottomettu***, mhux aktar tard minn meta jibda l-forniment ta' servizz,*** dikjarazzjoni bbażata fuq formola standard multilingwi ***b'sett komuni ta' rekwiżiti minimi*** permezz tal-interfaċċa pubblika. Meta Stat Membru jipprevedi l-użu tal-interfaċċa pubblika, ***l-informazzjoni miġbura permezz ta'*** dik id-dikjarazzjoni għandha ***tiddaħħal f'repożitorju tal-IMI dedikat kif ukoll fi*** kwalunkwe ***sistema ta' back-end*** preeżistenti ***kif*** meħtieġa skont id-dritt nazzjonali biex ***tiġi żgurata l-interoperabbiltà***.

Or. en

Emenda 166
Kosma Złotowski

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru tista' tipprevedi li l-forniturи ta' servizzi jiddikjaraw il-postazzjoni tal-ħaddiema, f'konformità mal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2014/67/UE, billi jissottomettu dikjarazzjoni bbażata fuq formola standard multilingwi permezz tal-interfaċċa pubblika. ***Meta Stat Membru jipprevedi l-użu tal-interfaċċa pubblika,*** dik id-dikjarazzjoni għandha tissostitwixxi kwalunkwe waħda preeżistenti meħtieġa skont id-dritt nazzjonali.	3. Il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru tista' tipprevedi li l-forniturи ta' servizzi jiddikjaraw il-postazzjoni tal-ħaddiema, f'konformità mal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2014/67/UE, billi jissottomettu dikjarazzjoni bbażata fuq formola standard multilingwi permezz tal-interfaċċa pubblika. Dik id-dikjarazzjoni għandha tissostitwixxi kwalunkwe waħda preeżistenti meħtieġa skont id-dritt nazzjonali.

Or. en

Emenda 167
Miriam Lexmann

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru ***tista'*** tipprevedi li l-forniturі ta' servizzi jiddikjaraw il-postazzjoni tal-ħaddiema, f'konformità mal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2014/67/UE, billi jissottomettu dikjarazzjoni bbażata fuq formola standard multilingwi permezz tal-interfaċċa pubblika. ***Meta Stat Membru jipprevedi l-użu tal-interfaċċa pubblika,*** dik id-dikjarazzjoni għandha tissostitwixxi kwalunkwe waħda preeżistenti meħtieġa skont id-dritt nazzjonali.	3. Il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru ***għandha*** tipprevedi li l-forniturі ta' servizzi jiddikjaraw il-postazzjoni tal-ħaddiema, f'konformità mal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2014/67/UE, billi jissottomettu dikjarazzjoni bbażata fuq formola standard multilingwi permezz tal-interfaċċa pubblika. Dik id-dikjarazzjoni għandha tissostitwixxi kwalunkwe waħda preeżistenti meħtieġa skont id-dritt nazzjonali.

Or. en

Emenda 168
Brigitte van den Berg, Svenja Hahn, Jana Toom, Hristo Petrov

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru ***tista'*** tipprevedi li l-forniturі ta' servizzi jiddikjaraw il-postazzjoni tal-ħaddiema, f'konformità mal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2014/67/UE, billi jissottomettu dikjarazzjoni bbażata fuq formola standard multilingwi permezz tal-interfaċċa pubblika. ***Meta Stat Membru jipprevedi l-użu tal-interfaċċa pubblika,*** dik id-dikjarazzjoni għandha tissostitwixxi kwalunkwe waħda preeżistenti meħtieġa skont id-dritt nazzjonali.	3. Il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru ***għandha*** tipprevedi li l-forniturі ta' servizzi jiddikjaraw il-postazzjoni tal-ħaddiema, f'konformità mal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2014/67/UE, billi jissottomettu dikjarazzjoni bbażata fuq formola standard multilingwi permezz tal-interfaċċa pubblika. Dik id-dikjarazzjoni għandha tissostitwixxi kwalunkwe waħda preeżistenti meħtieġa skont id-dritt nazzjonali.

Or. en

Emenda 169
Andreas Schwab, Pascal Arimont, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru ***tista'*** tipprevedi li l-forniturі ta' servizzi jiddikjaraw il-postazzjoni tal-ħaddiema, f'konformità mal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2014/67/UE, billi jissottomettu dikjarazzjoni bbażata fuq formola standard multilingwi permezz tal-interfaċċa pubblika. Meta Stat Membru jipprevedi l-użu tal-interfaċċa pubblika, dik id-dikjarazzjoni għandha tissostitwixxi kwalunkwe waħda preeżistenti meħtieġa skont id-dritt nazzjonali.	3. Il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru tista' tipprevedi li l-forniturі ta' servizzi jiddikjaraw il-postazzjoni tal-ħaddiema, f'konformità mal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2014/67/UE, billi jissottomettu dikjarazzjoni bbażata fuq formola standard multilingwi ***kif stabbilit fl-Anness I*** permezz tal-interfaċċa pubblika. Meta Stat Membru jipprevedi l-użu tal-interfaċċa pubblika, dik id-dikjarazzjoni għandha tissostitwixxi kwalunkwe waħda preeżistenti meħtieġa skont id-dritt nazzjonali.

Or. en

Emenda 170
Hanna Gedin, Per Clausen

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Istati Membri li jimponu rekwiżiti amministrattivi u miżuri ta' kontroll oħra, sabiex jippermettu kontrolli u mekkaniżmi ta' monitoraġġ xierqa u effettivi pprovduti f'konformità mal-liġi u mal-prattika nazzjonali u jiżguraw li l-awtoritajiet maħtura skont id-dritt nazzjonali jkunu jistgħu jwettqu spezzjonijiet effettivi u adegwati fit-territorju tagħhom sabiex jikkontrollaw u jimmonitorjaw il-konformità mal-obbligi stabbiliti fid-Direttivi 96/71/KE u 2014/67/UE.

Or. en

Emenda 171
Andreas Schwab, Pascal Arimont, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru tista' tipprevedi li l-forniturі ta' servizzi, stabbiliti barra l-Unjoni u li jibagħtu ħaddiema lejn Stat Membru għall-provvista ta' servizzi, jiddikjaraw il-postazzjoni tal-ħaddiema billi jippreżentaw dikjarazzjoni bbażata fuq formola standard multilingwi permezz tal-interfaċċa pubblika u, meta jkun applikabbli, jagħmlu disponibbli dokumenti rilevanti li jikkorrispondu għall-paragrafu 3.

Or. en

Emenda 172
Svenja Hahn, Ivars Ijabs

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru tista' tipprevedi li l-forniturі ta' servizzi, stabbiliti barra l-Unjoni u li jibagħtu ħaddiema lejn Stat Membru għall-provvista ta' servizzi, jiddikjaraw il-postazzjoni tal-ħaddiema billi jippreżentaw dikjarazzjoni bbażata fuq formola standard multilingwi permezz tal-interfaċċa pubblika u, meta jkun applikabbli, jagħmlu disponibbli dokumenti rilevanti li jikkorrispondu għall-paragrafu 3.

Or. en

Emenda 173
Brigitte van den Berg, Svenja Hahn, Jana Toom, Hristo Petrov

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Meta l-leġiżlazzjoni nazzjonali ta' Stat Membru tipprevedi obbligu għal dikjarazzjonijiet ta' postazzjoni minn persuni li jaħdmu għal rashom, tali dikjarazzjonijiet jistgħu jiġu sottomessi wkoll abbażi ta' formola standard multilingwi permezz tal-interfaċċa pubblika.

Or. en

Emenda 174
Kim Van Sparrentak, Villy Søvndal
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Meta l-leġiżlazzjoni nazzjonali tipprevedi obbligu għal dikjarazzjonijiet ta' postazzjoni minn persuni li jaħdmu għal rashom, dawk id-dikjarazzjonijiet jistgħu jiġu sottomessi wkoll abbażi ta' formola komuni multilingwi permezz tal-interfaċċa pubblika.

Or. en

Emenda 175
Sebastian Kruis, Rachel Blom, Elisabeth Dieringer, Filip Turek

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. L-interfaċċa pubblika għandha tinkludi dikjarazzjonijiet ta' postazzjoni minn persuni li jaħdmu għal rashom.

Or. en

Emenda 176
Kim Van Sparrentak, Villy Søvndal
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3b. Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Istati Membri li jimponu rekwiżiti amministrattivi u miżuri ta' kontroll oħra, sabiex jippermettu l-implimentazzjoni ta' kontrolli u mekkaniżmi ta' monitoraġġ xierqa u effettivi pprovduti f'konformità mal-liġi u l-prattika nazzjonali u jiżguraw li l-awtoritajiet maħtura skont id-dritt nazzjonali jkunu jistgħu jwettqu spezzjonijiet effettivi u adegwati fit-territorju tagħhom għall-fini li jikkontrollaw u jimmonitorjaw il-konformità mal-obbligi stabbiliti fid-Direttivi 96/71/KE u 2014/67/UE.

Or. en

Emenda 177
Hanna Gedin, Per Clausen

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3b. Xejn minn dan ir-Regolament ma għandu jaffettwa obbligi oħra li ġejjin mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, inklużi dawk li ġejjin mid-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE (14) u r-Regolament (KE) Nru 883/2004, u/jew dawk taħt il-liġi nazzjonali dwar il-protezzjoni jew l-impjieg ta' ħaddiema dment li dawn tal-aħħar huma ugwalment applikabbli għal impriżi stabbiliti fl-Istat Membru kkonċernat u li huma ġustifikati u proporzjonati.

Or. en

Emenda 178
Hanna Gedin, Per Clausen

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 3c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3c. Dan ir-Regolament għandu jirrispetta l-kompetenzi tal-Istati Membri fir-rigward tal-applikazzjoni u tal-infurzar tal-liġi tal-Unjoni u nazzjonali. Dan la għandu jaffettwa d-drittijiet jew l-obbligi tal-individwi jew ta' min iħaddem mogħtija mil-liġi tal-Unjoni jew il-liġi jew il-prattika nazzjonali, u lanqas id-drittijiet u l-obbligi tal-awtoritajiet nazzjonali derivati minnhom, kif ukoll l-awtonomija tas-sħab soċjali kif rikonoxxuta mit-TFUE.

Or. en

Emenda 179
Hanna Gedin, Per Clausen

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 3d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3d. Dan ir-Regolament ma għandu bl-ebda mod jaffettwa l-eżerċitar tad-drittijiet fundamentali kif rikonoxxuti fl-Istati Membri u fil-livell tal-Unjoni, inkluż id-dritt jew il-libertà tal-istrajk jew li jittieħdu azzjonijiet oħra koperti bis-sistemi speċifiċi ta' relazzjonijiet industrijali fl-Istati Membri f'konformità mal-liġi jew mal-prattika nazzjonali. Lanqas ma jaffettwa d-dritt tan-negozjar, il-konklużjoni u l-infurzar ta' ftehimiet kollettivi, jew li tittieħed azzjoni kollettiva f'konformità mal-liġi jew mal-prattika nazzjonali.

Or. en

Emenda 180
Brigitte van den Berg, Svenja Hahn, Jana Toom, Hristo Petrov

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-interfaċċa pubblika għandha tipprovdi funzjonalità biex:	1. L-interfaċċa pubblika għandha ***tkun bla ħlas u*** tipprovdi funzjonalità biex:

Or. en

Emenda 181
Kim Van Sparrentak, Villy Søvndal
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jinħoloq kont għal aċċess sigur għaż-żona riżervata tal-fornitur tas-servizzi;	(a) jinħoloq kont għal aċċess sigur għaż-żona riżervata tal-fornitur tas-servizzi***, li għandu jippermetti lil-forniturі***

ta' servizzi li jissejvjaw ukoll id-data għal dikjarazzjonijiet ta' postazzjoni futuri;

Or. en

Emenda 182
Hanna Gedin, Per Clausen

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jinħoloq kont għal aċċess sigur għaż-żona riżervata tal-fornitur tas-servizzi;	(a) jinħoloq kont għal aċċess sigur għaż-żona riżervata tal-fornitur tas-servizzi***, li jippermetti lil-fornituri ta' servizzi li jissejvjaw ukoll id-data għal dikjarazzjonijiet ta' postazzjoni futuri***;

Or. en

Emenda 183
Hanna Gedin, Per Clausen

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jiġi żgurat illoggjar xieraq tal-attività tal-utent;	(b) jiġi żgurat illoggjar xieraq tal-attività tal-utent***, filwaqt li jiġi żgurat li kwalunkwe bidliet li jsiru lid-dikjarazzjonijiet jistgħu jiġu traċċati bħala mezz ta' prevenzjoni tal-manipulazzjoni u l-kontaminazzjoni tad-data***;

Or. en

Emenda 184
Hanna Gedin, Per Clausen

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jinħolqu, jiġu sottomessi u jiġu ġestiti d-dikjarazzjonijiet tal-ħaddiema ppostjati;	(c) jinħolqu, jiġu sottomessi u jiġu ġestiti d-dikjarazzjonijiet tal-ħaddiema ppostjati ***filwaqt li jiġi żgurat li l-ħaddiema ppostjati jkunu infurmati dwar l-istatus u l-kundizzjonijiet tagħhom kif ukoll dwar is-servizzi ta' appoġġ disponibbli fl-Istat Membru ospitanti, u jkunu jistgħu wkoll jivverifikaw l-informazzjoni ddikjarata, sabiex jiġu identifikati ineżattezzi u jintalbu rettifiki***;

Or. en

Emenda 185
Kim Van Sparrentak, Villy Søvndal
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ***jinħolqu***, ***jiġu sottomessi u jiġu ġestiti d-dikjarazzjonijiet tal-ħaddiema ppostjati***;	(c) jinħoloq ***kont għal aċċess sigur għaż-żona riżervata tal-fornitur ta' servizzi, li għandu jippermetti lil-fornituri ta' servizzi li jissejvjaw ukoll id-data għal dikjarazzjonijiet ta' postazzjoni futuri***;

Or. en

Emenda 186
Johan Danielsson, Marc Angel, Gabriele Bischoff, Marianne Vind, Vivien Costanzo, Vilija Blinkevičiūtė, Brando Benifei, Marit Maij, Laura Ballarín Cereza, Adnan Dibrani, Idoia Mendia, Alicia Homs Ginel, Elisabeth Grossmann, François Kalfon

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jinħolqu, jiġu sottomessi u jiġu	(c) jinħolqu, jiġu sottomessi u jiġu

ġestiti d-dikjarazzjonijiet tal-ħaddiema ppostjati;	ġestiti d-dikjarazzjonijiet tal-ħaddiema ppostjati***, inkluż il-validazzjoni ta' data permezz tar-reġistri tal-Unjoni u nazzjonali rilevanti, meta jkun applikabbli***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-validazzjoni tad-data għandha rwol importanti biex tiżgura li d-dikjarazzjonijiet sottomessi jkunu jistgħu jiġu mqabbla u konnessi mas-sistemi ta' spezzjoni rilevanti. Pereżempju: jekk l-indirizzi jiġu sottomessi fil-format żbaljat jew bl-ortografija żbaljata, dan ikun jirrikjedi li jiġu pproċessati ħalli jiġu kkoreġuti, u li jkun ta' piż fuq l-awtoritajiet ta' spezzjoni. Billi l-indirizz jiġi vvalidat direttament fil-formola għar-reġistri nazzjonali tal-indirizzi, din il-kwistjoni tista' tiġi evitata, u b'hekk ikun aktar faċli għall-fornitur ta' servizz li jissottometti d-dikjarazzjoni u jiġi żgurat li d-data tiddaħħal b'mod korrett. Eżempji oħra jistgħu jkunu: reġistri nazzjonali tan-negozji (biex jinstabu r-riċevituri tas-servizz).

Emenda 187
Kim Van Sparrentak, Villy Søvndal
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) tiġi trażmessa kopja tad-dikjarazzjoni tal-postazzjoni lill-ħaddiem ippostjat;	(d) tiġi trażmessa kopja ***obbligatorja*** tad-dikjarazzjoni tal-postazzjoni lill-ħaddiem ippostjat ***filwaqt li jiġi żgurat li l-ħaddiema ppostjati jkunu infurmati dwar l-istatus u l-kundizzjonijiet tagħhom u jkunu jistgħu wkoll jivverifikaw l-informazzjoni ddikjarata, sabiex jiġu identifikati ineżattezzi u jintalbu rettifiki***;

Or. en

Emenda 188
Brigitte van den Berg, Svenja Hahn, Jana Toom, Hristo Petrov

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) ***tiġi trażmessa kopja*** tad-dikjarazzjoni tal-postazzjoni lill-ħaddiem ippostjat;	(d) ***jiġi trażmess elettronikament estratt li jkun jista' jinżamm*** tad-dikjarazzjoni tal-postazzjoni lill-ħaddiem ippostjat;

Or. en

Emenda 189
Hanna Gedin, Per Clausen

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) tiġi trażmessa kopja tad-dikjarazzjoni tal-postazzjoni lir-riċevitur tas-servizz bl-obbligu li tiġi vverifikata l-korrettezza tal-informazzjoni ddikjarata u li kwalunkwe ineżattezza tiġi indikata lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti;

Or. en

Emenda 190
Johan Danielsson, Marc Angel, Gabriele Bischoff, Marianne Vind, Vivien Costanzo, Vilija Blinkevičiūtė, Brando Benifei, Marit Maij, Laura Ballarín Cereza, Adnan Dibrani, Idoia Mendia, Alicia Homs Ginel, Elisabeth Grossmann, François Kalfon

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) jiġu sottomessi d-dokumenti ta' sostenn rilevanti elenkati fl-Artikolu 9(1), il-punt (b), tad-Direttiva 2014/67/UE, dment li tkun ġiet sottomessa wkoll id-dikjarazzjoni ta postazzjoni relatata;

Or. en

Emenda 191
Kim Van Sparrentak, Villy Søvndal
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) jiġi żgurat li l-ħaddiema ppostjati jsiru konxji tas-servizzi ta' appoġġ disponibbli fl-Istat Membru ospitanti;

Or. en

Emenda 192
Kim Van Sparrentak, Villy Søvndal
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt db (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(db) tiġi trażmessa kopja tad-dikjarazzjoni tal-postazzjoni lir-riċevitur tas-servizz;

Or. en

Emenda 193
Kim Van Sparrentak, Villy Søvndal
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt dc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(dc) jiġu sottomessi d-dokumenti ta' sostenn rilevanti elenkati fl-Artikolu 9(1), il-punt (b), tad-Direttiva 2014/67/UE, dment li tkun ġiet sottomessa wkoll id-dikjarazzjoni ta' postazzjoni relatata fl-interfaċċa pubblika;

Or. en

Emenda 194
Kim Van Sparrentak, Villy Søvndal
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) l-informazzjoni sottomessa fl-IMI titqiegħed għad-disponibbiltà tal-awtoritajiet kompetenti nazzjonali responsabbli tal-Istat Membru ospitanti għall-kooperazzjoni amministrattiva skont il-punti 6 u 7 tal-Anness tar-Regolament (UE) Nru 1024/2012.	(e) l-informazzjoni sottomessa tkun disponibbli fl-IMI għall-awtoritajiet kompetenti nazzjonali responsabbli kemm tal-Istat Membru ospitanti***, l-Istat Membru tal-istabbiliment tal-fornitur ta' servizz u meta jkun rilevanti, Stati Membri oħra, għall-monitoraġġ tal-konformità mad-dritt tal-Unjoni bil-għan li tiġi żgurata l-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema ppostjati, u*** għall-kooperazzjoni amministrattiva skont il-punti 6 u 7 tal-Anness tar-Regolament (UE) Nru 1024/2012;

Or. en

Emenda 195
Johan Danielsson, Marc Angel, Gabriele Bischoff, Marianne Vind, Vivien Costanzo, Vilija Blinkevičiūtė, Brando Benifei, Marit Maij, Laura Ballarín Cereza, Adnan Dibrani, Idoia Mendia, Alicia Homs Ginel, Elisabeth Grossmann, François Kalfon

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) isiru disponibbli dokumenti sottomessi fl-IMI għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti responsabbli tal-Istat Membru ospitanti għall-monitoraġġ tal-konformità mad-dritt tal-Unjoni bil-għan li tiġi żgurata l-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema ppostjati u għall-fini tal-kooperazzjoni amministrattiva

skont il-punti 6 u 7 tal-Anness tar-Regolament (UE) Nru 1024/2012;

Or. en

Emenda 196
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) jiġi permess li awtorità nazzjonali waħda jew aktar tal-Istat Membru ospitanti li jkunu awtoritajiet kompetenti skont it-tifsira tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2014/67/UE, jirċievu wkoll dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni direttament fis-sistema back-end nazzjonali fuq talba ta' dak l-Istat Membru.	(f) ***funzjonament aktar bla xkiel tas-suq tax-xogħol - komponent tas-suq intern, simplifikazzjoni għall-SMEs u aċċess aktar faċli għas-suq tax-xogħol għall-ħaddiema***.
	(g) jiġi permess li awtorità nazzjonali waħda jew aktar tal-Istat Membru ospitanti li jkunu awtoritajiet kompetenti skont it-tifsira tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2014/67/UE, jirċievu wkoll dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni direttament fis-sistema back-end nazzjonali fuq talba ta' dak l-Istat Membru.

Or. ro

Emenda 197
Hanna Gedin, Per Clausen

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) ***jiġi permess li*** awtorità nazzjonali waħda jew aktar tal-Istat Membru ospitanti li jkunu awtoritajiet kompetenti skont it-tifsira tal-Artikolu 3 tad-Direttiva	(f) ***tingħata l-possibbiltà lil*** awtorità nazzjonali waħda jew aktar tal-Istat Membru ospitanti li jkunu awtoritajiet kompetenti skont it-tifsira tal-Artikolu 3

2014/67/UE, jirċievu wkoll dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni direttament fis-sistema back-end nazzjonali fuq talba ta' ***dak l-Istat Membru***.

tad-Direttiva 2014/67/UE, jirċievu wkoll dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni ***li jkun fihom l-informazzjoni meħtieġa mitluba skont id-dritt nazzjonali*** direttament ***u awtomatikament*** fis-sistema back-end nazzjonali fuq talba ta' ***dawk l-Istati Membri sabiex tiġi żgurata l-interoperabbiltà***;

Or. en

Emenda 198
Kim Van Sparrentak, Villy Søvndal
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) ***jiġi permess li*** awtorità nazzjonali waħda jew aktar tal-Istat Membru ospitanti li jkunu awtoritajiet kompetenti skont it-tifsira tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2014/67/UE, jirċievu wkoll dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni direttament fis-sistema back-end nazzjonali fuq talba ta' dak l-Istat Membru***.**	(f) ***tingħata l-possibbiltà lil*** awtorità nazzjonali waħda jew aktar tal-Istat Membru ospitanti li jkunu awtoritajiet kompetenti skont it-tifsira tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2014/67/UE, jirċievu wkoll dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni ***li jkun fihom l-informazzjoni meħtieġa mitluba f'konformità mal-liġijiet nazzjonali*** direttament ***u awtomatikament*** fis-sistema back-end nazzjonali fuq talba ta' dak l-Istat Membru ***sabiex tiġi żgurata l-interoperabbiltà;***

Or. en

Emenda 199
Pascal Arimont, Andreas Schwab, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fa) f'konformità mal-Artikolu 5(2), il-punt (a), tad-Direttiva 2014/67/UE, jiġi

pprovdut lill-kumpaniji, speċjalment l-SMEs, aċċess imtejjeb għal-leġiżlazzjoni tax-xogħol u soċjali applikabbli (inklużi l-eżenzjonijiet rilevanti biex tiġi ddikjarata postazzjoni), kif ukoll għal-liġi applikabbli dwar in-negozjar kollettiv u l-leġiżlazzjoni fiskali fl-Istati Membri kollha fl-24 lingwa uffiċjali tal-Unjoni.

Or. en

(Ara l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2014/67/UE)

Ġustifikazzjoni

Biex jiġu appoġġati l-SMEs u tiġi żgurata l-konformità mal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2014/67/UE, l-interfaċċa trid tipprovdi aċċess ċar u multilingwi għar-regoli dwar ix-xogħol, soċjali u fiskali nazzjonali kif ukoll għall-ftehimiet kollettivi. Dan isaħħaħ iċ-ċertezza legali, jipproteġi d-drittijiet tal-ħaddiema u jsegwi r-rakkomandazzjonijiet tal-ELA tal-2023 dwar informazzjoni aċċessibbli u kompluta.

Emenda 200
Johan Danielsson, Marc Angel, Gabriele Bischoff, Marianne Vind, Vivien Costanzo, Vilija Blinkevičiūtė, Brando Benifei, Marit Maij, Laura Ballarín Cereza, Adnan Dibrani, Idoia Mendia, Alicia Homs Ginel, Elisabeth Grossmann, François Kalfon

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fa) Meta jkun applikabbli, il-fornituri ta' servizzi stabbiliti f'pajjiżi terzi u l-persuni li jaħdmu għal rashom jitħallew jippreżentaw dikjarazzjonijiet bil-għan li jissodisfaw ir-rekwiżiti tad-dikjarazzjonijiet nazzjonali li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2014/67/UE;

Or. en

Emenda 201
Johan Danielsson, Marc Angel, Gabriele Bischoff, Marianne Vind, Vivien Costanzo, Vilija Blinkevičiūtė, Brando Benifei, Marit Maij, Laura Ballarín Cereza, Adnan

Dibrani, Idoia Mendia, Alicia Homs Ginel, Elisabeth Grossmann, François Kalfon

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt fb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fb) jiġi permess l-iskambju ta' messaġġi bejn l-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru ospitanti u l-fornituri ta' servizzi, meta jkun rilevanti, biex jiċċaraw mistoqsijiet pendenti b'konnessjoni mad-dikjarazzjoni tal-postazzjoni u għall-iskop li jiġu ppreżentati dokumenti ta' sostenn rilevanti;

Or. en

Emenda 202
Kim Van Sparrentak, Villy Søvndal
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-Kummissjoni għandha tkun responsabbli għall-iżvilupp, il-manutenzjoni u l-operazzjoni tal-interfaċċa pubblika.	2. Il-Kummissjoni għandha tkun responsabbli għall-iżvilupp, il-manutenzjoni u l-operazzjoni tal-interfaċċa pubblika***, filwaqt li tipprovdi wkoll il-funzjonalitajiet meħtieġa f'konformità mal-Artikolu 2(1), il-punt (f), ta' dan ir-Regolament.***

Or. en

Emenda 203
Hanna Gedin, Per Clausen

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

2. Il-Kummissjoni għandha tkun responsabbli għall-iżvilupp, il-manutenzjoni u l-operazzjoni tal-interfaċċa pubblika.	2. Il-Kummissjoni għandha tkun responsabbli għall-iżvilupp, il-manutenzjoni u l-operazzjoni tal-interfaċċa pubblika***, filwaqt li tipprovdi wkoll il-funzjonalitajiet meħtieġa f'konformità mal-Artikolu 2(1), il-punt (f), ta' dan ir-Regolament.***

Or. en

Emenda 204
Sebastian Kruis, Rachel Blom, Elisabeth Dieringer, Filip Turek, Marie Dauchy, Mélanie Disdier, Séverine Werbrouck

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-Kummissjoni għandha tkun responsabbli għall-iżvilupp, il-manutenzjoni u l-operazzjoni tal-interfaċċa pubblika.	2. Il-Kummissjoni għandha tkun responsabbli għall-iżvilupp ***u*** l-manutenzjoni tal-interfaċċa pubblika.

Or. en

Emenda 205
Andreas Schwab, Pascal Arimont, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Fuq talba ta' Stat Membru ospitanti, il-Kummissjoni għandha tipprovdi l-funzjonalitajiet imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għall-forniturи ta' servizzi stabbiliti barra l-Unjoni għajr il-funzjonalità tal-kooperazzjoni amministrattiva skont il-punti 6 u 7 tal-Anness għar-Regolament (UE) Nru 1024/2012, jekk ir-regolament għall-kooperazzjoni amministrattiva ma jkunx japplika għall-Istat Membru

mittenti.

Or. en

Emenda 206
Svenja Hahn, Ivars Ijabs

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Fuq talba ta' Stat Membru ospitanti, il-Kummissjoni għandha tipprovdi l-funzjonalitajiet imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għall-forniturи ta' servizzi stabbiliti barra l-Unjoni għajr il-funzjonalità tal-kooperazzjoni amministrattiva skont il-punti 6 u 7 tal-Anness għar-Regolament (UE) Nru 1024/2012.

Or. en

Emenda 207
Pascal Arimont, Andreas Schwab, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-interfaċċa pubblika jeħtiġilha tiżgura li d-data kollha tkun tista' dejjem tiġi pproċessata b'mod effettiv mill-Istati Membri. Għalhekk, għandha tiġi garantita l-integrazzjoni bla xkiel fis-sistemi back-end nazzjonali, rikonoxxuti bħala sors ta' data awtentiku.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tenfasizza l-ħtieġa ta' integrazzjoni ottimali tal-interfaċċa pubblika fis-sistemi

back-end nazzjonali sabiex jiġi żgurat proċess effiċjenti, li joħloq inċentiv għall-Istati Membri biex jingħaqdu mal-għodda volontarja.

Emenda 208
Sebastian Kruis, Rachel Blom, Elisabeth Dieringer, Filip Turek, Marie Dauchy, Mélanie Disdier, Séverine Werbrouck

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Il-Kummissjoni għandha tkun responsabbli għat-tħaddim tal-interfaċċa pubblika.

Or. en

Emenda 209
Arba Kokalari, Angelika Winzig

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-Kummissjoni għandha tiżgura ***l-aċċessibbiltà*** għall-persuni b'diżabilità ***tal-interfaċċa pubblika u l-kontenut tagħha***.	3. Il-Kummissjoni għandha tiżgura ***li l-interfaċċa pubblika hija faċli u aċċessibbli ħafna għall-utenti kollha, inkluż*** għall-persuni b'diżabilità. ***L-interfaċċa għandha tkun disponibbli fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni, u għandha tinkludi karatteristiċi ta' appoġġ bħal għajnuna multilingwi, servizz ta' chat f'ħin reali, u flussi ggwidati għas-sottomissjoni***.

Or. en

Emenda 210
Brigitte van den Berg, Svenja Hahn, Jana Toom, Hristo Petrov

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-Kummissjoni għandha tiżgura l-aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabilità tal-interfaċċa pubblika u l-kontenut tagħha.	3. Il-Kummissjoni għandha tiżgura l-aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabilità tal-interfaċċa pubblika u l-kontenut tagħha ***f'konformità mad-Direttiva (UE) 2016/2102***.

Or. en

Emenda 211
Brigitte van den Berg, Svenja Hahn, Jana Toom, Hristo Petrov

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Stat Membru li jagħżel li jagħmel użu mill-interfaċċa pubblika għandu jinforma lill-Kummissjoni 6 xhur qabel id-data minn meta jkun beħsiebu juża l-interfaċċa pubblika.	***imħassar***

Or. en

Emenda 212
Miriam Lexmann

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Stat Membru li jagħżel li jagħmel użu mill-interfaċċa pubblika għandu jinforma lill-Kummissjoni 6 xhur qabel id-data minn meta jkun beħsiebu juża l-interfaċċa pubblika.	***imħassar***

Or. en

Emenda 213
Kosma Złotowski

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Stat Membru ***li jagħżel li jagħmel użu mill-interfaċċa pubblika*** għandu jinforma lill-Kummissjoni 6 xhur qabel id-data minn meta jkun beħsiebu juża l-interfaċċa pubblika.	1. Stat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni 6 xhur qabel id-data minn meta jkun beħsiebu juża l-interfaċċa pubblika.

Or. en

Emenda 214
Hanna Gedin, Per Clausen

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Stat Membru li jagħżel li jagħmel użu mill-interfaċċa pubblika għandu jinforma lill-Kummissjoni 6 xhur qabel id-data minn meta jkun beħsiebu juża l-interfaċċa pubblika.	1. Stat Membru li jagħżel li jagħmel użu mill-interfaċċa pubblika ***volontarja*** għandu jinforma lill-Kummissjoni 6 xhur qabel id-data minn meta jkun beħsiebu juża l-interfaċċa pubblika.

Or. en

Emenda 215
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Stat Membru li jagħżel li jagħmel użu mill-interfaċċa pubblika għandu jinforma lill-Kummissjoni ***6*** xhur qabel id-data minn meta jkun beħsiebu juża l-interfaċċa pubblika.	1. Stat Membru li jagħżel li jagħmel użu mill-interfaċċa pubblika għandu jinforma lill-Kummissjoni ***4*** xhur qabel id-data minn meta jkun beħsiebu juża l-interfaċċa pubblika.

Or. ro

Emenda 216
Kim Van Sparrentak, Villy Søvndal
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Stat Membru li jagħżel li jagħmel użu mill-interfaċċa pubblika għandu jadotta l-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jippermetti l-użu tal-interfaċċa pubblika mill-forniturі ta' servizzi li jistazzjonaw il-ħaddiema f'dak l-Istat Membru u ***biex jikkonforma mar-rekwiżiti*** tal-interfaċċa pubblika ***u tal-formola standard tad-dikjarazzjoni*** tal-postazzjoni tal-ħaddiema fi żmien debitu qabel tali użu.	2. Stat Membru li jagħżel li jagħmel użu mill-interfaċċa pubblika għandu jadotta l-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jippermetti l-użu tal-interfaċċa pubblika mill-forniturі ta' servizzi li jippostjaw ħaddiema f'dak l-Istat Membru u ***meta jkun rilevanti jitlob ukoll l-appoġġ tekniku meħtieġ mill-Kummissjoni biex tiġi żgurata l-interoperabbiltà*** tal-interfaċċa pubblika ***għad-dikjarazzjoni*** tal-postazzjoni tal-ħaddiema***, biex jittellgħu d-dokumenti u s-sistemi back-end nazzjonali*** fi żmien debitu qabel tali użu.

Or. en

Emenda 217
Hanna Gedin, Per Clausen

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Stat Membru li jagħżel li jagħmel użu mill-interfaċċa pubblika għandu jadotta l-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jippermetti l-użu tal-interfaċċa pubblika mill-forniturі ta' servizzi li jistazzjonaw il-ħaddiema f'dak l-Istat Membru u biex ***jikkonforma mar-rekwiżiti*** tal-interfaċċa pubblika ***u tal-formola***	2. Stat Membru li jagħżel li jagħmel użu mill-interfaċċa pubblika għandu jadotta l-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jippermetti l-użu tal-interfaċċa pubblika mill-forniturі ta' servizzi li jippostjaw ħaddiema f'dak l-Istat Membru u ***meta jkun rilevanti jitlob ukoll l-appoġġ tekniku meħtieġ mill-Kummissjoni biex***

standard tad-dikjarazzjoni tal-postazzjoni tal-ħaddiema fi żmien debitu qabel tali użu.	***tiġi żgurata l-interoperabbiltà*** tal-interfaċċa pubblika ***għad-dikjarazzjoni*** tal-postazzjoni tal-ħaddiema ***u s-sistemi back-end nazzjonali*** fi żmien debitu qabel tali użu.

Or. en

Emenda 218
Miriam Lexmann

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Stat Membru li jagħżel li jagħmel użu mill-interfaċċa pubblika għandu jadotta l-liġijiet***, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ***jippermetti*** l-użu tal-interfaċċa pubblika mill-forniturи ta' servizzi li jistazzjonaw il-ħaddiema ***f'dak l-Istat Membru*** u biex ***jikkonforma*** mar-rekwiżiti tal-interfaċċa pubblika u tal-formola standard tad-dikjarazzjoni tal-postazzjoni tal-ħaddiema ***fi żmien debitu qabel tali użu***.	2. ***L-Istati Membri għandhom jadottaw il-liġijiet***, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ***jippermettu*** l-użu tal-interfaċċa pubblika mill-forniturи ta' servizzi li jistazzjonaw il-ħaddiema u biex ***jikkonformaw*** mar-rekwiżiti tal-interfaċċa pubblika u tal-formola standard tad-dikjarazzjoni tal-postazzjoni tal-ħaddiema.

Or. en

Emenda 219
Kosma Złotowski

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Stat Membru li jagħżel li jagħmel użu mill-interfaċċa pubblika għandu jadotta l-liġijiet***, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ***jippermetti*** l-użu tal-interfaċċa pubblika mill-forniturи ta' servizzi li	2. ***L-Istati Membri għandhom jadottaw il-liġijiet***, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ***jippermettu*** l-użu tal-interfaċċa pubblika mill-forniturи ta' servizzi li jistazzjonaw il-ħaddiema u biex

jistazzjonaw il-ħaddiema ***f'dak l-Istat Membru*** u biex ***jikkonforma*** mar-rekwiżiti tal-interfaċċa pubblika u tal-formola standard tad-dikjarazzjoni tal-postazzjoni tal-ħaddiema fi żmien debitu qabel tali użu.

jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-interfaċċa pubblika u tal-formola standard tad-dikjarazzjoni tal-postazzjoni tal-ħaddiema fi żmien debitu qabel tali użu.

Or. en

Emenda 220
Andreas Schwab, Pascal Arimont, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Stat Membru li jagħżel li jagħmel użu mill-interfaċċa pubblika għandu jadotta l-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jippermetti l-użu tal-interfaċċa pubblika mill-fornituri ta' servizzi li jistazzjonaw il-ħaddiema f'dak l-Istat Membru u biex jikkonforma mar-rekwiżiti tal-interfaċċa pubblika u tal-formola standard tad-dikjarazzjoni tal-postazzjoni tal-ħaddiema fi żmien debitu qabel tali użu.	2. Stat Membru li jagħżel li jagħmel użu mill-interfaċċa pubblika għandu jadotta l-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jippermetti l-użu tal-interfaċċa pubblika mill-fornituri ta' servizzi li jistazzjonaw il-ħaddiema f'dak l-Istat Membru u biex jikkonforma mar-rekwiżiti tal-interfaċċa pubblika u tal-formola standard ***kif stabbilit fl-Anness I*** tad-dikjarazzjoni tal-postazzjoni tal-ħaddiema fi żmien debitu qabel tali użu.

Or. en

Emenda 221
Brigitte van den Berg, Svenja Hahn, Jana Toom, Hristo Petrov

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Stat Membru li jagħżel li jagħmel użu mill-interfaċċa pubblika għandu jadotta l-liġijiet***, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jippermetti l-użu tal-interfaċċa pubblika mill-fornituri ta' servizzi li	2. ***L-Istati Membri għandhom jadottaw il-liġijiet***, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jippermetti l-użu tal-interfaċċa pubblika mill-fornituri ta' servizzi li jippostjaw il-ħaddiema ***fl-Istat*** Membru

jistazzjonaw il-ħaddiema ***f'dak l-Istat*** Membru u biex ***jikkonforma*** mar-rekwiżiti tal-interfaċċa pubblika u tal-formola standard tad-dikjarazzjoni tal-postazzjoni tal-ħaddiema ***fi żmien debitu qabel tali użu***.	***tagħhom*** u biex ***jikkonformaw*** mar-rekwiżiti tal-interfaċċa pubblika u tal-formola standard tad-dikjarazzjoni tal-postazzjoni tal-ħaddiema ***sad-data ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament***.

Or. en

Emenda 222
Brigitte van den Berg, Jana Toom, Hristo Petrov

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri ***li jagħmlu użu mill-interfaċċa pubblika*** ma għandhom jimponu l-ebda dikjarazzjoni jew rekwiżit ta' informazzjoni addizzjonali fuq il-forniturі ta' servizzi li jissottomettu d-dikjarazzjoni tal-postazzjoni permezz tal-interfaċċa pubblika.	3. L-Istati Membri ma għandhom jimponu l-ebda dikjarazzjoni jew rekwiżiti ta' informazzjoni addizzjonali ***skont it-tifsira tal-Artikolu 9(1), il-punt (a), tad-Direttiva 2014/67/UE*** fuq il-forniturі ta' servizzi li jissottomettu d-dikjarazzjoni tal-postazzjoni permezz tal-interfaċċa pubblika. ***L-Istati Membri ma għandhom jimponu l-ebda rekwiżit addizzjonali dwar iż-żamma jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' dokumenti matul jew wara l-perjodu ta' postazzjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 9(1), il-punti (b), (c) u (d) tad-Direttiva 2014/67/UE fuq il-forniturі ta' servizzi meta dawn id-dokumenti jkunu diġà saru disponibbli permezz tal-interfaċċa pubblika.***

Or. en

Emenda 223
Hanna Gedin, Per Clausen

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

3. L-Istati Membri li jagħmlu użu mill-interfaċċa pubblika ma għandhom jimponu l-ebda ***dikjarazzjoni jew rekwiżit ta' informazzjoni addizzjonali*** fuq il-forniturita' servizzi li jissottomettu d-dikjarazzjoni tal-postazzjoni permezz tal-interfaċċa pubblika.	3. L-Istati Membri li jagħmlu użu mill-interfaċċa pubblika ma għandhom jimponu l-ebda ***sistema parallela għad-dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni relatati mal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2014/67/UE*** fuq il-forniturita' servizzi li jissottomettu d-dikjarazzjoni tal-postazzjoni permezz tal-interfaċċa pubblika. ***Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li l-awtoritajiet tal-infurzar jew korpi oħra jitolbu informazzjoni addizzjonali fejn xieraq meta jeżerċitaw funzjonijiet ta' kontroll, konformità u infurzar f'konformità mal-liġi u l-prattika nazzjonali.***

Or. en

Emenda 224
Svenja Hahn, Ivars Ijabs

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri ***li jagħmlu użu mill-interfaċċa pubblika*** ma għandhom jimponu l-ebda dikjarazzjoni jew rekwiżit ta' informazzjoni addizzjonali fuq il-forniturita' servizzi li jissottomettu d-dikjarazzjoni tal-postazzjoni permezz tal-interfaċċa pubblika.	3. L-Istati Membri ma għandhom jimponu l-ebda dikjarazzjoni jew rekwiżit ta' informazzjoni addizzjonali fuq il-forniturita' servizzi li jissottomettu d-dikjarazzjoni tal-postazzjoni permezz tal-interfaċċa pubblika. ***L-Istati Membri ma għandhom jimponu l-ebda rekwiżit addizzjonali dwar iż-żamma jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' dokumenti matul jew wara l-perjodu ta' postazzjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 9(1), il-punti (b), (c) u (d) tad-Direttiva 2014/67/UE fuq il-forniturita' servizzi fejn dawn id-dokumenti jkunu diġà saru disponibbli.***

Or. en

Emenda 225
Grégory Allione, Valérie Devaux, Stéphanie Yon-Courtin, Marie-Pierre Vedrenne,

Sandro Gozi

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri li jagħmlu użu mill-interfaċċa pubblika ***ma*** għandhom ***jimponu l-ebda dikjarazzjoni jew*** rekwiżit ta' informazzjoni addizzjonali fuq il-forniturita' servizzi li jissottomettu d-dikjarazzjoni tal-postazzjoni permezz tal-interfaċċa pubblika.	3. L-Istati Membri li jagħmlu użu mill-interfaċċa pubblika għandhom ***ikunu intitolati*** jimponu kwalunkwe rekwiżit ta' informazzjoni addizzjonali fuq il-forniturita' servizzi li jissottomettu d-dikjarazzjoni tal-postazzjoni permezz tal-interfaċċa pubblika***, dment li tali rekwiżiti jkunu debitament ġustifikati għall-kontrolli fattwali u ma jżidux piż amministrattiv fuq il-forniturita' servizzi, u s-sħab soċjali jiġu kkonsultati fl-identifikazzjoni tal-informazzjoni meħtieġa***.

Or. en

Emenda 226
Kim Van Sparrentak, Villy Søvndal
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri li jagħmlu użu mill-interfaċċa pubblika ***ma għandhom jimponu l-ebda dikjarazzjoni jew rekwiżit ta'*** informazzjoni addizzjonali ***fuq il-forniturita'*** servizzi li jissottomettu d-dikjarazzjoni tal-postazzjoni permezz tal-interfaċċa pubblika.	3. L-Istati Membri li jagħmlu użu mill-interfaċċa pubblika ***jistgħu jitolbu*** informazzjoni addizzjonali ***lill-forniturita'*** servizzi li jissottomettu d-dikjarazzjoni tal-postazzjoni permezz tal-interfaċċa pubblika***, sabiex jiżguraw li d-dikjarazzjoni jkun fiha l-informazzjoni meħtieġa mill-awtoritajiet ta' infurzar f'konformità mad-dritt nazzjonali***.

Or. en

Emenda 227
Arba Kokalari, Andrea Wechsler, Angelika Winzig, Henrik Dahl

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri li jagħmlu użu mill-interfaċċa pubblika ma għandhom jimponu l-ebda dikjarazzjoni ***jew*** rekwiżit ***ta' informazzjoni*** addizzjonali fuq il-forniturita' servizzi li jissottomettu d-dikjarazzjoni tal-postazzjoni permezz tal-interfaċċa pubblika.	3. L-Istati Membri li jagħmlu użu mill-interfaċċa pubblika ma għandhom jimponu l-ebda dikjarazzjoni***,*** rekwiżiti ***ta' informazzjoni u dokumentazzjoni*** addizzjonali fuq il-forniturita' servizzi li jissottomettu d-dikjarazzjoni tal-postazzjoni permezz tal-interfaċċa pubblika.

Or. en

Emenda 228
Miriam Lexmann

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri ***li jagħmlu użu mill-interfaċċa pubblika*** ma għandhom jimponu l-ebda dikjarazzjoni jew rekwiżit ta' informazzjoni addizzjonali fuq il-forniturita' servizzi li jissottomettu d-dikjarazzjoni tal-postazzjoni permezz tal-interfaċċa pubblika.	3. L-Istati Membri ma għandhom jimponu l-ebda dikjarazzjoni jew rekwiżit ta' informazzjoni addizzjonali fuq il-forniturita' servizzi li jissottomettu d-dikjarazzjoni tal-postazzjoni permezz tal-interfaċċa pubblika.

Or. en

Emenda 229
Kosma Złotowski

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri ***li jagħmlu użu mill-interfaċċa pubblika*** ma għandhom	3. L-Istati Membri ma għandhom jimponu l-ebda dikjarazzjoni jew rekwiżit

jimponu l-ebda dikjarazzjoni jew rekwiżit ta' informazzjoni addizzjonali fuq il-forniturі ta' servizzi li jissottomettu d-dikjarazzjoni tal-postazzjoni permezz tal-interfaċċa pubblika.	ta' informazzjoni addizzjonali fuq il-forniturі ta' servizzi li jissottomettu d-dikjarazzjoni tal-postazzjoni permezz tal-interfaċċa pubblika.

Or. en

Emenda 230
Kim Van Sparrentak, Villy Søvndal
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. L-Istati Membri li jużaw l-interfaċċa pubblika jistgħu jimponu u jimplimentaw obbligu fuq ir-riċevituri tas-servizz biex jivverifikaw id-dikjarazzjoni tal-postazzjoni f'konformità mad-dritt nazzjonali.

Or. en

Emenda 231
Miriam Lexmann

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-lista tal-Istati Membri li jagħmlu użu mill-interfaċċa pubblika kif imsemmi fil-paragrafu 3 għandha tkun disponibbli għall-pubbliku mill-Kummissjoni fuq l-interfaċċa pubblika.	***imħassar***

Or. en